

>> f'paġni 2 u 3

## Ir-riforma dwar il-liġi tal-kannabis

Tibda d-diskussjoni dwar l-proposta ta' qafas legali ġdid dwar l-użu responsabbli tal-kannabis.

BOV Premier League

>> f'paġna 47

## Sliema W. jiksbu l-ewwel rebħa tal-istaġun u Floriana jitilgħu fit-tieni post

Il-Wanderers idawru telfa f'rebħa kontra Valletta.



## Tnedija tal-iskema pilota 'Digital Connect'

>> f'paġna 4

Investiment ta' madwar €2 miljun li se jilħaq madwar 2,300 familja sabiex tkun indirizzata l-qasma diġitali.

it-TORĊA

No. 5065
Il-Ħadd 21 ta' Novembru 2021 | €1.50
talk.mt
Aqra l-gazzetta diġitali
Subscribe.mt

>> p 6 u 7 - Ħidma b'risq persuni b'diżabilità vittmi ta' pillola li kienet tingħata lil nisa tqal >> 12 - Editorjal: Fejn hi l-qalb u l-kuxjenza soċjali?

# IL-PENSJONI U L-UCA L-IKTAR LI ĠIBDU INTERESS MILL-BUDGET

Iż-żieda fil-pensjonijiet kienet l-iktar miżura li staqsew dwarha n-nies fuq il-freephone li beda jaħdem wara t-tħabbira tal-Budget. Warajha segwew il-miżuri innovattivi maħsuba bil-għan li jingħataw inċentivi biex jiġu mħarsa aħjar iċ-ċentri tal-irħula tagħna.

Bħal kull sena mijiet ta' persuni jużaw il-freephone li joffri l-gvern biex b'aktar dettalji dwar il-miżuri mħabbra mill-Ministru għall-Finanzi, jinforma aħjar liċ-ċittadini.

>> ikompli f'paġna 37



# "Nižżiltek bħala Lażżru għax litteralment qomt mill-mewt"

Il-kirurgu li opera lil John Pisani għamel nofs siegħa b'qalbu f'idu biex isalvah

>> f'paġni 8 u 9



Żagħżugħ ta' 21 sena jitlef ħajtu traġikament... passiġġiera ta' 19-il sena gravi l-isptar

>> f'paġna 37

# 111-IL TALBA GĦAL SAQAF F'10 XHUR F'GĦAWDEX

... it-talbiet saru minn Ingliżi, Libjani, Sudaniżi u Taljani. Ebda Għawdxi ma talab għajnuna għax bla saqaf

VICTOR VELLA, vvella@unionprint.com.mt

Hekk kif għal raġunijiet diversi aktar u aktar barranin qed jagħżlu li jmorru jgħixu Għawdex, fejn fost dawn ir-raġunijiet hemm l-fatt li l-kirjiet huma irħas minn Malta, qed jirriżulta li qed ikun hemm talbiet kontinwi

>> ikompli f'paġna 48



# IR-RIFORMA DWAR IL-LIĠI TAL-KANNABIS

Dil-ġimgħa l-Parlament Malti beda jiddiskuti l-proposta ta' qafas legali ġdid dwar l-użu responsabbli tal-kannabis. Tkellimna ftit mal-Ministru għall-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni, l-Onorevoli Owen Bonnici dwar ix-xogħol li sar s'issa f'dan ir-rigward. Il-Ministru qalilna, "Fit-30 ta' Marzu 2021 li għadda ġiet imnedija White Paper dwar il-Qafas Legali dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis, imbagħad abbażi ta' din il-White Paper saret konsultazzjoni pubblika. Mill-ewwel deher li dan huwa suġġett li jqanqal ħafna interess, fil-fatt kien hemm 350 sottomissjoni sakemm il-proċess għalaq formalment f'Mejju li għadda."

"Matul is-sajf li għadda mbagħad," kompla l-Ministru Bonnici, "beda u tlesta x-xogħol fuq l-abbozz waqt li baqgħu għaddejjin diversi konsultazzjonijiet, għax ridna li nisimgħu l-ideat u s-suġġerimenti ta' kull min b'xi mod jista' jkun involut. Eventwalment, l-abbozz ġie diskuss f'livell ta' Kabinett u approvat. Minn hemm imbagħad, nhar l-4 t'Ottubru, 2021 sar l-Ewwel Qari tal-Abbozz biex b'hekk inbeda l-proċess leġiżlattiv."




## L-għan ta' din ir-riforma

Jaħdem fuq dan l-abbozz kien hemm tim sħiħ magħmul minn esperti legali, xjenzati u nies li ġejjin minn setturi oħra. Staqsejna għalhekk lill-Ministru Bonnici dwar l-għan ta' din ir-riforma.

Il-Ministru qalilna, "Dan li qed nagħmlu għandu l-għan li jiddikriminalizza b'mod limitat l-użu responsabbli tal-Kannabis u li joħloq sorsi regolarizzati minn fejn persuna tista' tikseb il-kannabis u ż-żrieragħ tal-kannabis."

"Iktar importanti minn hekk," saħaq il-Ministru, "Irridu li nnaqqsu t-tbatija, l-umiljazzjoni u t-tneħħija ta' drittijiet oħra li ħafna persuni li jużaw il-kannabis għaddew minnha, meta ġew sottomessi għal proċeduri ta' arrest u proċeduri ġudizzjarji fuq pussess ta' ammonti żgħar, u fl-istess waqt nipprovdu wkoll għat-teħid ta' prekawzjonijiet sabiex jiġu protetti l-minuri, u l-pubbliku inġenerali."

"Permezz ta' din ir-riforma, il-Gvern huwa determinat li jattakka ċ-ċrieki ta' traffikar tal-kannabis, il-black market, il-ħsara li tiġi minn kwalità inferjuri u l-kriminalità li huma assoċjati magħha. Ma rridux li nħallu sitwazzjoni fejn persuna li tixtieq tagħmel użu responsabbli minn ammonti żgħar ta' kannabis ikollha tiċċappas mal-kriminalità," kompla jgħidilna l-Ministru Owen Bonnici.

Il-Ministru għamilha ċara li l-Gvern ma jrid bl-ebda mod li jinċentiva kultura tal-kannabis jew il-konsum tal-kannabis, imma din ir-riforma qed issir bħala miżura b'saħħitha ħafna ta' harm reduction, "biex innaqqsu d-dannu li jsir jekk ma nagħmlu xejn".



## Insaħħu l-ħidma kontra l-vizzji

"Mhux talli ma rridux ninkoraġġixxu l-konsum," kompla l-Ministru Bonnici, "Iżda se nibqgħu għaddejjin b'mod iffukat ħafna b'kampanji edukattivi kontra l-abbuż mis-sustanzi. Bħala Gvern anzi, komplejna nsaħħu l-isforzi tagħna anke permezz ta' ftehim mal-Ministeru responsabbli mill-politika soċjali fejn nidejna l-kampanja "No B***, Just Facts" fejn jingħataw fatti ċari dwar id-droga. Nedejna wkoll skema għall-NGOs biex jesponu messaġġi ta' għarfien fil-faċilitajiet tagħhom fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ, intenzjonati biex iħajru liż-żgħażagħ jagħmlu għażliet oħra għal saħħithom bħalma hu l-isport jew l-arti."

"Għadna kemm varajna wkoll ftehim ta' 3 snin mal-FSWS – Sedqa, b'investiment b'saħħtu ta' miljun Ewro biex ikompli x-xogħol li qed isir diġà fl-iskejjel primarji u sekondarji kif ukoll tiżdied il-preżenza fi skejjel terzjarji u fuq il-post tax-xogħol. Dan il-ftehim apparti taħriġ lill-pubbliku ġenerali ser ikun qed iqajjem aktar għarfien dwar is-servizzi ta' 'Outreach' u servizzi oħra bbażati fil-Komunità offruti lil individwi bi problemi relatati mal-abbuż ta' sustanzi u dipendenzi oħra," kompla jsostni l-Onorevoli Bonnici.

"Dan huwa Gvern li jisma', jieħu d-deċiżjonijiet u jaġixxi skont il-bżonn. Aħna l-isfidi ma nitfgħuhomx taħt it-tapit, jew nibqgħu siekta dwarhom. Ir-riformi u l-bidliet huma fil-qofol ta' kif naħdmu u kif irridu li pajjiżna jkompli jimxi 'l quddiem għall-ġid taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin," temm jgħidilna l-Ministru.

## X'tgħid ir-riforma?

1. Pussess ta' kannabis f'ammont sa seba' grammi għall-użu personali minn persuna ta' 18-il sena jew aktar mhux se jkun reat, mhux se jagħti lok għal proċeduri




**Ritratti: Pierre Sammut (DOI)**

la fil-qorti u lanqas quddiem il-Kummissarju Għall-Ġustizzja, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi li jqanqlu suspett raġonevoli ta' traffikar.

2. Pussess ta' ammont sa seba' grammi ta' kannabis minn persuna ta' taħt it-18-il sena għall-użu personali jwassal biex dik il-persuna tiġi mħarrka biex tidher quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja sabiex jiġi rakkomandat lilha pjan ta' kura.

3. Pussess għall-użu personali ta' kannabis fi kwantità ta' izjed minn seba' grammi sa tmienja u għoxrin gramma jagħti lok għal proċeduri quddiem il-Kummissarju Għall-Ġustizzja u penali ta' bejn ħamsin (50) u mitt (100) ewro u għall-konfiska tal-kannabis. Dan ukoll ma jagħtix lok għall-arrest sakemm ma jkunx hemm suspett raġjonevoli ta' traffikar.

4. Konsum ta' kannabis fil-pubbliku (ħlief jekk persuna tkun awtorizzata għal skopijiet mediċi) jagħti lok għal proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja u penali ta' €235.

5. Konsum ta' kannabis quddiem persuna taħt it-18-il sena (kemm jekk fil-pubbliku u kemm jekk fil-privat) jagħti lok għal proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja u penali ta' bejn 300 u 500 ewro.

6. Jistgħu jitħallsu online fil-minimu tagħhom il-penali l-oħra dwar pussess mhux permess (sa 28 gramma) jew tipjip fil-pubbliku meta imposti fuq persuni ta' 'l fuq minn 18-il sena.

7. Se tkun permessa l-kultivazzjoni fil-post tar-residenza ta' massimu ta' erba' pjanti tal-kannabis (irrispettivament min-numru ta' residenti). Din trid issir b'mod illi l-pjanti ma jkunux jidhru minn postijiet oħra.

8. Se jkun permess illi wieħed iżomm sa 50g ta' kannabis imnixxef fil-post ta' residenza. Jekk il-kannabis imnixxef jaqbeż il-ħamsin gramma din tinqabad mill-Pulizija u jittieħdu passi dwar il-pussess.

9. Se jkun permess illi jsiru Assoċjazzjonijiet li huma organizzazzjonijiet li l-iskop tagħhom ikun li jikkultivaw il-kannabis biex iqassmuha fost il-membri. Dawn l-organizzazzjonijiet iridu jaħdmu bħala 'non-profit organizations' u ħadd taħt it-18-il sena ma jista' jkun membru tagħhom jew ikun preżenti f'xi post immexxi minnhom. Ħadd ma jista' jkun membru ta' iżjed minn organizzazzjoni waħda ta' dan it-tip.

10. Hemm limitazzjoni tan-numru ta' membri tal-organizzazzjoni (500) u tal-ammont ta' kannabis li jista' jitqassam lil kull membru (mhux aktar minn 7 grammi kuljum b' massimu ta' 50 gramma kull xahar). L-organizzazzjoni tkun tista' tqassam ukoll sa 20 żerriegħa tal-pjanta kannabis lil kull membru kull xahar.

> Dan kollu li qed nagħmlu hu miżura b'saħħitha ta' harm reduction

11. L-organizzazzjoni fl-ebda waqt ma jista' jkollha, f'xi fond immexxi minnha jew fil-pussess tagħha aktar minn 500g ta' kannabis imnixxef.

12. Il-postijiet immexxija minn dawn l-organizzazzjonijiet ma jistgħux ikunu f'anqas minn 250 metru minn skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ u ebda indikazzjoni b'sinjali, kliem jew disinji jew mod ieħor ta' attivitajiet relatati mal-kannabis jew mal-kultura tal-kannabis ma jkunu jistgħu jintwerew minnhom.

13. L-organizzazzjoni għandha tassikura illi l-preżenza ta' post immexxi minnha ma jikkaġunax fastidju fil-lokalità fejn ikun, inkluż ukoll fastidju bi tlajjar.

14. L-organizzazzjonijiet iridu jkunu reġistrati u mogħtija permess mill-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis li hija awtorita li se titwaqqaf bl-istess Att u li se taġixxi ta' regolatur tas-settur.

15. Iridu jsegwu l-ordnijiet tal-Awtorità dwar kemm jikkultivaw kannabis, fejn inixxfuha u kif jittrasportawha. L-Awtorità twettaq ukoll kontrolli dwar il-kwantità u l-kwalità ta' kannabis imqassma.

16. Kull tliet xhur l-organizzazzjonijiet iridu jagħtu rendikont tal-attivitàtagħhom, kif ukoll tan-numru ta' membri (minbarra ma jiżvelaw isimihom) lill-Awtorità.

17. Is-sidien, it-tmexxija u s-sħubija tal-organizzazzjonijiet ikunu jikkonsistu biss f'individwi u ma għandhomx jinkludu persuni ġuridiċi jew entitajiet legali oħra.

18. L-Abbozz jipproponi li titwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis li se tirregola s-settur b'mod illi twettaq ukoll miżuri edukattivi, ta' kuntatt mal-persuni b'interess fis-settur u ta' harm reduction.

19. Huwa propost ukoll tibdil fid-definizzjoni ta' "kannabis" (li preżentament il-liġi tirreferi għalih bħala "Qanneb Indjan") b'mod illi ma tinkludix iż-żerriegħa tagħha, jew prodotti tal-kannabinojdi li ma jkunx fihom iktar minn zero punt tnejn (0.2) fil-mija ta' tetrahydrocannabinoil (THC).

20. Min instab ħati minn Qorti ta' reat li se jkun qed jiġi depenalizzat se jkun jista' jneħħi s-sentenza mill-kondotta tiegħu b'talba bil-miktub.

# Tnedija tal-iskema pilota 'Digital Connect' – investiment ta' madwar €2 miljun li se jilħaq madwar 2,300 familja sabiex tkun indirizzata l-qasma diġitali

Il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija Silvio Schembri u il-Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal Michael Falzon u nedew l-iskema Digital Connect immirata li tindirizza l-qasma diġitali.




"Din l-iskema b'investiment ta' madwar €2 miljun, li se tilħaq madwar 2,300 familja, u li permezz tagħha dawk il-familji identifikati – u għal dan hemm means test – se jkunu intitolati għal laptop kif ukoll voucher ta' €300 għal internet b'xejn għal sena sħiħa. Għal din l-iskema, identifikajna familji li għandhom dħul baxx u li konsegwentament qatgħu lura mill-aspett teknoloġiku, u għalhekk dan il-proġett pilota immirat li jimbotta 'l quddiem l-inklużjoni u l-ħiliet diġitali", qal il-Ministru Schembri.

"Dan huwa eżempju ieħor ta' kif bil-fatti ninvestu fil-poplu tagħna. Is-sena d-dieħla se nkunu qed naraw għexieren ta' miżuri soċjali ġodda kif ukoll oħrajn li se jkunu implimentati. Irridu naraw li ħadd ma jaqa' lura, u li kulħadd igawdi minn opportunitajiet ugwali. Dan hu gvern li verament qalbu tħabbat fil-post it-tajjeb u li verament jemmen fil-ġustizzja soċjali, gvern li jara li kull familja jkollha aċċess għall-bżonnijiet bażiċi sabiex jgħixu ħajja diċenti", stqarr il-Ministru Michael Falzon.

Kien spjegat li dawk li se jibbenefikaw minnha huma dawk li attwalment qed igawdu minn dawn is-servizzi tas-sigurtà soċjali; dawk li għandhom il-karta r-roża, li jirċievu pensjoni nonkontributorja, li jirċievu assistenza soċjali, ġenituri waħedhom u li jirċievu l-assistenza f'każ ta' persuni bla xogħol.

Din l-iskema se tiġi mnedija permezz ta' proġett pilota li se ssir f'dawn il-lokalitajiet: Pembroke, Ħal Luqa, is-Swieqi, Ħaż-Żebbuġ (Malta), il-Gżira, l-Imtarfa, in-Naxxar, is-Siġġiewi, il-Birgu, ir-Rabat (Malta), Għajnsielem, Ħal Qormi, Kerċem, Ħad-Dingli u San-nat. Il-familji identifikati se jkunu qed jirċievu ittra u minn hemm ikun jista' jiskatta proċess ta' applikazzjoni. Kull unità domestika tista' tissottometti biss applikazzjoni waħda, filwaqt li kull applikant ikun eliġibbli li japplika darba waħda biss. Intqal li l-iskema mhijiex abbażi ta' first-come-first-served, madankollu kull applikazzjoni se tkun eżaminata b'reqqa.

Barra minn dan, l-applikanti huma fid-dover li jaraw li l-laptop ma jistax ikun trasferit jew li jintuża minn partijiet terzi. Fil-fatt, se jkun qed isir awditjar dwar il-laptops li jkunu ngħataw. F'każ li l-laptop ma jkunx użat għal użu personali, jiġifieri li jkun trasferit, jistgħu jittieħdu passi dixxiplinarji.

Il-laptops kollha għandhom garanzija li tibda mal-mument li laptop ikun inġabar mill-bejjiegħ awtorizzat meta l-applikant ikun ippreżenta l-ittra ta' aċċettazzjoni flimkien mal-karta ta' identità. F'każ li jintilef, il-Malta Digital Innovation Authority trid tiġi infurmata.

Fil-każ ta' voucher ta' €300 ta' internet b'xejn, dawn se jkunu ddistribwiti permezz ta' ittra reġistrata.

Biex wieħed japplika, jista' jagħmel dan b'mod personali għand il-Malta Digital Innovation Authority fl-Imrieħel, u miegħu jieħu l-karta ta' identità u l-ittra ta' eliġibbiltà, jew billi jżur id-Digital Connect stand li se tkun fil-lokalitajiet, kif se jkun iggwidat mil-leaflet li se jirċievi mal-ittra tal-eliġibbiltà bil-posta.

L-iskema hija miftuħa minn nhar it-Tnejn, 29 ta' Novembru, sat-Tlieta, 21 ta' Diċembru.

Għal aktar informazzjoni, wieħed jista' jċempel fuq il-freephone 80072323 minnhar it-Tlieta, 23 ta' Novembru, jew iżur is-sit www.mdia.gov.mt/digitalconnect.



Ritratti: Clodagh O'Neill (DOI)

# APPOĠĠ



Mark Farrugia bgħattli ritratt ta' snin ilu meta kont mort Kuba. Kien hemm konferenza għall-pajjiżi mhux allineati, li kien moviment kbir internazzjonali. Hemm iltqajt ma' diversi nies li kienu qed jiktbu l-istorja dawk iż-żminijiet. Arafat kien ipoġġi fir-ringiela preċiż warajja. U kien jiġi linja miegħi.

Il-kunċett tal-pajjiżi mhux allineati kien li pajjiż ma jintrabatx ma' karru tas-superpotenzi. U jżomm d-distanza minnhom it-tnejn. La naħa u lanqas l-oħra.

Dawn il-prinċipji ġew aċċettati f'pajjiżna sa ċertu punt. Meta l-Partit Nazzjonalista ried jagħmel ħafna canvassing ħalli l-Onor Guido Demarco jġib il-voti ta' dawn il-pajjiżi fil-Ġnus Magħquda, ħalli jivvutawlu u jsir president tal-Assemblea tal-Ġnus Maqgħuda, żegħlu bihom ħafna u ħafna u marru jżuruhom, u jgħidulhom kemm jaqbel li President ikun wieħed minn pajjiż mhux allineat.

Guido Demarco sab l-appoġġ u tellgħuh. Ħalliha li xorta baqgħu jitbiegħdu mill-moviment mhux allineat sa żmien Gonzi u meta kienu qed jattakkaw lil Gaddafi, u taparsi l-ajruplani tiġrilhom il-ħsara u jinżlu Malta u jattakkawh kif jiġi f'tagħhom. Għax hekk magħmula.

Issa din id-darba ġiet fuq id-droga kannabis. U ġrat hawn Malta. Ħafna pajjiżi jitkellmu fuq il-problema tad-droga, u bir-raġun kollu. Id-droga ġġib il-qerda minn ħafna aspetti. Kemm mis-saħħa u kemm mill-but. Imma daqstant intebħu wkoll li l-kannabis mhix daqstant perikoluża, għalkemm mhix tazza ilma. Min-naħa l-oħra sabu wkoll li l-kannabis għandha elementi fiha li jistgħu jgħinu lill-bniedem li jkollu problemi. Tant hu hekk li jużawha bħala mediċina.

Teħduha bi kbira xejn. Min jaf kemm min tisimgħu jitkellem fuq trattament fl-isptar minħabba wġigħ kbir, u jgħidu li qed jagħtuh il-morfina. Il-morfina hija droga, prodott tal-pjanti li jipproduċu d-droga. Għalija pereżempju kienet sorpriża kbira li sirt naf li mediċina li jagħtu għas-sogħla fiha wkoll id-droga! Mhux se nagħti dettalji għax inkun qed immexxi l-prodott jien u nagħmel reklam.

Dan l-aħħar snin bdew jivvintaw id-drogi fil-laboratorju u bdejn nisimgħu bid-drogi sintentiċi bħalma hi LSD u oħrajn li ġew warajha.

Pajjiżi fl-Ewropa fetħu għall-kannabis b'ċerti kontrolli, li kulħadd għandu jifhem. Fl-Olanda hemm ħwienet tal-kafè fejn innies imorru mhux għall-kafè imma għad-droga kannabis.

Jikkontrollaw kif jixtruha u kif jinnegozjawha, imma min imur f'dak il-ħanut mhux se jispiċċa l-qorti. Anke f'pajjiżna l-piena fuq l-użu tad-droga kannabis għall-użu personali saret multa li mhux tmiss is-smewwiet.

Fl-Ewropa, l-Lussemburgu wasal li jgħaddi liġi li min iħawwel sa 4 pjanti ma jeħel xejn, basta għall-użu personali tiegħu, u meta joħroġ fuqu jkollu biss mhux aktar minn tliet grammi.

F'Malta dan is-suġġett ġie fuq l-aġenda politika riċentament. Il-gvern refa' r-responsabbiltà imma mbagħad wieħed kien jistenna, li f'materja bħal din, li tolqot lit-tfal ta' kulħadd, ikun hemm kif taħsibha l-Oppożizzjoni.

Tkellem Bernard Grech u qal li wieħed ikun irid jikkontrolla l-bejgħ u x-xiri tagħha. Imma ma qalx li għandha tibqa' l-liġi kif inhi llum, li anke ftit u anke b'piena żgħira, il-kannabis kellha tibqa' illegali. Ħafna kienu qed jistennew, li la darba tkellem il-mexxej tagħhom, l-oħrajn jimxu warajh.

Meta l-kwistjoni tiġi quddiem il-grupp Parlamentari tal-Partit Nazzjonalista, flok benġluha u qalu bħal jew kważi bħalu, ħargu jgħidu bil-maqlub. Ma jridux l-ebda emenda. Issa ħargu ż-żgħażagħ li qalu iva, hemm bżonn bidla, imma sa ċertu punt.

Staqsewhom il-ġurnalisti jekk ikun fil-gvern jikkunsidrawx li jħassru l-liġi. Qalu li hu prematur li titkellem b'dan il-mod.

Wiegħbu sew. Hekk sewwa u xieraq. Kif inhuma sejrin l-affarijiet fi ħdanhom, ftit li xejn għandhom ċans jagħmlu xi ħaġa bħala gvern. Dan mhux bħal logħob tal-kliem man-non-alineati.



minn **Dr JOE BRINCAT**

# Riċerka tal-Perit Audrey Demicoli meqjusa li tat kontribut lit-trasport fuq livell internazzjonali




Il-Perit Audrey Demicoli ppreżentat ir-riċerka tad-dottorat tagħha fil-Kungress Dinji għat-Trasport li sar f'Dubai aktar kmieni dan ix-xahar u li kien organizzat mill-International Road Federation. Il-Perit Audrey hija l-ewwel ċittadin Malti li ppreżenta riċerka fit-trasport f'dan il-Kungress Dinji. L-astratt tar-riċerka tagħha ġie approvat mill-Global Scientific Committee fejn tali riċerka ġiet identifikata li tagħti kontribut fil-qasam tat-trasport fuq livell internazzjonali. Ir-riċerka tagħha se tiġi ppubblikata fil-ġurnal internazzjonali xjentifiku Springer fix-xhur li ġejjin. Meta tkellimna mal-Perit Audrey qaltilna, "jien inħossni kburija li kelli din l-opportunità li nagħmel ġieħ lil pajjiżi fuq livell dinji."

Il-Perit kienet ilha taħdem fil-qasam tat-trasport għal dawn l-aħħar tnejn u għoxrin sena fejn hi kienet l-ewwel mara perit li daħlet taħdem fid-Dipartiment tat-Toroq fuq diżinn w bini ta' proġetti nfrastrutturali. Illum hija ngħaqdet mat-tim tal-Building and Construction Authority.











# Ħidma b'risq persuni b'diżabilità vittmi ta' pillola li kienet tingħata lil nisa tqal



Tard fis-Snin 50 sa tard fis-Snin 60, fuq medda ta' madwar 10 snin, nisa f'Malta u Għawdex li fil-bidu ta' tqala kienu jbatu minn tqalliegħ tal-istonku kmieni filgħodu kienu jiġu rakkomandati jieħdu pillola bl-isem Thalidomide. Fl-istess perjodu kienu qegħdin jitwieldu trabi b'diżabilità partikolari u li wara rriżulta li dan kien kawżat minn din il-pillola. Hekk kien ġara wkoll f'diversi pajjiżi barranin, fosthom il-Ġermanja u r-Renju Unit.

Il-pillola Thalidomide oriġinarjament kienet prodott Ġermaniż li ħareġ fis-suq f'nofs is-Snin 50 u aktar tard, fis-sena 1958, il-pillola kienet bdiet tinħadem ukoll fir-Renju Unit u nħarġet fis-suq bl-isem Distaval.

Interessanti huwa l-fatt li filwaqt li din il-pillola kienet irtirata formalment mis-suq Ġermaniż u dak tar-Renju Unit fl-aħħar xahrejn tas-sena 1961, f'Malta jidher li baqgħet fis-suq sa mill-inqas sas-sena 1967. Aktar interessanti huwa l-fatt ukoll li sa sena wara, fl-1968, seba' snin wara li rtirawha mis-swieq tagħhom, il-Ġermaniżi u l-Ingliżi kienu diġà waslu fi ftehim barra l-Qrati għal kumpens lill-vittmi. Fis-sena 1962 ġenituri Ingliżi milqutin minn din il-konsegwenza kienu diġà ffurmaw soċjetà bejniethom, The Thalidomide Society, biex tħares u titkellem għad-drittijiet tagħhom. F'Malta ma jidhirx li kien hawn xi assoċjazzjoni ta' din ix-xorta biex taħdem fuq binarji simili.

Riċentement bdiet ħidma konġunta bejn il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja Julia Farrugia Portelli, l-Ewroparlamentari Laburista Alex Agius Saliba u Anatole Baldacchino, persuna b'diżabilità kawża tal-pillola inkwistjoni bil-għan li fuq livell lokali jinstabu dawk in-nies li ġew affettwati mill-pillola tat-Thalidomide. Fuq livell Ewropew, qiegħda ssir ħidma biex l-Unjoni Ewropea tfittex li jingħata kumpens mill-kumpanija produttriċi lil dawn il-vittmi mhux biss f'Malta imma anke f'pajjiżi oħrajn lil hinn mill-Ġermanja u r-Renju Unit.

Fil-15 ta' Diċembru 2016 il-Parlament Ewropew kien ivvota favur mozzjoni li permezz tagħha għaddiet riżoluzzjoni favur ħidma kollettiva bil-għan li vittmi ta' din il-pillola minn pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea jkunu kumpensati. Madankollu l-progress fuq din il-mozzjoni kien wieħed limitat ħafna.

Fuq bażi lokali l-ħidma inizjali hija biex tinġabar informazzjoni dwar il-persuni f'Malta u Għawdex li għadhom ħajjin ibatu mid-diżabilità kawżata. Huwa maħsub li f'Malta għad hawn bejn 30 u 40 persuna jbatu minn din id-diżabilità partikolari.

Il-Ministru Farrugia Portelli qalet lil dan il-ġurnal li l-każ ta' Anatole Baldacchino jirrappreżenta każ ta' numru ta' persuni li kawża ta' mediċina perikoluża li tħalliet tinbiegħ f'Malta spiċċaw b'diżabilità. "Permezz ta' dan l-eżerċizzju qegħdin naraw li kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell Ewropew Malta ssemma' leħinha. F'ħidma konġunta mal-Ewroparlamentari Laburista Alex Agius Saliba se naraw l-ewwel li jkollna statistika ta' kemm għandna eżattament persuni b'diżabilità kawża ta' din il-pillola u mbagħad inkomplu nifirxu ħidmietna bil-għan li ssir ġustizzja ma' dawn il-persuni," qalet il-Ministru Farrugia Portelli.

Sadattant min-naħa tiegħu l-Ewroparlamentari Laburista Alex Agius Saliba qal li fil-jiem li għaddew beda pressjoni mal-Kummissjoni Ewropea permezz ta' Mistoqsija Parlamentari biex pazjenti Maltin u oħrajn Ewropej affettwati mill-pillola Thalidomide jingħataw kumpens xieraq kif ħadu pazjenti fil-Ġermanja u kif ħadu pazjenti fir-Renju Unit direttament minn fondi Ewropej.

"Bdejt din l-inizjattiva wara intervent li għamlet il-Ministru Farrugia Portelli li flimkien magħha qegħdin naħdmu biex tinġabar l-informazzjoni u ssir anke pressjoni bilaterali fuq il-Gvern Ġermaniż biex naraw kemm mil-lat ta' Kummissjoni Ewropea kif ukoll mil-lat bilaterali sabiex issir ġustizzja ma' dawn il-vittmi," qal l-Ewroparlamentari Agius Saliba.

> Se naraw l-ewwel li jkollna statistika ta' kemm għandna eżattament persuni b'diżabilità kawża ta' din il-pillola u mbagħad inkomplu nifirxu ħidmietna bil-għan li ssir ġustizzja ma' dawn il-persuni

Anatole Baldacchino qal li nħasset il-ħtieġa li tkun iffurmata assoċjazzjoni, Thalidomide Survivors Malta, biex dawk kollha vittmi tagħha jinġabru taħt kappa waħda. "Minn riċerka li għamilt jirriżulta li din il-pillola kienet tintuża ħafna f'Malta bejn is-sena 1958 u s-sena 1967. Fis-sena 1961 il-pillola kienet projbita internazzjonalment imma sfortunatament f'pajjiżna baqgħet fis-suq. Ovvjament ġew affetwati tfal f'ġuf ommhom, kien hemm min lanqas laħaq twieled u oħrajn għexu għal ftit żmien. Dawn l-ammonti ma kienux ftit. L-iskop tagħna huwa li niġbru lil dawk li għadhom ħajjin biex inkunu l-vuċi tagħhom kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta. Jien wieħed minnhom u naf x'iħossu persuni bħali u għalhekk nappella biex dawk li jaħsbu li ġew affetwati minn din il-pillola u li llum nassumi li għandhom bejn 55 u 65 sena, biex jersqu 'l quddiem u jagħtu l-informazzjoni dwarhom infushom ħalli wara jkunu jista' jsir kuntatt magħhom," qal Anatole.

Persuni b'diżabilità li jaħsbu li huma vittmi ta' din il-pillola għandhom jagħmlu kuntatt mal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja billi jibagħtu email fuq inclusion.misw@gov.mt.

### Premju Soċjetà Ġusta

Il-ħidma, l-impenn u d-dedikazzjoni li wrew persuni jew azjendi partikolari fis-settur tad-diżabilità se jkunu għal darb'oħra rikonoxxuti, apprezzati u ppremjati permezz tal-Premju Soċjetà Ġusta li se jkun il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet tul il-ġimgħa ddedikata lid-diżabilità li taħbat bejn it-3 u l-10 ta' Diċembru 2021.

Se jkunu qegħdin jingħataw ħames premjijiet: premju għal kisba tul il-ħajja fis-settur tad-diżabilità; premju għal ħidma fit-tisħiħ tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità; Premju Soċjetà Ġusta; premju parteċipazzjoni attiva fl-isport, arti u kultura; premju għall-iktar post tax-xogħol li jopera b'mod inklussiv.

It-tnedija tal-Premju Soċjetà Ġusta sar mill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja Julia Farrugia Portelli li mal-ġurnal It-Torċa spjegat li "permezz ta' dan il-Premju l-Gvern irid jirrikonoxxi lil dawk il-persuni li bil-kwalitajiet tagħhom irnexxielhom jagħmlu differenza kbira u pożittiva fil-ħajjiet tal-persuni b'diżabilità. Il-Gvern irid jesprimi apprezzament lil kull min jaħdem għal soċjetà iżjed inklussiva fejn persuni b'diżabilità u dawk qrib tagħhom ikunu jistgħu jesperjenzaw atteġġjamenti aktar miftuħin, aċċessibilità u kundizzjonijiet li jinkoraġixxu għixien indipendenti u fil-komunità."



Ritratt: Kevin Abela (DOI)

Il-Ministru Farrugia Portelli żiedet tgħid lil dan il-ġurnal li l-prinċipju li se jiggwida l-għażliet għal dan il-premju se jkun dak li jkollna soċjetà aktar ġusta fejn il-persuni b'diżabilità jieħdu sehem attiv fil-komunità. "Bħala soċjetà huwa fid-dmir tagħna li nkissru l-isterjotipi. Irridu nippremjaw u nroddu ħajr lil dawk li b'għemilhom jimbuttaw lil persuni b'diżabilità biex jistinkaw ħalli f'ħajjithom joħorġu l-abilitajiet tagħhom u anke jilħqu l-aspirazzjonijiet li jkollhom. Il-Premju Soċjetà Ġusta jgħaqqad ukoll mal-valuri li tnedew fl-Istrateġija Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Persuni b'diżabilità iktar kmieni din is-sena. Dan il-premju jagħti rikonoxximent lill-individwi b'diżabilità u organizzazzjonijiet volontarji li matul is-sena jaħdmu bla heda u jniedu diversi inizjattivi relatati ma' dan is-settur sabiex tiżdied l-aċċessibilità u l-inklużjoni," temmet tgħid lil 'It-Torċa' il-Ministru Farrugia Portelli.

L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru 2021 f'nofsinhar. In-nominazzjonijiet jintlaqgħu mill-Bord ta' Evalwazzjoni għall-Premju Soċjetà Ġusta 2021. Il-formola ta' applikazzjonijiet trid tittieħed jew tintbagħat fl-uffiċċju tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, 89, Palazzo Francesco, Triq Sir Ugo Mifsud, Ħal Lija. Tista' tintbagħat ukoll online fuq is-sit www.inklużjoni.gov.mt. Il-formola tista' tinkiseb mill-istess uffiċini kif ukoll mis-sit elettroniku.

## Kumitat Konsultattiv ta' Aġenzija Sapport

Aġenzija Sapport, aġenzija nazzjonali fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja u li taħdem fil-qasam ta' persuni b'diżabilità, nediet l-ewwel Kumitat Konsultattiv tagħha. Dan il-kumitat se jkun qed jipprovdi forum għal rappreżentazzjoni tal-benefiċjarji tas-servizzi tal-Aġenzija Sapport u tal-qraba jew kustudji legali tagħhom. Permezz ta' dan il-kumitat persuni b'diżabilità li jużaw servizz wieħed jew aktar provduti mill-Aġenzija Sapport se jkunu qegħdin jingħataw l-opportunità jagħmlu suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet dwar is-servizzi offruti mill-Aġenzija.

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja Julia Farrugia Portelli rreferiet għat-tnedija ta' dan il-kumitat bħala "inizjattiva ġdida li l-għan tagħha huwa li tiffaċilità djalogu u jinkoraġġixxi l-qsim ta' esperjenzi bejn persuni b'diżabilità u professjonisti fuq affarijiet li huma esklussivament relatati mas-servizzi ta' Aġenzija Sapport. Inizjattiva li se tkun qed toffri wkoll spazju fejn il-persuni b'diżabilità ikunu jistgħu jsemmgħu leħinhom dwar dak li jolqothom direttt mill-perspettiva tagħhom. Il-Kumitat se jkun qed jara wkoll li l-programmi u pjanijiet li tħejji l-Aġenzija Sapport għal persuni li jużaw servizzi tagħha jiġu pjanati u implimentati bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-istess persuni li jibbenefikaw minnhom."

Il-Ministru Farrugia Portelli żiedet tgħid li l-ħolqien ta' dan il-kumitat "huwa parti minn eżerċizzju akbar fejn qegħdin nistiednu lill-imsieħba tagħna jipparteċipaw bil-għan li ntejbu s-servizzi u nilħqu bl-aħjar mod possibbli l-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità."

Fi kliem il-Kap Eżekuttiv ta' Aġenzija Sapport, Ruth Rose Sciberras, din l-inizjattiva hija pass ieħor importanti lejn l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jirrigwardjaw lilhom.

Il-Kumitat Konsultattiv se jkun iffurmat minn seba' membri u tliet rappreżentanti ta' Aġenzija Sapport. It-terminu se jkun ta' sena, bis-sejħa għall-applikazzjoni ssir kull sentejn fejn jingħażlu 14-il membru, sebgħa għal kull sena. Fuq il-Bord tal-Għażla ta' dawn il-membri se jkun hemm ukoll rappreżentanza tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) kif ukoll mill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (SCSA).

Aktar informazzjoni, inkluż it-termini u kundizzjonijiet ta' kif wieħed għandu japplika jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija www.sapport.gov.mt.

L-applikazzjonijiet fetħu diġà u jibqgħu jintlaqgħu sat-2 ta' Jannar, 2022. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jkunux aċċettati.



Ritratt: Pierre Sammut (DOI)

> "Inizjattiva li se tkun qed toffri wkoll spazju fejn il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jsemmgħu leħinhom dwar dak li jolqothom direttt mill-perspettiva tagħhom"



# "NIŻŻILTEK BĦALA LAŻŻRU GĦAX LITTERALMENT QOMT MILL-MEWT"

## Il-kirurgu li opera lil John Pisani għamel nofs siegħa b'qalbu f'idu biex isalvah...

CARMEN CACHIA
carmen.cachia@unionprint.com.mt



Rebbieħ tal-Gold Award mill-Istitut tal-Ġurnalisti, bi kważi 30 sena esperjenza fil-midja, John Pisani huwa l-aktar magħruf għax-xogħol investigattiv li kien jagħmel fejn, grazzi għall-kuntatti u s-sorsi mill-aqwa li kellu, kien iżomm lill-poplu Malti aġġornat bil-kronaka lokali. Dan l-eks-ġurnalist, illum pensjonant, din is-sena għadda minn esperjenza partikolari li fiha seta' tilef ħajtu. F'intervista ma' IT-TORĊA jaqsam magħna dak kollu li għadda minnu u xi ħsibijiet għaddewlu minn moħħu meta sar jaf li fit-teatru tal-operazzjoni kien mejjet għal 30 minuta b'qalbu f'idejn il-kirurgu li baqa' jippompjahielu sakemm Pisani reġa' "qam mill-mewt".

"Li ma kienx għall-kirurgu Kevin Schembri illum m'inix hawn miegħek. Wara li għaddejt minn dan kollu, kulma nixtieq huwa li mqar ngħix biex nara lin-neputija Amelya tiggradwa mill-Università u nkun jien li neħodilha r-ritratt tal-gradwazzjoni". Hekk beda John Pisani li minkejja kollox, għadu jitbissem u jitkellem b'determinazzjoni liema bħalha għall-futur.

Dan il-ġurnalist veteran irrakkonta kif għal perjodu ta' żmien innota li waqt li kien ikun qiegħed jara t-televiżjoni, kien qiegħed ibati biex jieħu n-nifs.

### Diffikultà biex jieħu n-nifs irriżultat problema serja fil-qalb

"Jien tip ta' bniedem li kont nagħmel minn kollox biex nevita t-tobba. Inkun miġugħ u ngħid issa jgħaddili. Kollox beda lejn l-aħħar tas-sena 2020 u kont ili bejn tliet u erba' xhur inbati biex nieħu n-nifs. Għall-bidu ma tajtx kas. Dan sakemm darba qomt minn fuq is-sufan u għidt lil marti li tlaqt lejn iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta u mn'alla għamilt hekk. Inħoss li kont iffortunat ħafna li fittixt l-għajnuna eżatt fil-ħin," spjega Pisani.

*"Każ ieħor li seħħ meta kont għadni naħdem bħala cameraman max-Xandir meta seħħet l-isplużjoni tal-Oxford f'Raħal Ġdid. Niftakar li kienu bagħtuni biex niġbed filmat tal-funeral ta' omm u binha imma meta dħalt fil-knisja sibt tebut wieħed. L-abjad ma deher imkien. Imbagħad staqsejt persuna li jaf lill-familja jekk humiex se jidfnu lit-tifel u qalli li t-tifel jinsab mgħannaq m'ommu fl-istess tebut. Dak il-ħin saqajja litteralment dagħbu. Immaġinajthom dawn mietu flimkien u qegħdin mgħannqin fit-tebut. Dik ma ninsiha qatt".*

Huwa qal li fiċ-Ċentru tas-Saħħa sarulu għadd ta' testijiet u ġie rrakkomandat għand professur biex jagħmel stress test. Meta huwa mar l-Isptar Mater Dei sarlu dan l-istress test kif ukoll xi testijiet oħra sakemm ġie deċiż li jsirlu anġogram, dik li ħafna jafuha bħala l-molla fil-qalb. Dan minħabba li sabulu vina misduda.

Mistoqsi kif ħa din l-aħbar, Pisani bi tbissima qal li, "jien bniedem kalm ħafna. Kieku ma kontx hekk, kieku ili mejjet mill-1992 minħabba inċident gravi tat-traffiku li kelli.

Tlajt fuq centre strip u qbadt it-telecell, li dak iż-żmien qisu arma għax kien fih daqshiex u kont jien stess li bil-kalma kollha ċempilt għall-għajnuna. Meta ġew tal-ambulanza beżgħu u qaluli li riedu jċemplu tal-SAG biex jaqtgħu l-karozza ħalli joħorġuni. Jien insistejt li noħroġ jien u hekk sar. Minħabba l-ġrieħi li sofrejt qattajt sitt ġimgħat fl-isptar". Dan il-pensjonant, li issa laħaq l-età sabiħa ta' 69 sena, jemmen li dakinhar ta' dan l-inċident kien żied ħajja oħra.

### 10% biss ċans li joħroġ minnha

Il-kuraġġ u r-reżiljenza tiegħu għenuh fil-ħajja u l-istess fil-każ tal-problema f'qalbu. Għall-bidu l-ħsieb kien li ssir il-molla, li jieħdu ibnu filgħodu fl-isptar, jingħata anestesija lokali, ilestuh u sa filgħaxija jirritorna d-dar. Pisani qal kif, "il-Kirurgu Schembri ġie fuqi u staqsieni lil min tal-familja jista' jċempel għax se jkollu joperani. Ċemplu lit-tifel. Jien sirt naf kollox wara għax irrakkontawli x'eżattament ġara".

Meta l-Kirurgu tkellem ma' ibnu Brandon qallu li se jkollu joperah minħabba li t-testijiet irriżultaw li għandu l-vina misduda kompletament u se jkollhom jagħmlulu double bypass urġenti għax kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Qalulu li l-affari kienet ferm aktar serja milli ħasbu tant li jaħsbu li hemm 10% biss ċans li joħroġ minnha.

Pisani jmur lura għal dak il-jum tal-operazzjoni delikata f'qalbu fejn jisħaq li kien il-Kirurgu Schembri u t-tim tiegħu li salvawlu ħajtu. "Operani, ħietni u kien lest. Kif kont għadni fit-teatru tal-operazzjoni, qalbi litteralment waqfet u mitt. Reġa' fetaħni u bl-interventi tax-xokkijiet u l-messaġġi manwali b'qalbi f'idejh għal 30 minuta, salvani," spjega Pisani. L-eks ġurnalist qal li ovvjament huwa ma kien jaf b'xejn u dan sakemm irrakkontawlu kollox it-tobba u l-qraba b'dak li ġara waqt li kien fuq il-mejda



**ISEM:** John Pisani
**DATA TAT-TWELID:** 12 ta' Frar 1952
**STATUT:** Miżżewweġ lil Rose
**ĠENITUR TA':** Brandon (li ħa l-linja ta' missieru u llum il-kelliem uffiċjali għall-Korp tal-Pulizija) u Ryan (li jgħix u jaħdem bħala direttur eżekuttiv f'kumpanija fl-Istati Uniti, miżżewweġ lil Jaime)
**NANNU TA':** Amelya li għandha tmien snin.
**PROFESSJONI:** Ġurnalist investigattiv
**UNURI:** Gold Award mill-Istitut tal-Ġurnalisti fl-2016. Fl-1996 John Pisani u Joe Mifsud (illum maġistrat) rebħu l-Premju tal-IĠM għall-aħjar produzzjoni televiżiva għal servizz li għamlu mill-Palestina meta saret l-ewwel elezzjoni hemmhekk li rebaħ Yasser Arafat. Pisani kien il-cameraman/editor u Mifsud kien il-ġurnalist.
**KARRIERA:** Produzzjoni ta' programmi ta' aħbarijiet u intervisti Maltin fil-Kanada (sentejn), News Cameraman ma' Xandir Malta (disa' snin), Xogħol ta' kordinament tal-Kamra tal-Aħbarijiet mas-SuperOne (sentejn), Ġurnalist investigattiv/fotografu mal-UnionPress (17-il sena) sakemm ħareġ bil-pensjoni, Ġurnalist mal-MaltaToday u Llum (sena, Media Officer u fotografu mal-Ministeru tal-Intern u Head of Customer Care (tliet snin) kif ukoll fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.
**PREŻENTEMENT:** Self employed bħala media advisor mal-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal.
**PASSATEMPI:** Fotografija (favoriti x-xenarji u n-neputija Amelya)
**KWOTAZZJONI FAVORITA:** "Getting old is only mind over matter… if you don't mind getting old, then it doesn't matter".

tal-operazzjoni.

### Kienu qegħdin jaraw jekk moħħi huwiex jaħdem tajjeb...

Wara l-operazzjoni, lil tal-familja infurmawhom li jinsab rieqed fejn qalulhom 'qalbu ok, taħdem tajjeb u m'hemmx problemi imma ma nafux moħħu kif inhu minħabba l-ossiġnu. La jqum, inkunu nafu'. Kif wieħed jista' jimmaġina dan il-kliem ma kienx faċli għall-għeżież tiegħu imma Pisani ma kienx jaf x'inhuwa jiġri għax il-oppju nessih ċerti affarijiet. Jgħid li kif ġie f'tiegħu l-infermieri ta' kuljum kienu jistaqsuh in-numru tal-Karta tal-Identità tiegħu u "wara xi darbtejn, tlieta rrealizzajt li kienu qegħdin jaraw jekk moħħi huwiex jaħdem tajjeb".

Dan il-ġurnalist veteran dam l-isptar ġimgħa u għal dan il-perjodu ħadd ma seta' jmur jarah peress li kien żmien fejn il-viżitaturi ma setgħux jidħlu. Jiftakar li meta qam mill-operazzjoni nħasad għax ma kienx jaf x'ġara. Sab li ġismu kien mimli punti u mbenġel kollu. Dan kien kollu riżultat tal-isforz fl-operazzjoni biex isalvawlu ħajtu. "M'għandix kliem biżżejjed biex nirringrazzjahom u nfaħħarhom tax-xogħol mill-aqwa li jagħmlu. Mhux it-tobba biss imma kulħadd, minn fuq s'isfel," kompla Pisani.

Huwa qal li wara l-operazzjoni ma ħassx uġigħ u li fil-fatt l-għada kien tajjeb biżżejjed biex iqum mis-sodda u jimxi. Sakemm mar id-dar Pisani ma kienx għadu konsepevoli kompletament ta' x'għadda minnu. Illum il-ġurnata jaf għax kemm tal-familja kif ukoll it-tobba, spejgawlu kollox.

*"L-aktar storja li impressjonatni ġrat snin ilu. Dan il-każ kien ta' wieħed fl-Azzjoni Kattolika li kien mar fuq missjoni barra minn Malta. Meta ġie lura huwa qal lil ommu li se jġib waħda b'tarbija u se jiżżewwiġha b'att ta' karità. Ommu kienet oġġezzjonat iżda huwa insista u ġabhom. Maż-żmien it-tifel beda jitfarfar u kull meta kien jisma' t-trakk tiegħu ġej mix-xogħol kien joħroġ u joqgħod jistennih mal-grada. Darba ġara li l-grada nfetħet, ħareġ u għaffġu bir-roti ta' wara. Ġabu biex jagħtih futur u ħadlu ħajtu. Ħadtha bi kbira ħafna u mhux jien biss. Niftakar il-maġistrat fuq il-post ma felaħx ukoll għax ħassu emozzjonat. Kien hemm qtil, rajt ħafna kadavri imma dan il-każ ma nistax ninsih u ħassejt għall-familja kollha".*

### Każ li t-tobba qatt mhuma se jinsew

Il-kirurgu Schembri wara qallu li meta ġie biex jimlilu l-karti, kien niżżlu bħala Lażżru għax 'litteralment qomt mill-mewt'. Pisani jiftakar lill-istess kirurgu jgħid lill-kollegi li l-każ tiegħu huwa wieħed li qatt m'huma se jinsewh għall-bqija ta' ħajjithom. Żied jgħid li, "għalija salvali ħajti għall-fatt li baqa' b'qalbi f'idu jinsisti u jippompja biex isalvani". L-eks ġurnalist spjega lil dan il-kirurgu Malti qatt ma kien jafu qabel ma ġietu din il-problema f'saħħtu għax jaħdem biss Mater Dei u ddeskrivih bħala persuna ġentili ħafna.

Mistoqsi kif kien l-irkupru wara operazzjoni serja bħalma kellu, Pisani qalilna li beda jiġi f'postu bil-mod il-mod u waħda mill-affarijiet li għenitu hija l-eżerċizzju billi kien jimxi madwar id-dar u jitla' t-taraġ ta' kull lejl biex imur jorqod. L-aktar ħaġa li jħoss in-nuqqas tagħha hija proprju l-għażiża neputija tiegħu Amelya "għax jien il-ġugarell uman tagħha… Kif tiġi minn barra b'ġirja għal fuqi imma qalulha li issa ma nistax. Is-saħħa ma nistax ngħid li naqset għax l-ispirtu għadu hemm imma differenti". Dan in-nannu kien jieħu gost jilgħab ħafna man-neputija tiegħu iżda minn wara l-operazzjoni 'l hawn ma jistax daqs u bl-istess mod kif kien qabel.

Min-naħa tiegħu John Pisani jrid jagħmel appell importanti biex jekk persuna tħoss xi wġigħ, importanti li ma tħallix għall-aħħar. Il-parir tiegħu hu li, "m'hemmx għalfejn wieħed jibża'. Morru ċċekkjaw… jekk mhux għalikom, għamluha għall-familja u għal min iħobbkom".

"Operani, ħietni u kien lest. Imbagħad qalbi waqfet u mitt. Reġa' fetaħni u bl-interventi tax-xokkijiet u l-messaġġi manwali b'qalbi f'idejh għal 30 minuta, salvani"

– John Pisani

it-TORĊA

# IRRESTAWRA L-FAĊĊATA



L-Awtorità tal-Ippjanar qed tniedi l-iskema 'Irrestawra l-Faċċata' sabiex inkomplu nsebbħu ċ-ċentri tal-irħula tagħna li jinsabu f'Żoni ta' Konservazzjoni Urbana (UCAs).

Inti tista' tapplika biex tibbenefika minn fondi sa massimu ta' €10,000. Kif ukoll €800 addizzjonali għall-miżati professjonali u €200 għall-miżati tal-permessi mill-Kunsill Lokali li ser jgħinuk twettaq xogħlijiet ta' manutenzjoni u restawr li jsebbħu l-karatteristiċi tradizzjonali tal-bini u d-dehra tat-triq.

L-ISKEMA ISSA ĠIET ESTIŻA GĦAL BINI KUMMERĊJALI WKOLL.

**Talbiet għal finanzjament jistgħu jiġu sottomessi sat-30 ta' Novembru 2021.**

PLANNING AUTHORITY

IRRESTAWRA DAREK

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR

# Miexi ġmielu x-xogħol fuq proġett ta' tħaddir fl-urban fil-Ħamrun



Bħalissa qed tiġi installata struttura tal-azzar li tiżen madwar 40 tunnellata li hija ċentrali għall-proġett ta' tħaddir urban f'Misraħ is-Sebgħa ta' Ġunju 1919 fil-Ħamrun. Din l-istruttura magħmula minn 132 travu tal-azzar li jistrieħu fuq tmien kolonni u se sservi ta' appoġġ għal dan il-proġett ta' ekoloġizzazzjoni li se jġib in-natura f'din iż-żona b'popolazzjoni densa.

Il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar Aaron Farrugia flimkien mal-Kap Eżekuttiv tal-WasteServ Richard Bilocca żaru s-sit biex jaraw il-progress li sar s'issa. Il-Ministru Aaron Farrugia qal li dan il-proġett qed iressaq in-natura qrib ix-xogħol u l-ħwienet, u joffri lir-residenti spazju ta' rikreazzjoni biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom. Postijiet bħal dawn se jippromwovu wkoll sens ta' komunità fejn ir-residenti jistgħu jingħaqdu flimkien.

"Dawn ix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa minn GreenServ fil-Pjazza Sebgħa ta' Ġunju 1919 fil-Ħamrun fejn bħalissa qed nagħmlu proġett ta' tħaddir fl-urban. Dawn ix-xogħlijiet issa waslu fil-fażi finali tagħhom. Iċ-ċokon ta' pajjiżna jitlob minna biex inkunu innovattivi u kreattivi fil-mod kif nużaw l-ispazji li għandna disponibbli għalina. Hawnekk se jkun hawn iżjed minn 132 travu tal-azzar fuq tmien kolonni li permezz tagħhom se jkollna ġnien elevat li jista' jitgawda mir-residenti tal-madwar u dawk oħrajn li jżuru dan il-post. Qed inbassru li dan il-proġett se jkun qed jitlesta fix-xhur li ġejjin permezz tal-ħidma tal-Ministeru għall-Ambjent, flimkien ma' GreenServ biex inkomplu nħaddru l-lokalitajiet Maltin u Għawdxin", żied jgħid il-Ministru Farrugia.

Il-Kap Eżekuttiv tal-WasteServ Richard Bilocca qal li dan il-proġett miexi sew. Huwa qal li l-WasteServ taħt il-fergħa ta' implimentazzjoni l-ġdida tagħha GreenServ hija kburija li qed timplimenta proġetti li se jagħmlu differenza fil-ħajja tan-nies.

Bilocca qal li l-Ministeru għall-Ambjent talab lil GreenServ biex tagħżel numru ta' siti ġewwa Malta li bagħtew b'mod partikolari minn urbanizzazzjoni qawwija u fihom toħloq spazji ħodor ġodda biex ikunu jistgħu jitgawdew min-nies. "Ftit xhur wara qed naraw il-frott ta' din il-ħidma permezz tal-progress li sar fuq dan ix-xogħol fejn in-nies għall-bidu tas-sena d-dieħla se jkollhom spazju miftuħ u ħadrani viċin tad-dar tagħhom f'post fejn huwa nieqes minn dan it-tip ta' ambjent li jista' jkun ta' benefiċċju għat-tfal u għannies li jiffrekwentaw dawn l-inħawi sabiex ikunu jistgħu jirrikreaw irwieħhom f'post sigur u aċċessibbli għal kulħadd."



Din l-istruttura ċirkolari tal-azzar se tospita żona ta' parkeġġ taħt u ġnien elevat fuq li joffri spazju alternattiv ta' rikreazzjoni lir-residenti. Minbarra t-taraġ, se jkun installat ukoll lift li jipprovdi aċċess faċli għal kulħadd għall-ġnien. Se jinbnew ukoll canopies biex joħolqu d-dell fil-ġnien.

Il-proġett, li jiswa 'l fuq minn €1.5 miljun, huwa ffinanzjat mill-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp u Soċjali.

IL-FEHMA TA' IT-TORĊA

# FEJN HI L-QALB U L-KUXJENZA SOĊJALI?

Nhar il-Ġimgħa fil-Belt Valletta kellna każ li kien jinvolvi persuna li kienet għaddejja minn diffikultajiet. Każ li wassal biex kien hemm bżonn madwar siegħa ta' negozjati biex raġel kien salvat milli jwettaq suwiċidju.

Dan kien każ li kixef nuqqasijiet kbar. Dan minkejja kampanji ta' kuxjenza u messaġġi kontinwi dwar problemi ta' saħħa mentali u l-bżonn li nkunu sensittivi u nuru rispett f'każi bħal dawn.

Imma x'ġara nhar il-Ġimgħa? Bdejna naraw fuq għadd ta' mezzi tax-xandir filmati u ritratti mxandrin ta' dak li kienn se jitwettaq. Tara lil persuna - lill-vittma għalkemm sfukata.

Nemmnu li l-etika kienet titlob li tali filmati ma jixxandrux. Kellna għalfejn inperrċu l-vittma? Kellna għalfejn inġibuh fil-pożizzjoni li kien għal hin pjuttost twil? Possibbli min xandar dan il-filmat ma rax il-konsegwenzi li tali filmati u ritratti setgħu joħolqu?

Qegħdin ngħidu dan għax illum huwa pruvat u stabbilit li hemm impatt mill-media fuq aġir suwiċidali. Dan iseħħ l-aktar meta l-metodu jkun speċifikat kif sfortunatament ġara fil-każ ta' nhar il-Ġimgħa. L-impatt ikun ukoll meta l-każ ikun ippreżentat b'dettalji żejda u dettaljati, l-istess kif seħħ fil-każ ta' nhar il-Ġimgħa. Impatt iseħħ ukoll meta l-każ ikun irrappurtat b'mod drammatiku u b'mod prominenti.

Huwa ppruvat minn riċerka xjentifika li rappurtaġġi fil-midja dwar każi ta' suwiċidju jistgħu jwasslu għal żieda fl-istess każi, fi kliem ieħor jistgħu jwasslu biex ikun hemm persuni oħra li jieħdu dak il-pass u dan l-aktar fost persuni vulnerabbli. Ir-riċerka turi wkoll li rappurtaġġ dettaljat mhux biss jinfluwenza l-għażla tal-metodu imma jista' jwassal għal aktar imwiet.

Dan donnu ma kienx biżżejjed. Wara li ġew ippubblikati l-filmati u r-ritratti, kien hemm diversi persuni fosthom politiċi taż-żewġ naħat, li għażlu li huma jkomplu jqassmu l-filmati u r-ritratti. Għamlu dan waqt li kitbu messaġġi ta' kundanna għal mod kif aġixxew ċertu persuni li kienu qed isegwu dak li għaddej u bdew anke jħeġġu lil din il-persuna.

Nemmnu li dan ukoll kien żbaljat. Ir-riżultat li għandna issa huwa li għandna għadd ta' siti soċjali li qed ixxerrdu dawn il-filmati u ritratt, bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu. Nemmnu li mill-aktar fis dawn il-filmati u ritratti għandhom jitneħħew.

Jekk verament irridu nuru rispett lejn il-vittmi, jekk verament hemm kuxjenza u qalb, min tella' dawn il-filmati u ritratti għandu jara li dawn jitneħħew.

Naqblu ma' dak li qed isostni l-psikjatra Mark Xuereb li qed jappella biex dawn il-filmati u ritratti jitneħħew. Nittamaw li dan iseħħ u l-appell tiegħu ma jaqax fuq widnejn torox.

Ma nistgħux ma nikkummentawx fuq kummenti li għaddew għadd ta' persuni fuq il-post, li saħansitra anke kien hemm min beda jħeġġeġ jagħmel l-att. Lil dawn in-nies nagħmluhom domanda waħda - immaġinaw li dik il-persuna kienet tiġi minnkom. Kontu taġixxu l-istess? Kontu tħeġġuh?

Lil hinn minn dan, nemmnu li l-Pulizija għandha tinvestiga lil dawk li bi kliem ħeġġew u instigaw u tara li jittieħdu passi. Fuq kollox f'dan pajjiżna rridu naraw li jkollna strateġija ta' prevenzjoni kontra s-suwiċidju. Ma nistgħux inkaxkru aktar saqajna.

# Imniedi kumitat konsultattiv għall-Aġenzija Sapport

Il-ħidma ta' dan il-Gvern qed tkun waħda li tagħmel id-differenza fil-ħajja tan-nies. Dan għax kontinwament qegħdin inġeddu l-politika tagħna u nassiguraw li qegħdin naġġornaw il-politika tagħna. Dan nagħmluh billi nkunu dejjem viċin in-nies biex nisimgħuhom u nifhmu l-isfidi u dak li għandhom bżonn.

L-Aġenzija Sapport nediet l-ewwel kumitat konsultattiv tagħha, li permezz tiegħu dawk li jużaw servizz wieħed jew aktar, jistgħu jagħtu s-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar is-servizzi tal-Aġenzija.

Din hija inizjattiva ġdida, intiża biex tiffaċilita d-djalogu u tinkoraġġixxi l-għarfien tal-esperjenzi bejn persuni b'diżabilità u professjonisti dwar kwistjonijiet li huma esklussivament relatati mas-servizzi ta' Aġenzija Sapport. Dan il-kumitat se jipprovdi forum għal rappreżentazzjoni tal-benefiċjarji tas-servizzi tal-Aġenzija u tal-qraba jew kustodji legali tagħhom. Dawn is-suġġerimenti u ideat iservu biex l-Aġenzija ttejjeb is-servizzi li toffri, filwaqt li tippjana n-neċessitajiet li jevolvu maż-żminijiet għal servizzi oħrajn ġodda.

Permezz ta' dan l-eżerċizzju l-persuni b'diżabilità qed ikollhom il-possibilità li jsemmgħu leħinhom dwar dak li jolqot lilhom dirett mill-perspettiva tagħhom. Dan minbarra li permezz ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, Aġenzija Sapport se tkun tista' twassal programmi u pjani għal persuni li jużaw servizzi tagħha bil-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom.

Din l-inizjattiva tkompli tibni ma' oħrajn li twettqu mill-istess aġenzija fl-aħħar ħames snin.

Insemmi fost oħrajn l-iżvilupp ta' servizzi ġodda, investiment fis-servizzi komunitarji, ħidma sabiex persuni b'diżabilità jiġu integrati fid-dinja tax-xogħol, skemi li jagħtu sostenn u għajnuna finanzjarja lil persuni b'diżabilità sabiex itejbu l-livell ta' għajxien u l-indipendenza tagħhom. Iktar minn hekk ftaħna aktar Ċentri ta' Matul il-Jum u residenzi fil-komunità.

Fassalna wkoll strateġiji nazzjonali li jħarsu dejjem aktar il-benesseri tal-persuni b'diżabilità. Bi ftehim ma' entitajiet mhux governattivi sar aktar investiment sabiex ikun hemm ħidma konġunta fil-provediment ta' servizzi. Sar ftehim ieħor mal-Università ta' Malta għal riċerka fis-settur tad-diżabilità. Nedejna l-ewwel programmi intenzjonati għal persuni b'diżabilità li huma ġenituri jew jixtiequ jsiru ġenituri.

Bdejna noffru s-servizz tal-ewwel Helpline ddedikat għal persuni b'diżabilità.

Din hija l-politika li qiegħed joffri Gvern Laburista f'dan il-qasam. Dan huwa l-għan tiegħi li għalkemm kburija b'dak kollu li wettaqna flimkien, ma nistgħux nistrieħu fuq is-suċċessi miksuba imma rridu nibqgħu dejjem aġġornati mal-isfidi tal-lum u ta' għada sabiex innaqqsu d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom u ntejbu l-kwalità t'għajxien lill-persuni b'diżabilità.



**JULIA FARRUGIA PORTELLI**
Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja

# ŻVILUPPI FIL-LIĠI RELATATI MAL-FAMILJA

**Inħossni kburi li bħala parti mill-ħidma tiegħi fi ħdan il-Ministeru għall-Familja kont involut fl-introduzzjoni ta' diversi liġijiet, li bis-saħħa tagħhom komplejna nsaħħu l-liġijiet soċjali ta' pajjiżna. Inħares 'il quddiem għal aktar ħidma biex nibqgħu nkunu ta' spalla għall-familji Maltin u Għawdxin**

– Dr Andy Ellul, Konsulent Legali mal-Ministeru għas-Solidarjetà u Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal



● Wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-minuri, kompliet il-ħidma biex din tkompli tagħti l-aqwa riżultat. Ġie evalwat dak li bdew jgħidulna l-professjonijisti u saħansitra saru aktar emendi biex nassiguraw ruħna li tkompli titħaddem b'mod seren u li l-minuri vulnerabbli jibqgħu jingħataw l-aqwa protezzjoni;

● Daħħalna rimedju biex minuri li huma ta' ħsara għalihom nfushom jew għal ħaddieħor jiġu protetti anke f'każijiet estremi, billi daħħalna fis-seħħ dik li tissejjaħ Ordni ta' Ħarsien Korrettiva, fejn il-Qorti jkollha aktar diskrezzjoni dwar fejn għandu jirrisjedi l-minuri;

● Ġie ffurmat kumitat tekniku bejn żewġ Ministeri biex tiġi annalizzata r-realtà tal-Parental Alienation f'Malta u jsiru numru ta' rakkomandazzjonijiet kif Malta għandha tilqa' għal din ir-realtà. Dan il-Kumitat tekniku beda bil-ħidma tiegħu billi ġie mħarreġ minn grupp ta' professjonisti mill-Iżrael. Ġew ikkumissjonati wkoll żewġ studji, wieħed kwantitattiv u l-ieħor kwalitattiv, li se jkunu qegħdin jgħinu lill-Kumitat Tekniku jindirizza bl-aktar mod professjonali din is-sitwazzjoni;

● Kien hemm żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-liġi tal-adozzjoni lokali, wieħed pubbliku għall-partijiet interessati u l-professjonisti u t-tieni wieħed kien proprju ma' minuri li jistgħu jiġu adottati jew li fil-fatt ġew adottati. Diġà tressqu numru ta' rakkomandazzjonijiet f'dawn il-konsultazzjonijiet pubbliċi u issa qed isir studju legali biex jiġu abbozzati numru ta' emmendi fil-liġi. L-għan ta' dawn l-emendi huwa li aktar minuri jingħataw stabbiltà u futur aktar seren;

● Sar xogħol fuq liġi speċifika dwar Children's House f'Malta. Din id-Dar se tassigura li minuri li huma jew kienu vittmi ta' xi forma ta' abbuż jagħtu x-xhieda tagħhom f'ambjent sigur, kalm u li hu adattat għalihom, u li kemm jista' jkun jagħtu x-xhieda darba biss. Se jiġi assigurat li l-minuri jkunu jistgħu jibdew jirċievu terapija b'mod immedjat;

● Ġew introdotti reati ta' cyber harrasment u cyber bullying biex jiġu protetti aktar individwi li qed isoffru minn dan it-tip ta' abbuż onlajn, inkluż minuri.



# Lejn soċjetà b'opportunitajiet għal kulħadd




Soċjetà b'saħħitha hija dik fejn kulħadd igawdi minn opportunitajiet li jimxi 'l quddiem, irrilevanti minn liema familja jew faxxa tas-soċjetà ġej minnha. Fortunatament pajjiżna, ħaddan dawn il-valuri sa minn żminijiet ilu, bis-snin sittinijiet ikunu l-bidu ta' revoluzzjoni soċjali għal pajjiżna. Żmien fejn matulu kienu introdotti bosta miżuri soċjali għall-ewwel darba, bħal pensjonijiet u miżuri oħra ntiżi li jgħinu lil dawk l-aktar batuti.

Gvernijiet Laburisti minn dejjem emmnu fil-ġustizzja soċjali, u dejjem ħadmu għaliha u kien riżultat ta' din il-ħidma ta' Gvernijiet Laburisti li s-soċjetà evolviet u mxiet 'il quddiem. Minkejja dan iżda, m'għandniex nagħlqu għajnejna u ma naħsbux li m'hemmx persuni u familji li jeħtieġu aktar għajnuna minn oħrajn. Proprju din il-ġimgħa stess ħabbarna żewġ proġetti, li għandhom għan wieħed: dak li jagħmlu differenza pożittiva fil-ħajja tannies.

## Skema li biha se jitqassmu laptops

Flimkien mal-Ministru għall-Ekonomija, Silvio Schembri, din il-ġimgħa ħabbarna skema innovattiva, fejn se jkunu qed jingħataw laptops u anke vouchers ta' internet. L-iskema Digital Connect, se tkun qed titgawda minn madwar 2,300 familja, permezz ta' investiment ta' madwar €2 miljun. Dawn il-familji se jkunu identifikati, u jekk jissodisfaw il-kriterji neessarji, se jkunu intitolati għal laptop kif ukoll €300 voucher għal internet b'xejn għal sena sħiħa. Għal din l-iskema identifikajna familji li għandhom dħul baxx u li minħabba f'hekk spiċċaw imċaħħda minn mezzi elettroniċi bħal laptops u aċċessorji bażiċi oħrajn.

Hu għalhekk se nkunu qed nistennew ir-riżultati ta' dan il-proġett pilota, biex fi ftit żmien jinfirex ma' Malta u Għawdex kollu, bil-għan li nimbuttaw 'il quddiem l-inklużjoni u l-ħiliet diġitali ta' kulħadd inkluż dawk li huma l-aktar vulnerabbli.

Dan huwa eżempju ieħor ta' kif bil-fatti ninvestu fil-poplu tagħna. Għal dan il-għan, is-sena d-dieħla se nkunu qed naraw għexieren ta' miżuri soċjali ġodda kif ukoll oħrajn li se jkomplu jaħdmu. Irridu naraw li ħadd ma jaqa' lura, u li kulħadd igawdi minn opportunitajiet biex jilħaq il-potenzjal kollu tiegħu. Gvern Laburista verament għandu għal qalbu tħabbat fil-post it-tajjeb u jemmen fil-ġustizzja soċjali.

## Ċans liż-żgħażagħ jimxu 'l quddiem

Aktar kmieni din il-ġimgħa wkoll ħadt gost niltaqa' ma' żgħażagħ li temmew b'suċċess il-Proġett OK (Opportunity Knocks), mogħti mill-professjonisti tal-FSWS. L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li jgħin adoloxxenti u żgħażagħ ikomplu fis-sistema edukattiva jew inkella jsaħħu l-ħiliet tagħhom, biex isibu xogħlijiet ta' kwalità. Dawn il-programmi ngħataw fuq medda ta' xhur fl-aħħar tliet snin u b'kollox ipparteċipaw 2,129 żagħżugħ u żagħżugħa, bejn l-età ta' 13 u l-25 sena.

Din il-kampanja ffukat l-aktar biex iżżomm il-bogħod, kemm jista' jkun żgħażagħ milli jaqgħu fil-faqar u esklużjoni soċjali. Wħud minn dawn iż-żgħażagħ saħansitra anke jgħixu għall-perjodu ta' żmien, f'residenzi alternattivi, minħabba diffikultajiet fil-familji naturali tagħhom. Grazzi għal dan il-proġett 88, żagħżugħ u żagħżugħa meqjusa vulnerabbli daħlu fid-dinja tax-xogħol u baqgħu fl-impjieg.

Nemmen bis-sħiħ li għandna nkomplu ninvestu fi proġetti bħal dawn għaliex huwa fundamentali biex nedukaw u nagħtu il-ħiliet neċessarji lil kulħadd. Bħalissa Malta, għandha fost l-għola rati ta' impjiegi u għalhekk jeħtieġ li nimlew dawn il-postijiet permezz ta' professjonisti u persuni oħrajn, li għandhom ħiliet fid-diversi setturi. Għamilna ħafna, imma ninsab persważ li nistgħu nkomplu ntejjbu u hekk se nibqgħu nagħmlu.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ
U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

# Cyrus Engerer jiddefendi l-interessi ta' Malta fil-Kumitat LIBE dwar l-immigrazzjoni

## Il-Partit Popolari Ewropew tan-Nazzjonalisti jressaq proposti kontra Malta



Il-Partit Popolari Ewropew, li tiegħu huma membri l-MEPs tal-Partit Nazzjonalista, għadu kif ressaq rapport fil-Kumitat LIBE li jipprova jdgħajjef is-saħħa tal-pajjiżi fil-fruntiera tal-Unjoni Ewropea meta jitolbu għas-solidarjetà minn pajjiżi oħra biex jaqsmu l-piż tal-immigrazzjoni.

"Dak li qiegħed jipproponi l-Grupp tan-Nazzjonalisti fil-Parlament Ewropew mhux aċċettabli. Ħdimt matul l-aħħar sena biex il-Grupp tas-Soċjalisti jkollu pożizzjoni li tkun favur il-qsim tal-piż tal-immigrazzjoni bejn kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea. Illum sodisfatt li s-Soċjalisti qegħdin warajja f'din is-sejħa u l-pożizzjoni uffiċjali tal-Grupp tagħna hi l-istess bħal ta' Malta dwar dan ir-rapport miktub mil-Grupp tan-Nazzjonalisti," qal Engerer filwaqt li spjega li diġà hi diffiċli għall-pajjiżi tal-fruntiera bħal Malta biex isibu l-għajnuna minn pajjiżi oħra u li b'dak li qiegħed jiġi propost min-Nazzjonalisti, dan isir impossibbli.

Cyrus Engerer spjega kif se jkun qiegħed iressaq numru ta' emendi bl-appoġġ tal-Membri Soċjalisti tal-Kumitat LIBE li jbiddlu totalment dak li qiegħed jiġi propost. Il-proposta bl-isem ta' "Ir-regolament dwar l-immaniġġjar tal-Ażil u l-Immigrazzjoni" mħejji mill-Membru Parlamentari Ewropew Żvediż Tomas Tobe se jkun qiegħed jipproponi metodi ġodda ta' kif għandhom jiġu proċessati l-applikazzjonijiet għall-ażil fl-Unjoni Ewropea.

"Bħalissa t-tir tiegħi hu li nressqu numru ta' emendi biex is-sistema Ewropea dwar l-immigrazzjoni tkun waħda ġusta mal-pajjiżi kollha. Sodisfatt li l-Grupp tas-Soċjalisti qiegħed jappoġġjani f'dan u konvint li numru ta' gruppi oħra fil-Parlament Ewropew se jkunu qegħdin jappoġġjaw dawn l-emendi wkoll, saħaq Engerer filwaqt li kkonkluda li jekk dawn l-emendi ma jgħaddux u tgħaddi tan-Nazzjonalisti fil-Kumitat LIBE, nagħmel minn kollox biex dan il-vot ma jgħaddix fil-Plenarja."

cyrus.engerer@ep.europa.eu
www.socialistsanddemocrats.eu

S&D

# KOTBA ĠODDA MINN TIFEL U OMMU

Kif tista' ma tifraħx meta tara tifel li minn ċkunitu diġà beda juri ħiliet kbar fl-arti, ipinġi u anke jikteb, u issa għandu anke l-ewwel ktieb! U tifraħ iktar meta jkollok żewġ pubblikazzjonijiet ġodda waħda tal-mamà, l-awtriċi popolari Jacqueline Mizzi u wkoll tat-tifel tagħha Matias Mizzi. Nemmen li Matias se jkun awtur bravissimu daqs kemm hija l-mamà imma anke jekk le, dan il-ktieb li tana diġà huwa sabiħ ħafna u miktub minn tifel għal tfal oħra.

### Noti Blu ta' Jacqueline Mizzi

Letteratura għaż-żgħażagħ tinkludi kitba li hija dinamika, tinbidel daqs kemm tinbidel is-soċjetà u l-kultura li jipprovdulha l-kuntest (Clark, M. (2008). The value of young adult literature. American Library Association). "Noti Blu" ta' Jacqueline Mizzi huwa mmirat għal żgħażagħ ta' 12-il sena 'l fuq. Però jekk nibdew bl-ewwel punt, l-età tiddependi mill-ħila taż-żgħażagħ illi jirrelataw mal-istorja. Imbagħad irridu naraw ukoll il-kultura żagħżugħa li kif nafu, hija affettwata ħafna mill-użu tat-teknoloġija. U t-teknoloġija tirrifletti ħafna f'dan il-ktieb. Illum nibet kunċett ġdid li qed insejħulu litteriżmu ġdid. Xi jfisser dan? Dan il-kunċett huwa mnebbaħ mhux ftit minn dan li huwa mdawrin bih iż-żgħażagħ tagħna. Kif wieħed jibda jqalleb il-paġni ta' dan il-ktieb mal-ewwel wieħed jintebaħ bl-ewwel esperimenti fost iż-żgħażagħ li bħal joħorġu mill-fodsqa tagħhom li tkun tathom kenn għal ħafna snin, imma issa jkun wasal iż-żmien li jibdew jaraw u jiskopru. U hawn jibdew anke r-relazzjonijiet kemm ma' ħbieb u anke ma' dawk li huma jkunu jixtiequ jew joħolmu li jibnu xi relazzjoni aktar fil-fond. U minkejja li xi waqtiet jinbxu ftit lil xulxin u forsi jkunu ftit "kattivi" ma' xulxin, ħafna drabi tinħass ħafna din il-bżonn tar-relazzjonijiet. Dan il-bżonn mhux dejjem jidher, xi drabi hemm elementi ta' nkejja. Xi drabi ngħidu aħna, taparsi ma tweġibx mal-ewwel il-mowbajl imma f'qalbha tkun tixtieq twieġeb. Din hija d-dinja taż-żgħażagħ tagħna u l-bżonn tagħhom li jiskopru lil xulxin imma qabel xejn jiskopru lilhom infushom.

Ċertament meta nitkellmu dwar id-dinja taż-żgħażagħ ma nistgħux kif diġà għidt neskludu t-teknoloġija. Il-ktieb jagħmel użu minn siltiet minn messaġġi meħudin mill-mobajl. Dan l-istil narah jaqa' taħt il-kappa ta' litteriżmu ġdid imnebbaħ mit-teknoloġija. Michele Knobel u Colin Lankshear, (2007) fil-ktieb "A new literacies sampler" jargumentaw li dan il-litteriżmu ġdid jindika bidla fil-mod kif il-qarrej żagħżugħ iħares lejn il-qari. Dawn il-messaġġi bil-mowbajl altru li mhux sempliċiment żieda mat-test imma huma parti mit-test. M'hemmx għalfejn li l-awtur tiddeskrivilna x'qalu, imma qed tippreżentalna l-messaġġi eżatt ta' kif intqalu. L-awturi Cathy Burnett u Guy Merchant fid-dokument tagħhom "Points of view: reconceptualising literacies through an exploration of adult and child interactions in a virtual world" (2014), jgħidu li l-prattiċi tal-litteriżmu iqanqlu l-kuntesti b'modi differenti. L-ispazji testwali jinkludu b'mod parallel id-dominji reali u virtwali. U hawn filfatt naraw kif iż-żgħażagħ jgħaddu mill-ħajja reali għal dik virtwali mingħajr ebda diffikultà. Ovvjament dan ifisser li l-qarrejja żgħażagħ tagħna ser jirrelataw ħafna ma' din l-istorja, u l-esperjenza tagħhom hija ħafna simili; kollox jindika kemm din l-awtriċi hija midħla sew taż-żgħażagħ għaliex taħdem viċin tagħhom. Il-litteriżmu ġdid mhux neċessarjament ikun lineari u minbarra l-SMSs fil-ktieb naraw ukoll dik in-nota blu li bdiet tirċievi u għaliha huwa msemmi dan il-ktieb. Mizzi iżda ħasbet ukoll għas-sekwenza u biex tgħin fil-qari permezz tad-dati għal kull kapitlu.




Minbarra t-teknoloġija nsibu temi kurrenti oħra fosthom il-Corona u dan ovvjament jagħmel il-ktieb aktar relevanti.

Għaldaqstant għandna sezzjonijiet fejn huma karatterizzati mill-ħsus tal-parteċipanti, oħrajn mir-rakkont tal-awtriċi u oħrajn mill-messaġġi. Il-partijiet meta jitkellem Gordon huma "tqal" u ibsin. Kważi titħassru lil dan il-ġuvni li jmur l-iskola bi "qmis imdennsa u blazer żewġ sizes ikbar minnu" (p.158). Hawnhekk forsi xtaqt noħroġ messaġġ, li persuna ma tafx minn xiex tkun għaddejja. Forsi din hija dak li jħossu l-qarrejja wkoll wara li jaqraw dan il-ktieb. Il-kitba ta' dan il-ktieb hija waħda mexxejja ħafna, però ninnota ftit differenza bejn it-taħdit li huwa riflessjoni ta' kif jitkellmu ż-żgħażagħ bejniethom, u dan l-awtriċi għarfet twassal din l-informalità b'mod tajjeb ħafna. Mill-banda l-oħra fid-deskrizzjoni wieħed isib Malti aktar mirqum u dan ifisser li jista' jkollna ktieb b'bixra friska, żagħżugħa u differenti imma xorta jibqa' mitkub tajjeb u jżomm ċerta' livell.

Minbarra dan il-ktieb Jacqueline Mizzi diġà tatna żewġ kotba oħra sbieħ li




huma "ESPERJENZA UNIKA, LOVE" kif ukoll "ESPERJENZA UNIKA, SABRINA." Dawn il-kotba kellhom suċċess kbir. Dawn il-kotba jistgħu jinxtraw mingħand il-ħwienet ewlenin jew mis-sit https://horizons.com.mt/.

### Il-Kantina tas-Sigrieti ta' Matias Mizzi

B'xorti tajba l-awturi tagħna jagħmlu sforz kbir biex jifhmu d-dinja tat-tfal. Imma rrid ngħid li mhux faċli għaliex it-tentazzjoni hija li niktbu dwar x'naħsbu li jridu t-tfal, jew kif nixtiequ aħna li jaħsbu t-tfal. Nerġa' ngħid li xxurtjati li ħafna awturi tagħna jirnexxielhom jaħsbu bħat-tfal imma mhux dejjem faċli. Hawnhekk għandna ktieb minn tifel.

Matias Mizzi ipinġi, fil-fatt huwa stess għamel l-illustrazzjonijiet ta' dan il-ktieb. Għandna tliet karattri (Kail, Astrid u Jacob ) li kienu qed jilagħbu l-ballun fil-kampanja u ntilef u dan sabuh f'kantina sigrieta. Imma din il-kantina ukoll kienet xi ħaġa speċjali. U kif se joħorġu minn dik il-kantina? Mhux qabel ma jissuperaw tliet provi vera diffiċli. Imbagħad marru fil-villaġġ u ppruvaw isibu ċ-ċavetta biex jiftħu il-katnazz.

Bħall-kotba tat-tfal oħra nsibu bosta elementi li jaffaxxinaw lit-tfal, ngħidu aħna żunżna kbira ħafna. Persważ li t-tfal mhux se jitilqu dan il-ktieb minn idejhom għaliex kull paġna żżommhom bil-kurżita ta' x'se jiġri wara, minn avventura għall-oħra. Forsi punt pożittiv li xtaqt noħroġ bħala adult huwa kif il-karattri tagħna jirnexxilhom jikkollaboraw flimkien, u din hija kompetenza kruċjali fid-dinja tal-lum. Iva xi waqtiet se jiġġieldu ftit ukoll imma se jaraw kif flimkien se jaslu biex isibu soluzzjoni.

Minkejja dawn l-avventuri li t-tfal iżommuhom fuq ix-xwiek, xi waqtiet hemm mumenti li jġibulek ukoll tbissima.

Dan huwa ktieb ħelu li m'għandkomx titilfu. Dejjem ngħidu fuq l-importanza tal-qari, imma biex it-tfal jaqraw iridu jsibu ktieb li jagħtihom gost.

Dan il-ktieb jista' jinxtara mingħand il-ħwienet ewlenin jew mis-sit https://horizons.com.mt/.

# Ġieħ l-Akkademja tal-Malti



Il-Professur Manwel Mifsud huwa r-rebbieħ tal-midalja tad-deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' għal din is-sena. L-investitura saret f'Jum l-Akkademja tal-Malti nhar l-14 ta' Novembru mill-Eċċellenza Tiegħu George Vella, il-President ta' Malta, waqt serata fil-Palazz ta' Sant'Anton. Fost il-mistednin kien hemm l-imsieħba tal-Akkademja kif ukoll qraba u ħbieb tal-Professur Mifsud. Din l-onorifiċenza tingħata lil min ikun iddistingwa ruħu b'ħidma tul ħajtu kollha għall-ilsien Malti u għal-letteratura Maltija.

Fl-1967, Mifsud kiseb il-grad ta' Baċellerat bl-Unuri fil-Malti. Kiseb id-dottorat fis-sena 2005 bi studju dwar l-element mhux-Semitiku fil-Malti. Dan l-istudju huwa mifhum biex joħloq klassifikazzjoni tipoloġika tal-verbi ta' nisel barrani, bilħsieb aħħari li jiffaċilita l-integrazzjoni tattagħlim tagħhom fis-sillabu tal-Malti f'kull livell.

Bejn l-1971 u l-1978, Mifsud ħadem mal-Professur Ġużè Aquilina fuq id-dizzjunarju magħruf Maltese-English Dictionary. Fl-1987, huwa għallem il-Malti fl-iskejjel Sekondarji u Postsekondarji tal-Gvern. Mis-sena 2004 sal-2011, kien Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta fil-kariga ta' Lettur u Professur fejn għallem il-morfoloġija storika tal-Malti, id-dinamika tat-taħlit fl-ilsien Malti, l-istorja tal-lingwa Maltija u l-pjanifikazzjoni lingwistika.

Kien membru-fundatur u Segretarju tal-Association de Dialectologie Arabe (AIDA) bejn l-1993 u l-2004. Organizza l-Kors tal-Qari fil-Provi li bejn l-2006 u l-2021 kien ukoll direttur tiegħu. Minnu s'issa ħarġu 560 qarrej tal-provi biċ-ċertifikat.

Kien strumentali biex twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti li tiegħu kien President bejn l-2005 u l-2013. Baqa' jservi fil-kunsill imsemmi sal-2019.

Fis-sena 2004 Manwel Mifsud ħoloq kuntatt mal-Federazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għal-Lingwa (EFNIL), u ħa ħsieb li dan il-kuntatt jibqa' sod. Ħadem fost il-promoturi tar-rabtiet bejn l-Għaqda Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija (GĦILM) fi Bremen u l-Università ta' Malta. Attenda diversi konferenzi internazzjonali b'tema lingwistika u minn dawn ippubblika għadd ta' studji.

Fost il-pubblikazzjonijiet ewlenin tal-Professur Mifsud ta' min isemmi Fuq l-Għatba tal-Malti — A Threshold Level Communicative Description of Maltese (mal-Prof. Albert Borg), ippubblikat fl-1997 fi Strasburgu mill-Kunsill tal-Ewropa. Ippubblika wkoll Loan Verbs in Maltese: A Descriptive and Comparative Study.

Mifsud għen fl-iżvilupp tal-kanzunetta Maltija, b'enfasi fuq il-kwalità tal-lirika. Ħabrek biex twaqqaf il-Festival Folk tal-YTC (illum L-Għanja tal-Poplu). Bħala kantawtur, ikkompona għadd ġmielu ta' kanzunetti li jidher li ntlaqgħu mill-pubbliku Malti u li għamilhom tiegħu. Fost dawn hemm il-biċċa l-kbira tal-opra folk Ikun li Trid Int, kif ukoll għadd ta' kanzunetti (fosthom Għajnejn Sbieħ u Vassalli). Rebaħ L-Għanja tal-Poplu sitt darbiet. Dawn il-kanzunetti bħalissa qed jinġabru biex ikunu f'idejn il-pubbliku Malti, bl-għajnuna tal-Akkademja tal-Malti.

Għal dawn l-aħħar 16-il sena kien il-Konsulent Espert kull nhar ta' Sibt fil-programm tar-radju Seħer il-Malti, l-ewwel fuq l-RTK imbagħad fuq Radju Malta 1.

Waqt diskorsu, il-President ta' Malta George Vella feraħ lil Manwel Mifsud għall-ħidma kbira li wettaq u ddeskrivieh bħala mudell ta' min iħobb il-pajjiż.

Fl-edizzjonijiet imgħoddija l-midalja tad-deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' ntrebħet minn Oliver Friggieri, Trevor Zahra, Victor Fenech, Monsinjur Lawrenz Cachia u Lina Brockdorff.

F'isem IT-TORĊA nixtieq nawgura lill-Professur Manwel Mifsud. Ferm mistħoqq għall-ħidma kbira b'risq ilsien pajjiżna.

# KTIEB TA' POEŻIJI TAL-PERIT: ĠUŻÈ AGIUS BONELLO - (1934 - 2018)



PETER PAUL CIANTAR



Dan l-aħħar Josette, bint il-Perit Ġużè Agius Bonello, perit li r-Rabtin jafuh sewwa, tatni ktieb ta' poeżiji ta' missierha u qaltli: "Dan għalik, għax inti kont wieħed minn dawk li wara mewtu kont titlobni poeżiji ta' missieri biex tinkludihom fil-programmi radjofoniċi tiegħek."

Jiena għedtilha, "Veru … tiftakar?" (għax kont ilni ftit ma nitlobha) u hi pront pront weġbitni, "U issa, bħala familja, ġbarna l-poeżiji ta' missieri u ppubblikajthom fi ktieb bl-isem 'Poeżiji mir-Rabat tal-Imdina'." (Il-Perit Ġużè Agius Bonello huwa minn dik in-naħa l-antika tar-Rabat li fil-qedem kienet tagħmel parti mill-Imdina.)

Ngħidilkom is-sewwa, ħafna snin ilu fil-programmi tiegħi ta' nhar San Ġużepp, 19 ta' Marzu, u dawk tal-Ġimgħa l-Kbira kont inxandar xi poeżija tal-Perit Agius Bonello. Kont nagħmel dan għax bħala poeżiji huma sbieħ ħafna; poeżiji verament sinċieri; reliġjużi kif kienet titlob l-okkażjoni; kif ukoll għax naf li l-perit kien jieħu pjaċir immens jismagħhom. Bħala karattru, għalkemm kien bravu ħafna, dan il-perit Rabti kien tassew joqgħod lura mill-pubbliċità … kien bniedem umli ħafna.

Il-Perit Ġużè (jew kif jafuh ħafna Joe) Agius Bonello kien devot kbir ta' San Ġużepp u tal-Ġimgħa l-Kbira. Fil-fatt, fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira għamel snin twal jiddierieġi l-monument sabiħ tal-purċissjoni li toħroġ mill-Knisja Ta' Ġieżu fir-Rabat. Huwa waqaf biss meta saħħtu ma ppermettitlux li jibqa' jagħmel dan.

Jiena niftakru wkoll jgħidli li ta' kull sena, għall-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat, kien jikteb poeżija ddedikata lil dan il-qaddis li tiegħu kien devot kbir. Din il-poeżija kienet tkun ippubblikata fil-kotba tal-festa li toħroġ l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp li tagħha huwa kien membru. Ngħidilkom ukoll li din il-poeżija kien jgħaddihieli għall-programm mużikali ta' dak iż-żmien - 'Siesta' - li jiena kont nippreżenta kuljum fuq l-istazzjon radjufoniku F.M. Bronja.

Mhux hekk biss. Bħala turija ta' apprezzament għal dan, il-Perit Agius Bonello kien saħansitra ddedikali waħda minn dawn il-poeżiji tiegħu, poeżija li qiegħda wkoll fil-ktieb. Ngħidilkom il-verità, ħbieb, xħin rajtha stampata fil-ktieb ħadt pjaċir ħafna biha … kienet sorpriża u ħassejtni wkoll onorat.

Xħin ftaħt il-ktieb sibt aktar poeżiji: mhux biss dawk iddedikati lil San Ġużepp u dawk marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira, iżda wkoll oħrajn li l-Perit Agius Bonello kiteb għal qaddisin oħra li b'xi mod għandhom ukoll rabta mar-Rabat, il-lokal fejn il-perit twieled, għex u rabba wkoll familja ma' martu Joan.

Fost il-ħafna poeżiji ppubblikati, poeżija tiegħu li tassew laqtitni hija dik bit-titlu 'Lil Karmenu Vassallo'. Hawn jidher li Agius Bonello kien jammira sewwa lil dan il-poeta, tant li sejjaħlu, 'Inti xemx ta' filgħodu. Int qamar ta' billejl. Kemm hi għolja kitbitek, ma tqisha bl-ebda kejl'.

Insemmi wkoll li f'din il-ġabra ta' poeżiji ta' Ġużè Agius Bonello (1934 - 2018) hemm stampati wkoll poeżiji oħra li jirriflettu żgħożitu u l-imħabba kbira li kellu wkoll lejn ommu.

Iżda fuq kollox, id-devozzjoni spiritwali kbira, marbuta mal-karattru tiegħu ta' bniedem reliġjuż, umli u sentimentali jogħlew fuq kull aspett ieħor f'ħajtu, u għaldaqstant jirriflettu rwieħhom sewwa fil-ġabra ta' poeżiji tiegħu.

Ngħidilkom is-sewwa ħbieb, tieħu pjaċir immens taqra dawn il-poeżiji għax huma poeżiji li tifhimhom mingħajr l-ebda filosofija żejda li tkun trid tgħarbel sewwa l-ħsieb tagħhom. Huma poeżiji verament sinċieri li jpoġġu quddiem għajnejk dan il-karattru sempliċi ta' perit, idur mat-toroq tar-Rabat, lest biex jagħti pariri lil dawk kollha li jistaqsuh l-aktar fuq diffikultajiet strutturali fid-djar antiki tagħhom.

Kien ukoll jagħti għajnuna lil diversi kunventi u każini, l-aktar dak ta' L'Isle Adam li tiegħu kien ukoll President.

Jiena niftakru sewwa wkoll nieżel minn fuq il-palk tat-teatru tal-Kulleġġ Sant'Agata waqt li jiena kont qed nippreżenta s-serata, narah bid-dmugħ f'għajnejh meta dakinhar kien ingħata ġieħ mill-Kunsill tar-Rabat … ġieħ li verament kien jixraqlu.

Tajjeb ukoll li ngħidu li l-qligħ li ssir minn dan il-ktieb ta' din il-ġabra ta' poeżiji ta' Ġużè Agius Bonello jmur għall-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, Radju Marija u istituzzjonijiet tal-karità.

# M'HEMMX AĦNA U HUMA!

## "KUN ĠUST. KUN SODISFATT. DEJJEM TIXTIEQ GĦAL ĦADDIEĦOR DAK LI TIXTIEQ GĦALIK INNIFSEK, U B'HEKK TKUN TASSEW TEMMEN. ĠIB RUĦEK TAJJEB MA' ĠAREK, U B'HEKK TKUN TASSEW BNIEDEM VERU. NAQQAS ID-DAĦK, GĦALIEX ĦAFNA DAĦK JOQTOL LILL-QALB."



**LAIQ AHMED ATIF**
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
amjmalta@gmail.com



"M'hemmx aħna u huma. Aħna kollha umani. Il-kulur tal-ġilda ma jagħmilx differenza." Din kienet l-għajta hekk kif numru ta' persuni ngħaqdu f'mixja paċifika li saret favur l-għaqda bejn kull persuna, jitolbu li, f'għajnejn kulħadd, kull persuna tidher indaqs.

Huma enfasizzaw li huwa importanti li kull persuna tgawdi mir-rispett, mid-dinjità umana u minn drittijiet ugwali. Waqt din il-mixja sar appell għar-rispett bażiku lejn kull persuna filwaqt li jittamaw li fil-futur jitkissru l-ħitan tar-razziżmu u firdiet razzjali u minflok tinħoloq soċjetà magħquda fejn kull bniedem jiġi ttrattat b'mod ugwali, b'rispett u b'dinjità umana.

### Ir-razziżmu

Ir-razziżmu huwa sett ta' twemmin ibbażat fuq il-kunċett ta' superjorità ta' grupp ta' nies fuq ieħor li normalment ikun ibbażat fuq karatteristiċi fiżiċi, bħall-kulur tal-ġilda jew l-etniċità.

Fl-istorja umana nsibu għexieren ta' każijiet fejn innies kienu mċaħħda mid-drittijiet bażiċi tagħhom, kienu mjassra, mitfugħa l-ħabs jew diskriminati minħabba l-kulur tal-ġilda, l-etniċità jew ir-reliġjon tagħhom.

### Aħna lkoll indaqs

Fir-realtà kulħadd huwa ugwali u ħadd ma għandu xi prijorità fuq l-ieħor. Il-mod tal-ħolqien tagħna huwa l-istess, mingħajr ebda differenza madwar id-dinja u f'nazzjonijiet differenti. Il-miġja tal-bniedem f'din id-dinja u t-tluq minnha huma l-istess. Dan il-proċess naturali jiġbed l-attenzjoni tagħna għall-fatt li aħna lkoll indaqs.

### Il-Koran Imqaddes jgħid li:

"Alla ħoloq is-smewwiet u l-art skont il-liġi eterna, sabiex kull ruħ tkun tista' tiġi kompensata għal dak li taqla'; u m'għandhomx jiġu inġurjati." (45:23). "Tabilħaqq li l-aktar wieħed imweġġaħ minnkom quddiem Alla huwa l-aktar wieħed ġust minnkom." (49:14).

Dan il-vers jiġbed l-attenzjoni għall-fatt suprem li l-ħolqien tal-univers u d-disinn u l-ordni perfett li jippervadu fih iwasslu għal konklużjoni waħda biss li saret dispożizzjoni adegwata għall-iżvilupp morali u spiritwali tal-bniedem, u għalhekk fil-ħajja li ġejja hu għandu jagħti rendikont talużu li jagħmel mill-fakultajiet u s-setgħat mogħtija minn Alla f'din il-ħajja.

Għalhekk, l-istat naturali tal-umanità huwa nieqes minn kumplessi li jsostnu t-trażżin u ċ-ċaħda ta' drittijiet ibbażati fuq ir-razza jew għal dik il-kwistjoni, ir-reliġjon.

Madankollu, huwa ċar mill-versi ta' hawn fuq tal-Koran Imqaddes li, filwaqt li l-Iżlam jirrikonoxxi d-differenzi bejn il-popli, imma ma jippermettix li dawn id-distinzjonijiet jippromwovu l-għedewwa bejn in-nies.

### L-arroganza

Dan il-vers ifisser ukoll li, meta wieħed jaħseb illi hu superjuri fuq ieħor, dan se jagħmlu arroganti. U meta l-bniedem isir arroganti, ma jistax isir bniedem ta' veru, ma jistax isir bniedem ta' Alla u ma jistax iħobb l-umanità. Għax is-sens tas-superjorità ma jħallihx jieqaf u jaħseb x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin.

L-arroganza u l-makakkerija huma ħżiena. Żball żgħir jista' jeqred it-tajjeb kollu li jkun twettaq matul ħafna snin. Għalhekk huwa ferm importanti li l-bnedmin għandhom dejjem ikunu umli. Hemm bżonn illi nibqgħu konċentrati u saqajna mal-art. U nittrattaw lill-bnedmin oħra b'rispett, imħabba, kompassjoni u dinjità. Aħna rridu nadottaw l-armonija razzjali u nibnu pontijiet bejn in-nies.

### Ħela ta' enerġiji u riżorsi

Jien personalment nemmen li l-ġlied fuq id-differenzi tagħna, il-bini ta' ħitan bejn in-nies, u l-ħela tal-enerġiji, il-kapaċitajiet u r-riżorsi tagħna fid-diviżjoni, huwa ta' importanza ħafna ikbar u aktar produttiv li jintefqu dawn l-enerġiji għall-bini ta' pontijiet bejn il-bnedmin ta' sfondi differenti, kif ukoll fehim politiku u reliġjuż. Irridu nużaw dawn l-enerġiji u r-riżorsi biex innaqqsu l-gaps bejn in-nies u fil-ħolqien ta' familja umana akbar ibbażata fuq il-valuri umani u l-ugwaljanza.

Huwa fatt li qed isir ħafna biex tinħoloq soċjetà ugwali fuq bażi nazzjonali kif ukoll internazzjonali, imma fadal ħafna xogħol, hemm triq twila lejn is-suċċess u l-kisba tal-għan finali.

Dan ma jsirx minn xi pajjiż jew gvern waħdu, imma, kull wieħed u kull waħda minna għandna biex nagħtu sehemna għall-ħolqien ta' dinja moderna, ċivilizzata u ugwali.

### Tixtieq għal ħaddieħor dak li tixtieq għalik innifsek

Fiż-żminijiet kontemporanji jeħtieġ li nibnu fuq l-armonija razzjali għal kawża akbar, li kulħadd iħobb u jgħożż, u dik hija l-paċi. Ejjew ningħaqdu flimkien biex niġġieldu lura r-razziżmu b'mod qawwi, effettiv u fuq bażi fit-tul. Ejjew nibagħtu messaġġ b'saħħtu u effettiv li aħna kollha ndaqs. Aħna kollha umani u m'hemm l-ebda differenza ta' aħna u huma. Ejjew insiru familja umana waħda.

Nixtieq nikkonkludi bi kliem il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, li huwa prinċipju ta' gwida għalina f'termini ta' ħolqien ta' dinja ugwali. Huwa qal li, kun ġust, u tkun l-aħjar fost dawk li jqimu.

Kun kuntent b'li għandek, u b'hekk tkun l-aħjar fost dawk li jiżżu ħajr. Ara li tixtieq għal ħaddieħor dak li tixtieq għalik innifsek, u b'hekk tkun tassew temmen.

Ġib ruħek tajjeb ma' ġarek, u b'hekk tkun tassew bniedem. Naqqas id-daħk, għaliex ħafna daħk joqtol lill-qalb.

# NAQRA NAQRA U L-ISTAMPA TIBDA' TIĊĊARA



PATRI MARIO ATTARD OFM CAP

Kien nhar it-Tnejn, is-26 ta' Lulju 2021, meta, wara li ikkonċelebrajt fil-quddiesa fil-Knisja tal-Madonna Delle Rose, it-twajjeb Francesco wassalni sal-istazzjon tal-karozzi tal-linja f'Cesena. Sellimna lil xulxin u kulħadd telaq għal riħu.

Dħalt fil-biljetterija u l-Mulej nebbaħni biex nagħti l-Kurunella tal-Ħniena Divina, flimkien ma' palċmina tal-Kelma t'Alla bl-ilsien Taljan lil mara li kienet qed tbigħ il-biljetti. Kemm bkiet! Dan għandi bżonn! Dan għandi bżonn! tennietli. Kos hux! Min jaf xi jkollu l-bniedem? Mhux l-ewwel darba li nitlob lill-Mulej biex jerġa' jagħtini l-grazzja li mmur, imqar għal ġimgħa, fl-Italja, indur mat-toroq, inkellem lin-nies, inberikhom, nagħtihom il-Kurunella tal-Ħniena Divina u d-Domna tal-Madonna Mirakoluża. Xi bżonn kbir hawn tal-Mulej Ġesù ħuti madwarna u fostna!

Quddiem din ix-xena ta' qsim il-qalb qalbi ħasset. Tixtieq nitlob talba miegħek? stedintha bil-ħlewwa. Daqskemm kemm ferħet mill-ewwel laqgħet l-istedina li għamiltilha! Illum ngħid li ferħet ħafna aktar milli kieku rebħet il-lotteria Italia b'dawk il-miljuni kollha f'idha! Għax il-bniedem, meta jsib lil xi ħadd li jagħti kasu, lil xi ħadd li għalih jimpurtah, jinsa' kollox minn xiex ikun għaddej u jinħataf mill-ħlewwa tal-Mulej fih! Bħalma ġralha din il-mara.

Hekk kif temmejna t-talba l-mara urietni liema binarju kelli naqbad biex neħilha lejn Ravenna. Waqt li kont qed nistenna l-karozza tiġi, il-Mulej għoġbu ilaqqagħni ma' xi nies li kelli ċ-ċans inkellimhom u nitlob magħhom. Ħadt gost ħafna inkellimhom lil dawn l-aħwa għax kienu nies minn tagħna ħafna. Għax meta l-bniedem jiltaqa' mal-imħabba ta' Kristu kif tridu ma jinfetaħx bħal warda?

Il-vjaġġ lejn Ravenna kien wieħed sabiħ. Ma konniex ħafna fil-karozza. Bqajt imsaħħar bil-pajsaġġ naturali tal-ħolm li taf toffri l-Emilia Romagna. Dawk l-għelieqi kbar u sbieħ baqgħu impressi sewwa f'moħħi u f'qalbi. Aktar ma ħarist lejhom aktar il-Mulej saħħaħli din ir-riflessjoni f'qalbi: X'inhi l-problema li l-aħdar ta' barra moħħna biex inċajpruh jew neqirduh filwaqt li l-aħdar tal-qalb aktar inżiduh? Liema ħdura irridu nżidu, ta' barra jew ta' ġewwa?

U b'dik ir-riflessjoni, li baqgħet tħammem sewwa ġewwa qalbi, wasalna fl-istazzjon tal-karozzi tal-linja f'Ravenna. Għalija kienet l-ewwel viżta f'din il-belt. Għalhekk bdejt nara ftit x'nista' inżur aktar minn barra l-famużi możajċi ta' San Vitale u San Apollinare in Classe. Żur il-qabar ta' Dante Fra!, kien il-parir ta' waħda mara Pollakka miżżewġa Taljan. Niżik ħajr Sinjura, weġibtha. Tista' jekk jogħġbok tgħidli fejn qiegħed midfun? Għal din il-kelma, is-sinjura, li kienet f'karozza ipparkjata mal-ġenb tat-triq, ħarġet idha l-leminija u urietni lejn liema direzzjoni kelli nimxi. Mintix 'il bogħod. Kemm iddur ma' dik it-triq.

U hekk kien! Min qatt ma sema' b'Dante? B'dan il-poeta, kittieb u politiku kbir Taljan? Bqajt miexi fejn qaltli l-mara u, f'tarf it-triq, hekk kif iddur man-naħa tax-xellug, tinstab l-arka fejn fiha hemm l-għadam ta' Dante. Kemm laqagħtni l-epitaffju fuq il-qabar tiegħu li jgħid: Hawnhekk jien imħolli. Jien, Dante, eżiljat minn art missirijieti, imwelled minn Firenze, omm ta' ftit imħabba.

Xi bniedem kbir hu Dante! Ma qgħadx itiegħmha. Qalha kif ħassha f'qalbu. Għax hekk għamlulu. Dak l-ilma sqewh jew ġagħluh jixrob. Iebsa meta omm tagħti ftit imħabba. Bħalma hi ferm u ferm iebsa meta omm, bil-mod kif iġġib ruħha ma' uliedha, minflok ma tiġborhom magħha bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha (Mt 23: 37) tara kif tagħmel sakemm tgerrex u tkeċċi lill-uliedha 'il bogħod minnha kemm jista' ikun. Min jaf? Forsi riedet ftit tal-ħelsien? Inkella ippreferiet lil dak aktar minn dik jew lil dawk aktar mill-oħrajn? Insomma, mit-twila sal-qasira, meta omm tagħmel dawn il-ħmerijiet tassew li tkun qabdet it-triq tan-niżla u r-rankatura tagħha għal ġol-ħajt.

Wara li ħadt xi ritratt u ġbidt biċċa clip għal fuq il-Facebook irħejtilha bilmixi lejn il-Bażilika ta' San Vitale. Din il-Knisja, tas-sitt seklu, hi importanti minħabba l-eżiżtenza fiha tal-arti u l-arkitettura Biżantina Nisranija li tħaddan. Fil-fatt, hi waħda minn tmien strutturi f'Ravenna li tniżżlu fil-lista tal-Wirt Dinji tal-UNESCO. Il-kitba tat-twaqqif tagħha tiddeskrivi lill-Knisja bħala bażilika. Il-Knisja Kattolika sejħet il-Knisja ta' San Vitale Bażilika minħabba l-importanza storika u ekkleżjali tagħha.

Jiena u miexi fit-triq niltaqa' ma' mara flimkien ma' bintha. L-għodwa t-tajba! Lil din il-mara ma kontx nafha minn Adam. Imma, u safejn naf jien, in-nies lin-nies ikellmu. U l-Mulej mhux nofs miljun biss ħalaq imma, u għall-grazzja ta' Alla, il-vera familja tiegħi tħaddan fiha seba' biljun ruħ. U għaliha jien nappartjeni u mhux għal ċorma nies. Intant! ... L-għodwa t-tajba! weġibtha lura. Trid tmur xi imkien Patri? Għal din il-kelma ħassejt li kelli infissrilha ftit li kienet l-ewwel darba għalija li żort Ravenna. Għalhekk, ġentilment offrietli li iddawwarni ftit mal-belt. Veru l-Bambin bagħtek! dlonk għedtilha.

Biex nidħol f'San Vitale kelli nidħol fi kju daqshiex ta' nies. Ħdejja kelli xi Franċiżi. Ilsien Franċiż inħobbu. Xejn xejn ifakkarni ftit fiż-żwiemel tat-trott ta' Franza li tant inħobb nara meta jiġru għal Prix d'Amerique, f'kull l-aħħar ħadd ta' Jannar. Wara parlata kien imiss lili li nidħol fil-biljetterija. Mort biex inħallas imma l-mara tal-biljetti ma ħallitnix. Minflok, ħarġet il-portmoni mill-handback tagħha, tefgħet il-flus fil-cash u hekk ħallsitli hi. Kulma qaltli kien biss: Patri! Itlob għalija!

Bqajt inħares lejha miblugħ. Din ma kinitx tafni minn Adam. Imma għax ratni biċ-ċoqqa Kapuċċina u kienet taf li jien Patri ta' veru, għax kelli d-dokumenti ukoll x'nuri u hekk saħħaħt ilbiesi, ħasset li kellha tagħmel dan il-ġest kbir miegħi. Emmnuni li qabiżli d-dmugħ! Dak rispett! Mhux talli li ma qagħditx tiġġudikani u titfa' tagħha fuqi talli din, mingħajr ma kienet nafha, urietni daqshekk imħabba. Huma dawn l-atti li jfeqju! U f'dak il-waqt irringrazzjajt bil-bosta lill-Mulej li kien tani l-grazzja li noħroġ minn nitfa ta' gżira magħluqa u merħija għax-xewqat tal-imwieġ u l-irjieħ u immur nimraħ, nitmattar u ngħix, imqar għal ġimgħa, f'art kbira, sabiħa, spazjuża u fejn ma jafni ħadd.

Imqawwi minn tant imħabba u kura li kont għadni kemm irċivejt irħejtilha lejn il-Bażilika ta' San Vitale. Dħalt fil-kumpless tant qadim imma xi ħadd waqqafni biex nitlob. F'dak il-waqt, f'qalbi, telgħet it-tifkira ħelwa ta' Patri Franġisku Azzopardi OFM Cap. Lil Patri Franġisku kont nafu sewwa. Kelli l-grazzja li ngħix miegħu u nkellmu bosta drabi fil-kunvent tagħna l-Kapuċċini fil-Furjana. Kont nieħu gost nisimgħu jitħaddet għax mingħandu kont nitgħallem xi ħaġa utli għall-ħajja. Kemm kien iħeġġiġni



biex inżur San Vitale u San Apollinare in Classe! Ikollok ċans żurhom San Vitale u San Apollinare in Classe Mario! kien jgħidli. Miskin Patri Franġisku! Kif ħalliena! U kemm nimmisjah! Għax kien Patri li jħobb u mhux jinfed u jidres bi ħruxija l-qalb ta' min jgħix miegħu. Għalhekk, f'dak il-waqt, bid-demgħa iċċarċar m'għajnejja, tlabt għalih minn qalbi: Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi fuqu, jistrieħ fis-sliem, ammen. Għalija, dan il-Patri kien wieħed minn dawk li meta tiftakar fih ixxerred demgħa u mhux titlob lill-Mulej biex jagħtik il-grazzja li taħfrilu għax ikun ipprova jagħmillek ħajtek infern sħiħ.

U issa ippermettuli ngħid din ħuti: fil-ħajja r-relazzjonijiet kollox! Jekk irrid il-ħbieb jew li jkolli xebgħa għedewwa l-mazz f'idejja. Ejja lin-nies nittrattahom ta' nies u mhux ta' bhejjem! Jekk aħna se ngħixu biss għal ftit ta' snin fuq l-art l-għaliex għandi nkun bla qalb ma' ħaddieħor? X'ħa nieħu b'daqshekk? Le! Mhux l-eżattezzi imma n-nies! Le! Mhux il-liġi imma l-qalb ta' Kristu li tħenn u taħfer. Din hi l-fidi Nisranija! Mill-bqija ... daħk fil-wiċċ u ħsara inkalkulabbli! ...

# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIĊ-ĊENTRU TAL-POLITIKA



CLINT CAMILLERI
Il-Ministru għal Għawdex

Iż-żgħażagħ dejjem kienu fil-qalba tal-politika li jħaddan il-Partit Laburista. Xhieda ta' dan huma d-diversi organi li jiffurmaw parti integrali mill-Partit ewlenin fostom il-Forum Żgħażagħ Laburisti, li tul iż-żmien sawwar policies, ħassieba u anke Membri Parlamentari.

Grazzi għall-politika ta' dan il-Gvern immexxi minn Robert Abela, iż-żgħażagħ dejjem ingħataw spazju fejn f'Budget wara ieħor, ingħataw widen għall-proposti u s-suġġerimenti li ressqu.

Il-katina ta' inizjattivi u miżuri mħabbra mill-Gvern Laburista tul dawn l-aħħar snin favur din is-sezzjoni tas-soċjetà hi waħda estiża ħafna u li bla dubju ta' xejn, kull miżura implimentata kienet ta' sostenn. F'moħħi awtomatikament jiġuni l-miżuri taż-żieda fl-istipendji, it-tneħħija tal-miżati tal-eżamijiet tal-MATSEC u l-miżuri fil-qasam tal-proprjetà biex koppji żgħażagħ isiru sidien ta' djarhom fost l-oħrajn. Il-fiduċja tal-Partit Laburista fiż-żgħażagħ ġiet manifestata meta dawn il-persuni ngħataw id-dritt tal-vot sa mill-età ta' 16-il sena, l-ewwel fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u issa dan ġie estiż ukoll għall-Elezzjoni Ġenerali.

### Youth 4 Entrepreneurship Gozo

Il-Youth 4 Entrepreneurship hu avveniment miftuħ għaż-żgħażagħ kollha u li issa sar parti integrali mill-kalendarju ta' attivitajiet li ta' kull sena jiġu organizzati mill-Gozo Business Chamber. Din l-attività toffri pjattaforma liż-żgħażagħ biex jesponu l-abiltajiet, l-għarfien u l-kompetenzi tagħhom permezz ta' proġetti innovattivi msejsa fuq suġġetti kontemporanji li jkunu magħżula mill-Gozo Business Chamber. Din is-sena t-tema magħżula kienet is-sostenibilità u d-diġitalizzazzjoni.

L-għan aħħari ta' din l-inizjattiva hu li tnissel fiduċja fiż-żgħażagħ u li tippermettilhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom b'attenzjoni partikolari għall-potenzjal ekonomiku u l-isfidi li tiffaċċja l-gżira Għawdxija, filwaqt li tħeġġeġ liż-żgħażagħ jadottaw approċċ innovattiv biex jiżviluppaw l-ideat kummerċjali tagħhom ibbażati fuq il-bżonnijiet u l-potenzjal ta' Għawdex. L-avveniment kien parti mill-attivitajiet li qed jiġu organizzati bħala parti mill-ġimgħa ddedikata lill-intrapriżi żgħar u medji.

Spjegajt kif f'dan il-Budget, il-Gvern kompla jinvesti fil-ħiliet taż-żgħażagħ biex dawn verament ngħinuhom jilħqu l-potenzjal tagħhom billi żidna l-istipendji tal-istudenti kollha b'10%. Minbarra hekk, kull student li hu eliġibbli għall-istipendju se jkun qed jibqa' jingħatalu anki jekk l-istudent jaħdem sa massimu ta' 25 siegħa fil-ġimgħa. B'dawn iż-żewġ miżuri lill-istudenti se nkunu qed nagħtuhom żieda totali ta' €5 miljun.

Fissirt ukoll il-viżjoni tal-Gvern għal Għawdex fejn qed naħdmu biex nattiraw lejn xtutna kumpaniji innovattivi fl-oqsma tal-iżvilupp tal-logħob diġitali, minn dik awdjoviżiva kif ukoll mill-industrija tal-arti kreattiva. Dan qed nagħmluh biex noffru futur sostenibbli lil uliedna f'industriji li qed jiżviluppaw b'ritmu mgħaġġel.

Nieħu l-opportunità biex għal darb'oħra nifraħ lit-tliet parteċipanti li ssottomettew il-proposti tagħhom għall-Youth 4 Entrepreneurship, Matthew, Andrew u Eman, li daħlu għal din l- isfida u ppreżentaw il-proġetti interessanti tagħhom.

Dan hu l-ewwel pass tagħhom li se jwassalhom għal karriera eċitanti u ta' sodisfazzjon. Għawdex għandu bżonn nies bħalkom, żgħażagħ ambizzjużi u li jispiraw.

### L-għaqda studenteska Pulse

Fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, proprjament tard il-Ġimgħa filgħaxija, ħarġet l-aħbar li l-għaqda Pulse, rebħet l-elezzjonijiet għall-Kunsill Studenti Junior College, għas-sitt sena konsekuttiva bl-akbar distakk fl-istorja ta' dawn l-elezzjonijiet.

Din hi rebħa storika għal din l-għaqda fejn rat id-distakk jikber għall-500 vot. B'dan ir-riżultat u bit-tema rebbieħa tkun "Together for More", it-tim se jkun immexxi minn Jade Muscat, b'Kieran Muscat jakkumpanjaha fil-kariga ta' Viċi President.

L-għaqda Pulse hi wkoll bennina ta' ħsieb li pproduċiet politiċi u ħassieba moderni li llum qed jokkupaw karigi importanti fil-Kabinett tal-Prim Ministru Robert Abela u li għandi l-pjaċir li nsejħilhom kollegi.

Nifraħ lill-għaqda Pulse li taħdem bla heda biex ittejjeb ħajjet l-istudenti li jattendu l-Junior Collage u min hawn nawgura lil din l-għaqda aktar ħidma fejjieda hekk kif is-sena d-dieħla se tkun qed tfakkar il-25 sena anniversarju mit-twaqqif tagħha.



# IL-BIJODINAMIKA TAL-ĦAMRIJA

MARIO SALERNO



Qabel ma bdew jiġu importati l-fertilizzanti ġewwa pajjizna, kienu ħafna bdiewa li kienu jimxu mal-kalendarju tal-qamar u jdemmlu l-ħamrija fejn in-nutrijenti importanti kienu jagħtu dawk l-elementi maġġuri bħal Nitroġenu, Fusfat u Putassa (NPK) w elementi minuri bħal Magnesium, Manganese, Zinc, Cobalt, Iron, Boron, Molybdenum, Aluminium, Selenium, Calcium, Copper, Sodium u Chlorine. L-elementi kollha huma meħtieġa mill-pjanti. Ma hemmx lok li jintużaw xi wħud u jitħallew barra mil-użu oħrajn, għaliex ma jkollniex in-newba diversifikata li hija meħtieġa li tolqot mill-aktar bżonn il-ħtieġijiet kollha tal-pjanti.

In-newba hija l-qofol talgħalf tal-pjanti. Mingħajr newba, l-ħamrija ssir sterili u tiġi materja bla ħajja. In-newba tagħti u tipprovdi permezz tal-mikro-organizmi dik is-saħħa lill-għeruq tal-pjanti biex jassimmillaw l-elementi li jkunu maħlula fl-ilma u billi dawn l-elementi huma partiċelli kimiċi, l-istess mikro-organizmi li huma speċi ta' aġenti bijoloġiċi jittrasfurmaw il-partiċelli kimiċi f' għamla iżgħar li jittieħdu miċ-ċelloli tal-pjanti. Tant ikunu żgħar il-partiċelli li jgħaddu mill-ħajt taċ-ċelloli u fil-likwidu taċ-ċelloli jingarru fejn ikun meħtieġ fil-pjanta biex ikabbru l-iżvilupp tal-għeruq, taz-zokk, tal-friegħi, tal-weraq u tal-frott. Dan il-proċess huwa l-metabolizmu tal-pjanti. Mingħajr l-elementi, ma jikbrux il-pjanti. Il-bidwi jgħallef l-għalqa tiegħu bid-demel u ħafna drabi jagħti lura lil ħamrija kwart fil-piz tal-frott li jkun ħa mill-art. Ezempju – jekk il-bidwi jieħu 4 tunnellati ta' patata, jagħti xi tunnellata demel lura lill-ħamrija jew inkella flok demel naturali, hawn min jagħti xi 17 il-kilo ta' Nitroġeni, 10 kilo Fusfat u 10 kilo Putassa b' xi traċċi tal-elementi żgħar f'tomna raba'.

Għalkemm id-demel artifiċjali jintuża ta' spiss u hemm suq -marketing tajjeb tiegħu, ma jfissirx li huwa l-aqwa mezz ta' għalf lill-pjanti. Ħafna drabi fertilizzant irħis li jkollu il-Fusfat jista' jkollu traċċi ta' metalli tossiċi li jittieħed mill-pjanti biex jispiċċa fid-dieta talbniedem. Hemm evidenza xjentifika li dan fih metalli tqal bħal Cadmium, Nickel, Mercury u oħrajn fejn Cadmium huwa ħafna ħazin għalina bħala konsumaturi ta' ikel li huwa mniġġez bih! Tajjeb li l-bidwi juża metodi oħrajn flok l-użu ta' Fusfat irħis bħala fertilizzant dirett (single).

Fil-biedja organika, l-użu ta' Fusfat bil-Cadmium huwa projbit. Jekk il-fusfat ikun fih aktar minn 90mg Cd / kg P – 90 milligramma Cadmium f'kilo Fusfat, dan jista' jkun ta' periklu għal saħħitna. Barra l-Cadmium, hemm ukoll il-Merkurju li huwa wkoll ferm ħazin għas-saħħa tal-bniedem! Inkitbu xi karti ġewwa l-Isvezja minn riċerka li kien għamel Smolters, fejn dan tefa' dawl fuq traċċi ta' Cadmium li jittieħdu minn uċuħ tas-Solanum, Graminea u s-Sunflower fejn dawn l-uċuħ bħal patata, qamħ w'oħrajn ma jeħilsux mill-Cadmium la darba jassorbuh mill-Fusfat sintetiku irħis li jkollu Cadmium għoli. Il-konsegwenża tkun li dan l-ikel jittiekel mill-bniedem bl-effetti fuq l-Ostioroposis u l-ġebla fil-kliewi. Fl-ogħla Instituti Ewropej ġewwa Strasbourg u Brussels intlaħqu kompromessi bejn il-membri stati biex jiġbdu linja fuq il-livel tal-Cadmium fil-fertilizzant minħabba s-sigurta u s-saħħa tal-bniedem.

Wieħed jista' juża' metodi oħrajn bħalma kien jintuza' fi żmien il-qedem. Ħafna bdiewa fil-Mediterran tgħallmu ħafna minn bdiewa li ġew mill-Asja. Fil-fatt, ħiliet fir-raba' kienu ivvintati fil-Lvant imbiegħed u l-Arab ġabu r-rivoluzzjoni agrikola meta invadew Malta. Ħiliet fit-tilqim, żabra, żriegħ, ħart u tkabbir b'metodi naturali fejn użaw ir-rabta bejn l-annimali u l-pjanti. Il-koezistenza bejn l-annimali u l-pjanti kienet osservata sewwa fl-imgħoddi u sfruttat b'mod għaqli mill-bdiewa fl-Asja, fejn illum nużaw l-isfruttar tan-newba b'mod naturali fl-ekosistema tal-ħamrija u nsibuha bħala IL-BIODINAMIKA TAL-ĦAMRIJA.

Il-ħamrija titkattar fil-fertilita b'mod bijodinamiku, fejn l-aġenti bijoloġiċi u mikroskopiċi jsaħħu it-tessura tas-saffi tal-ħamrija. Is-saff ta' fuq l-aktar li jinħadem fejn ħafna drabi l-għeruq tal-ħxejjex tal-kċina ssibu n-nutrijenti li għandhom bżonn biex jiżviluppaw. Taħt is-saff ta' fuq, hemm is-saff passiv li ma tant'x jinħadem imma hemm xi pjanti bħal qmuħ u xgħir li jxattru l-għeruq tagħhom f' dan is-saff u jfittxu n-nutrijenti biex ikattru. Taħt is-saff attiv u s-saff passiv, insibu f'Malta il-blata li hija l-omm li tipproduċi l-ħamrija, liema produzzjoni tieħu l-eluf ta' snin. Għalhekk huwa importanti li l-ħamrija tkun konservata, protetta fejn għandna nibżgħu għaliha!

Xi darba fil-pre-istorja ta' pajjizna, kien hawn annimali diversi inkluz merħliet ta' baqar li meta kienu jmutu, il-qrun tagħhom kien jintradam daqs 30 cms taħt il-ħamrija. Fil-qrun jitpoġġa id-demel naturali tal-baqar li kienu jaħilbu, fejn il-qrun kien jaġixxi bħala inkubatur naturali għall-mikroorganiżmi li kienu jsaħħu in-newba tal-ħamrija, li tirreżisti l-mard tal-organiżmi li jagħmlu l-ħsara waqt li l-pjanti kienu jikbru aktar resiljenti kontra fatturi abjotiċi bħal riħ, xmux, nuqqas ta' ilma w oħrajn li kien jiddependi fuq l-ambjent naturali.

Issa bħalma fl-antik, il-bidwi rnexxillu jlaqqam siġar tal-frott bħal ħawh li l-isem botaniku tiegħu huwa Prunus persica – fejn it-tieni kelma botaniku Persica hija indikazzjoni li dan il-frott tal-ħawh inġieb mill-PERSIA, illum nsibuh bħala l-IRAN. Ukoll każ ieħor li l-bidwi malti rnexxa bil-kbir fil-manniġġ tal-berquq – li nġib mill-ARMENIA, fil-fatt l-isem botaniku huwa Prunus armeniaca. Barra il-ħiliet fir-raba', ir-raħħal li huwa bidwi li jkabbar l-annimali rnexxa wkoll bil-kbir fil-manniġġ tal-annimali fejn tgħallem jagħmel il-ġobon billi juża it-tomos u x-xorox li huma ingredjenti naturali li wieħed jista' juża mill-istonku ta' xi ħaruf biex permess tat-tomos jgħaqqad il-ħalib biex jifforma l-ġbejna.

Ħafna użanzi naturali li spiċċaw u bi sfortuna il-konsumatur tal-ikel mar għall-għażla ta' prodotti artifiċjali li huma irħas, imma mhux dejjem huma l-aħjar! Argument suġġettiv, imma nridu nagħmlu l-almu tagħna kollu biex ingawdu kwalita ta' ħajja aħjar. Għalhekk jekk nistgħu nagħżlu in-natural, li forsi jidher naqra aktar għoli fil-prezz imma fuq medda twila dan jiswa' ferm anqas għaliex ħajjitna hemm finnofs!

Fil-biedja organika, jew min irid jibda' jgawdi ħamrija b'saħħitha fejn jitwarrab l-użu tal-fertilizzanti u flokhom juża id-demel naturali tal-annimali u biex dan ta' l-aħħar jaħdem aħjar, jista' jkun mgħejjun bl-aġenti bijoloġiċi mkattrin b'mod naturali magħruf aħjar "BD 500 Soil Biodynamics". Il-BD 500 hija metodu ta' kif il-bidwi joħloq b'mod sempliċi in-newba li juża' fir-raba' tiegħu jew tagħha .

Dan il-metodu jinvolvi qarn ta' baqra li tkun inqatlet u l-qarn tagħha jkollu fin-naħa t'isfel qiegħ b'saħħtu bil-Kalċjum u ċ-ċrieki tal-ħlib. Qarn ta' barri mhux



tajjeb għal dan il-proċess. Il-qiegħ tal-qarn tal-baqra ikun aktar solidu w iebes. Il-qarn jintela' b'demel ta' baqra li tkun taħleb u li hija tkun mgħallfa b'furrajna, silla jew felu frisk fejn id-demel ikun kark u b'saħħtu bil-fibra. Imbagħad dan il-qarn mimli b'demel tajjeb ta' baqra taħleb jintradam għal erba' xhur matul ix-xitwa taħt is-saff attiv u mogħti b'xi weraq biex jibqa' frisk. Id-dettalji tal-ipproċċessar tan-newba magħruf bħala BD 500 Preparazzjoni tal-ħamrija bijodinamika huma:

1. Il-baqar jinqatlu fil-biċċerija. Allura jrid jintalab permess mill-Awtorita sabiex jinxtara' l-qarn. Normali, ikun hemm bżonn għall-tomna raba', tlett pari ta' qrun tal-baqar. Fid-dinja kollha hemm domanda kbira għall-qarn billi hemm użu differenti għalihom, u qed ikun aktar diffiċli biex issibhom u jekk mhux b'xi prezz mielaħ.

2. La darba takwista tlett pari għall-tomna raba', fittex demel li jkun frisk u li xi jumejn qabel ir-raħħal ta mgħallef lil baqra li tkun fil-perjodu tal-produzzjoni tal-ħalib, imma wkoll li kien sinjur fil-fibra sabiex id-demel ikollu aktar kalċjum.

3. Għandek timla' il-qarn bid-demel frisk u tordmu taħt is-saff attiv xi 30 ċentimetru. Għal tomna ħamrija, għandek bżonn sitta, jekk għandek ettaru għandek bżonn 60 qarn. Meta tordom il-qarn, għandek tpoġġi it-tarf tal-qarn fejn jispiċċa bil-ponta n-naħa ta' fuq biex fil-kaz ta' xi dulluvju xita ma jinfaqax bl-ilma. B' hekk tevita li tifqa' l-qarn bl-ilma.

4. Fuq il-wiċċ tal-ħamrija, poġġi xi mulching bħal weraq ta' palm inkella xi tiben, sabiex il-qarn taħt il-ħamrija jinzamm frisk u ma jinxifx matul l-erba' xhur mirdum fil-ħamrija.

5. Wara li jgħaddi żżmien, jinġabar u jinqala' il-qarn minn taħt il-ħamrija u jinħareġ il-kompost li jkun fih l-enerġija li jakwista matul l-erba' xhur tal-inkubazzjoni fil-qarn, fejn l-energija miġjuba mill-mikroorganizmi jgħaddu mill-qoxra tal-qarn u jakkummulaw fih. Mikroorganizmi pożitivi li huma essenżjali għal ħamrija b' saħħitha, li jirribatu l-mard.

6. L-applikazzjoni ta' dawn il-mikrooganizmi pozitivi jrid issir bil-galbu. Il-kompost jinħall fl-ilma u jkun mferrex b'mutur tal-bexx. Il-bexx jrid issir fil-għaxija meta jkun hemm ukoll l-inżul tal-qamar u l-aħjar doża hija li tħallat 25 gramma tal- kompost li jkun fih il-mikroorganizmi pożitivi ma 13 il-litru ilma biex tilħaq wiċċ ta' wejba raba'.

7. Meta l-kompost tal-qarn jinħall fl-ilma – 25 gramma ma 13 il-litru ilma, jista' jitpoġġa aħjar fi flixken li jkollhom il-ħġieġ skur. Id-dawl ikisser u jeqred il-mikroorganizmi pożitivi. Għalhekk meta t-taħlita tidħawwad għal xi 20 minuta fil-barmil, l-effervenza tal-ilma tieħu l-osiġnu u timultiplika għal bosta drabi il-mikroorganiżmi pożitivi. Wara li tiddawwar it-tahlita kif iddur l-arloġġ u bil-kontra, din it-taħlita tintbexx fil-għaxijiet.

8. Il-karatteristiċi tal-ħamrija imsaħħa bil-mikroorganiżmi pożitivi jwasslu għall: formazzjoni ta' ħamrija b'ħumus b'saħħtu, jiżdied ir-rhizobatteri fil-legumi u jkun hemm żjieda ta' batteri li jdewwbu l-fusfat, jiżdied il-mycorrhiza u l-ħjut tagħha, titjieb tat-tubba tal-ħamrija, l-attivita tal-ħniex titjieb, il-ħamrija għandha bżonn bejn 25% sa 50% ilma INQAS fit-tisqija għax in-newba ssaħħaħ it-tiera fil-ħamrija, żvilupp b'saħħtu tal-għeruq tal-pjanti u kull tip ta' ħamrija titjieb bit-taħlita tal-BD 500 Bijodinamiku tal-ħamrija.



Il-bijodinamika tal-ħamrija ssaħħaħ it-tiera u n-newba fejn ikun faċilitat it-teħid tan-nutrijenti mill-għeruq, li b'aktar faċilita jkabbru l-għeruq u jniżżlu aktar l-isfel fis-saffi tal-ħamrija u b'hekk ikun hemm aktar lok għall-veġetazzjoni resiljenti.

## IL-PAPA TWAJJEB (2)

# PAPA ĠWANNI XXIII – 140 SENA MINN TWELIDU



ROBERT ALOISIO
robertaloisio@gmail.com




Nhar id-9 ta' Ottubru 1958, Papa Piju XII miet wara dsatax-il sena jmexxi d-dgħajsa ta' Pietru fil-maltemp tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-isfidi ta' wara. Waqt li kien diehel għall-Konklavi biex jintgħażel Papa ġdid, il-Kardinal Angelo Roncalli sema' waħda mara tgħid għalih: "Dan żgur ma jilħaqx Papa, daqs kemm hu oħxon." U hu pront pront weġibha, bit-tbissima fuq fommu: "Mela hawn ġew deħlin għal xi kuntent ta' sbuħija?"

Fit-28 ta' Ottubru, wara ħdax-il votazzjoni, fil-4:50 p.m., il-Kardinal Angelo Roncalli ta' 77 sena kien elett Papa. Kien beża' li dan seta' jiġri u talab biex dan ma jiġrix. Lill-Kardinali qalilhom, "Ninsab imriegħed u mbeżża'. Il-faqar u ċ-ċokon tiegħi huma biżżejjed biex jikkonfonduni. Imma fil-voti ta' ħuti l-Kardinali nara r-rieda ta' Alla, u naċċetta d-deċiżjoni li huma għamlu." Kellu 77 sena.

### "Papa ta' Tranżizzjoni"

Roncalli għażel l-isem ta' Ġwanni bħala Papa għax fi kliemu, "l-isem Ġwanni hu għażiż għalija, għax hekk jismu missieri, għax għalih id-dedikata l-knisja umli li fiha tgħammidt, u għax għalih imsemmijin bosta katidrali madwar id-dinja. Huwa l-iktar isem li għażluh Papiet... Kważi kollha kellhom pontifikat qasir." Mill-ewwel mumenti tiegħu beda jbiddel l-affarijiet għax fir-realtà dan l-isem kien ilu ma jagħżlu Papa iktar minn 800 sena billi fis-seklu ħmistax dan l-isem kien għażlu l-anti-Papa Baldassarre Cossa fi żmien ix-Xiżma tal-Punent.

Dakinhar kiteb hekk fid-djarju tiegħu, meta ħsibijietu marru fi tfulitu u fil-familja fqira u umli tiegħu: "Illum id-dinja kollha mhi qed tikteb jew titkellem fuq xejn ħlief fuqi: il-persuna tiegħi u l-isem tiegħi. O għeżież ommi u missieri, u nannu, O Ziju Zaverio, fejn tinsabu? X'ġab dan l-unur fuqkom? Ibqgħu itolbu għalija."

Eżatt wara li kien elett, lil Roncalli daħħluh f'kamra fejn ħajjat Ruman kellu tliet ilbiesi ta' Papa. Imma lanqas l-ikbar libsa ma kienet tiġi lil Roncalli li kien qasir u kien jiżen iktar minn disgħin kilo. Il-kbira kienet twila wisq u ż-żgħira dejqa ħafna. Iċ-ċerimonier deher mifxul. Biex ikisser it-tensjoni ta' dak il-mument il-Papa, daħkan, qal: "Kulħadd riedni Papa barra l-ħajjat." Fl-aħħar, il-ħajjat uża l-labar u rranġa xi ħaġa biex xejn ma jidher quddiem il-kameras tat-televixin. Iktar tard meta staqsewh kif ħassu meta sar Papa, wieġeb bla mistenni: "Kont qisni tarbija... mfisqija f'libsa bajda dejqa wisq għalija."

Fl-ewwel xhur tal-pontifikat tiegħu ħarġet fid-dieher id-differenza bejnu u l-Papa ta' qablu. Ġwanni XXIII kien iktar nannu twajjeb milli ziju sever, u tassew kien jaf imur man-nies. Giulio Andreotti, ex Prim Ministru Taljan, jirrakkonta meta darba l-Papa kien qed iżur kwartier popolari f'Ruma, fit-Tuscolano, u talabhom jagħtuh mikrofonu biex ikellem lin-nies fil-pjazza. U qalilhom hekk:

"Araw daqxejn: Ruma hija belt diffiċli għax hija belt li fiha l-merti ma jiġux rikonoxxuti u fejn jingħataw merti lill-persuni li ma jistħoqqilhomx. Ngħidu aħna, fuqi jgħidu li jien umli għax ma rridx is-sedja ġestatorja. Imma jien ma nużahiex mhux għax jien umli imma għax jien oħxon u fuqha dejjem inħossni se naqa' u ma naqax." Liż-żgħażagħ qalilhom, "Isimgħu ġuvnotti. Nitlobkom tkunu ġentili. U tkunu ġentili max-xjuħ għax mat-tfajliet naf li intom ġentili żżejjed."

Kien hemm min lil Ġwanni XXIII sejjaħlu "Papa ta' tranżizzjoni" li kien se jissokta fil-policies tal-predeċessur sakemm isibu persuna iżgħar minnu biex tkun eletta. Iżda l-istudjuż Robert Ellsberg jinnota kif Ġwanni XXIII kien Papa ta' tranżizzjoni f'sens ieħor—billi ħareġ lill-Knisja minn stat ta' assedju u ta' biża' mid-dinja moderna għal mentalità miftuħa u ottimista kif din titratta mad-dinja. Kellu jkun il-Papa li jpoġġi sfida kbira quddiem il-Knisja biex iġġedded l-identità u l-missjoni tagħha.

### Ir-Riħ tal-Bidla

Tliet xhur wara l-għażla tiegħu, nhar il-25 ta' Jannar 1959, wara quddiesa ma' xi kardinali, għaġġeb lil kulħadd meta ħabbar li kien ser isir Konċilju Ekumeniku. U dan biex "iħalli ftit arja friska" fil-Knisja, biex isir "aggiornamento". Qabad lil kulħadd fuq sieq waħda, mid-dehra anke lilu: "Il-Konċilju ma sarx misjur fija frott ta' xi meditazzjoni twila imma bħal fjura minn rebbiegħa mhux mistennija." Ma kienx qed jara konċilju "dottrinali" li jipproponi dommi teoloġiċi u joħroġ kundanni ġodda iżda konċilju "pastorali" li jitratta r-relazzjoni bejn il-Knisja u d-dinja.

Xi kardinali kien irrabjati u raw dan kollu bħala preżunzjoni. X'kellha ħażin

il-Knisja biex kienet tenħtieġ tinbidel? Il-Kardinal ta' New York Francis Spellman, kien kiteb lil ħabib tiegħu, "Kif jazzarda jlaqqa' konċilju wara mitt sena, u tliet xhur biss wara l-elezzjoni tiegħu? Dan il-Papa impulsiv u jgħaġġel." Filwaqt li Papa Ġwanni qatt ma sema' bil-kummenti ta' Spellman, huwa sema' kummenti simili minn kardinali mbeżża', isqfijiet suspettużi u membri tal-Kurja li ħassewhom mhedda.

## Il-Konċilju Vatikan II

Imma għaxar xhur wara, fetaħ il-Konċilju Vatikan II. Kien il-11 ta' Ottubru 1962 meta 2,500 isqof minn kull rokna tad-dinja nġabru f'Ruma. L-interventi rari tal-Papa waqt il-Konċilju - li ma kienx lest qabel mewtu - kienu favur il-moviment għall-bidla kif mixtieq mill-maġġoranza tad-delegati. Fil-ftuħ tal-Konċilju, Papa Ġwanni għamel diskors famuż li fih kkritika lil dawk li sejħilhom "profeti ta' żventura" fi ħdan il-Knisja:

"Xi drabi jkollna nisimgħu—b'dispjaċir kbir għalina—vuċijiet ta' persuni, li għalkemm mixgħulin b'żelu reliġjuż, imma ma tantx għandhom sens ta' diskrezzjoni u ta' qies. Fil-kundizzjonijiet attwali tas-soċjetà umana dawn m'huma kapaċi jaraw xejn ħlief rovini u gwaj. Jgħidu li żmienna meta mqabbel mas-sekli li għaddew, huwa l-agħar żmien, u jaslu fil-punt li jġibu ruħhom bħallikieku m'għandhom xejn x'jitgħallmu mill-istorja, li hi l-imgħallma tal-ħajja, jew bħallikieku fi żmien il-konċilji l-oħra kollox kien jimxi ħarir fejn tidħol id-duttrina Nisranija, il-morali, u l-libertà vera tal-Knisja..."

"Inħossu li ma nistgħux naqblu ma' dawn il-profeti ta' żventura. Fl-ordni preżenti tal-affarijiet, il-Providenza Divina qiegħda tmexxina lejn ordni ġdid fir-relazzjonijiet umani li, bl-isforz uman, u anke lil hinn mill-aspettattivi uman, huma diretti lejn it-temmija tal-pjanijiet ogħla u misterjużi ta' Alla; u kollox, anke id-differenzi umani, iwassal għall-ikbar ġid tal-Knisja."

Fost il-kisbiet tal-Konċilju kien hemm żieda fl-isforzi għall-għaqda bejn l-Insara u għad-djalogu ma' reliġjonijiet oħra, l-iktar mal-Lhud u l-Musulmani. Il-Konċilju saħaq fuq is-sejħa universali għall-qdusija u reġa' poġġa l-Bibbja fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Knisja, li għal sekli sħaħ kienet biss bil-Latin u f'idejn il-qassisin. Ħeġġeġ l-istudju xjentifiku tal-Bibbja u t-traduzzjonijiet għal lingwi ħajjin.

Il-Konċilju ta importanza lis-sehem tal-lajċi (Insara li la huma qassisin u lanqas reliġjużi) fil-ħajja tal-Knisja, biex iwassal lil Kristu lid-dinja. Bidliet oħra li segwew il-Konċilju kienu: l-użu tal-lingwa tal-pajjiż fil-quddies minflok il-Latin, it-tneħħija ta' ċertu tiżjin mill-ilbies tal-qassisin, reviżjoni fit-talb tal-quddies u fil-kalendarju liturġiku, il-qassis ma jqaddisx b'dahru lejn in-nies, u bidliet fil-mużika liturġika u fl-arti Kattolika kontemporanja.

Karol Wojtyla, li iktar tard sar Papa Ġwanni Pawlu II, u li ħa sehem attiv fil-Konċilju bħala Arċisqof iddeskriva l-Konċilju bħala "l-grazzja kbira li minnha l-Knisja gawdiet fis-seklu għoxrin... boxxla ċerta biex torjentana fil-mixja tas-seklu ġdid". Josef Ratzinger, li kien konsulent tal-Kardinal Frings matul il-Konċilju, u wara sar Papa Benedittu XVI, sejjaħlu "żmien ta' grazzja tal-aġġornament li ried Ġwanni XXIII, għajn ħajja, li minnu nibqgħu dejjem intellgħu l-ilma b'għarfien dejjem iktar ġdid."

Minn dawn il-ġranet jibqa' wkoll magħruf id-djalogu spontanju li Ġwanni XXIII filgħaxija tal-ftuħ tal-Konċilju mit-tieqa tal-Palazz Appostoliku waqt purċissjoni aux flambeaux. Hekk kif ra l-folol fid-dawl tal-qamar, għamel diskors mill-isbaħ li baqa' jissejjaħ bħala d-"diskors tal-qamar": "Wieħed jista' jgħid li saħansitra l-qamar qed jiġri biex jara dil-lejla; arawh hemm fuq josserva dan l-ispettaklu; meta tmorru lura d-dar issibu t-tfal; għannquhom u għidulhom din hi t-tgħanniqa tal-Papa; issibu xi demgħa li tridu tixxottaw; għidu kelma tajba; il-Papa hu magħna fil-mumenti ibsin u ta' dwejjaq."

## Il-Papa tal-Paċi

Ġwanni XXIII kiteb ukoll seba' enċikliċi, fosthom Mater et Magistra (1961), li tisħaq fuq id-dinjità individwali bħala l-bażi tal-istituzzjonijiet soċjali. Papa Ġwanni kien miftuħ ħafna lejn ir-reliġjonijiet l-oħra u fl-1960 waqqaf is-segretarjat għall-Għaqda bejn l-Insara, kellu kuntatti mal-Knejjes Ortodossi u l-mexxejja Protestanti u mal-World Council of Churches, u ħadem bis-sħiħ għad-djalogu bejn l-Insara u l-Lhud.



Id-diplomazija tiegħu flimkien mal-popolarità li kellu għamluh figura influwenti fix-xena internazzjonali. Iltaqa' ma' numru ta' mexxejja dinjija, fosthom il-President tal-Istati Uniti Dwight D. Eisenhower u John F. Kennedy.

Illum nafu li fil-Kriżi ta' Kuba tal-1962, li setgħet twassal għat-Tielet Gwerra Dinjija, din id-darba gwerra nukleari, il-Papa Ġwanni XXIII kien ġie kkuntattjat mill-President Amerikan John F. Kennedy, kuntatt li kien inżamm privat dak iż-żmien biex Kennedy ma jidhirx li kien taħt l-influwenza tal-Vatikan, billi kien l-uniku President Kattoliku li qatt kellhom l-Istati Uniti sal-ħatra ta' Joe Biden fl-2021. Kennedy kien hedded li jekk ir-Russi jisparaw missila minn Kuba lejn l-Amerika, l-Amerika kienet se twieġeb, bil-Mexxej Russu Khrushchev jgħid li risposta bħal din kienet se twassal għal gwerra.

Nhar il-25 ta' Ottubru, 1962, Papa Ġwanni tkellem fuq Radio Vaticana u għamel appell imqanqal għall-paċi. Qabel din ix-xandira, ir-Russi wkoll kienu f'kuntatt mal-Vatikan. "Nitolbu lill-gvernijiet kollha biex ma jibqgħux torox quddiem din il-bikja tal-umanità," kien qal il-Papa. "Li jagħmlu dak kollu fil-poter tagħhom biex isalvaw il-paċi. Hekk jeħilsu lid-dinja mill-orruri tal-gwerra, li l-konsegwenzi tal-biża' tagħha ħadd ma jista' jbassar."

"Nitolbu li huma jissuktaw bid-diskussjonijiet, għax din l-imġiba leali u miftuħa għandha valur kbir bħala xhieda tal-kuxjenza ta' kulħadd u quddiem l-istorja. Il-promozzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konverżazzjoni, f'kull livell u f'kull żmien, hija regola tal-għerf u tal-prudenza li tiġbed lejha l-barkiet tas-sema u tal-art." Jumejn wara, Khrushchev ħabbar li l-vapuri Sovjetiċi kienu sejrin lura, u l-kriżi għaddiet.

Meta Ġwanni XXIII għamel din ix-xandira, hu kien jaf li qed imut bil-kanċer fl-istonku. Xahrejn wara din il-kriżi, ħareġ l-aħħar enċiklika tiegħu indirizzata lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba, mhux biss lill-Kattoliċi, Pacem in Terris, li fiha ħalla l-paċi bħala t-testment tiegħu lid-dinja. Kien dokument li mmarka punt ta' żvolta fit-tagħlim soċjali tal-Knisja. L-appell tiegħu kien lin-nazzjonijiet kollha.

Qabel, meta l-Papiet kienu jitkellmu fuq ġustizzja u paċi, kienu jisħqu l-iktar fuq id-drittijiet tal-istati Kattoliċi, id-dritt ta' nazzjon Kattoliku li jiddefendi ruħu, imma issa Ġwanni XXIII appella direttament għan-natura umana, id-drittijiet umani, u l-importanza tal-paċi nnifisha għall-popli kollha, lil hinn mill-interessi tal-Knisja Kattolika.

It-tolleranza, l-ottimiżmu u l-personalità ferriħija tiegħu għamluh maħbub ma' miljuni ġewwa u barra l-Knisja, u sakemm miet - nhar it-30 ta' Ġunju 1963 - kien laħaq sar l-aktar Papa maħbub fi żminijiet moderni. Kien iddikjarat Beatu mill-Papa Ġwanni Pawlu II fit-3 ta' Settembru 2000, u fis-27 ta' April 2014 kien iddikjarat qaddis flimkien mal-istess Ġwanni Pawlu minn Papa Franġisku. It-tifkira tiegħu ssir fil-11 ta' Ottubru, il-jum meta fetaħ il-Konċilju Vatikan II.

(Tmiem)

# IT-TIENI DAR GĦAL ULIEDNA



**JUSTYNE CARUANA**
Ministru tal-Edukazzjoni




> Huwa veru li fl-ippjanar ta' kull attività - ekonomika u mhix - teżisti s-sekwenza bejn infiq u profitti, u hekk għandu jkun jekk wieħed jimxi bil-għaqal. Imma fil-każ tal-edukazzjoni l-iskop finali, il-veru profitt huwa proprju l-frott li noffru lin-nazzjon kollu permezz ta' tfal li jsiru adulti responsabbli.

Fil-ħafna żjarat li nagħmel f'diversi skejjel madwar Malta u Għawdex, nifhem dejjem aktar kemm hi kbira r-rabta u l-għożża bejn uliedna l-istudenti u l-għalliema tagħhom. Nifhem aħjar kif il-prinċipali, il-kapijiet u l-istaff kollu jagħmlu l-almu tagħhom biex fl-iskejjel tagħna jinħolqu ambjent u atmosfera ta' familja. Nesperjenza kemm verament kull skola ssir it-tieni dar għall-istudenti u l-edukaturi.

Kull żjara fi skola hija esperjenza mill-isbaħ għalija bħala politiku u bħala omm, biex f'isem il-ġenituri kollha napprezza d-dedikazzjoni u l-premura tal-edukaturi u l-amministraturi li joħolqu, mhux biss ambjent ta' tagħlim, imma bennie-na għall-formazzjoni tat-tfal tagħna. M'hemmx rabta iktar bis-sens minn dik bejn li teduka biex tifforma minn tfal għal adoloxxenti u adulti.

## L-AQWA PROFITT

Kull darba nikkonferma kemm huma mberkin il-miljuni kbar ta' ewro li ninvestu fil-bini, fit-tisbiħ u fir-rinnovazzjonijiet li nippjanaw u nwettqu f'dawn il-fuklari formattivi ta' wlied il-familji Maltin u Għawdxin. Kull żjara fi skola hija okkażjoni biex nara b'għajnejja u mmiss b'idejja l-frott ħaj ta' tant ħidma f'tant strutturi u livelli tal-ħaddiema kollha fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Kull livell u kull kategorija huma ħoloq indispensabbli f'katina importanti biex nimplementaw strateġija li pass pass, twassal lil uliedna mill-bankijiet tal-iskola għal ħajja integrata fi ħdan is-soċjetà iktar wiesgħa.

Huwa veru li fl-ippjanar ta' kull attività - ekonomika u mhix - teżisti s-sekwenza bejn infiq u profitti, u hekk għandu jkun jekk wieħed jimxi bil-għaqal. Imma fil-każ tal-edukazzjoni l-iskop finali, il-veru profitt huwa proprju l-frott li noffru lin-nazzjon kollu permezz ta' tfal li jsiru adulti responsabbli. Il-frott huwa li niggwidawhom biex isiru kapaċi għal impjiegi li jaqilgħu l-għixien diċenti għalihom u l-familji tagħhom u, finalment, ikomplu jdawwru r-rota għat-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż. Għalhekk kontinwament nisħaq fuq il-kunċett ta' investiment u mhux nefqa, għax il-ġid li joħroġ minnu huwa l-benefiċċju ħolistiku tal-pajjiż kollu - għal-lum u għal għada.

## DOVER U KOMPETENZA

Dawn il-ħsibijiet m'humiex retorika. M'humiex narrattiva li tiddeskrivi ideat fl-arja . Din hija r-realtà tal-fatti li fuqha tinbena s-sistema kollha u li minnha joħroġ is-sens u l-iskop tal-ħidma kollha tal-Ministeru. Il-pedament kien u jibqa' li kull Gvern Laburista emmen mill-bidunett li t-tagħlim huwa dritt universali ta' wliedna, u matul is-snin kull gvern b'mod jew ieħor segwa l-eżempju u kompla jiżviluppa fuq dan il-prinċipju inaljenabbli.

Bħala Ministru hija kompetenza u dover tiegħi li nagħti d-direzzjoni f'isem il-gvern, skont il-policies stabbiliti, liema direzzjoni mbagħad titwettaq mill-uffiċjali u l-impjegati konċernati fil-livelli rispettivi. Dover tiegħi ukoll li nsegwi l-implimentazzjoni u nassigura li l-miri tal-gvern jintlaħqu permezz ta' strateġija li tkun tinkorpora l-aspetti tekniċi u l-pariri esperti biex jibbenefikaw uliedna u dawk kollha nvoluti fl-edukazzjoni tagħhom.

## DOVER U KONTABILITÀ

Il-kompetenza ministerjali tgħabbini bid-dover li nsegwi dan il-proċess b'attenzjoni kostanti biex inkun kontabbli f'isem il-gvern għall-eżitu mistenni mill-investiment ta' miljuni minn fondi pubbliċi. F'kull żmien ikollna sfidi differenti, bħalma kienet il-pandemija, u għalhekk ukoll hija kompetenza tiegħi li skont iċ-ċirkostanzi napplika regoli u leġiżlazzjoni neċessarji fejn u kif ikun meħtieġ - dejjem bil-pariri esperti ta' dawk kompetenti f'kull kas.

Bħala gvern, bħala pajjiż, aħna impenjati biex inġibu tkabbir għan-nazzjon tagħna u għall-poplu tagħna. l-edulazzjoni hija l-ewwel pass f'din id-direzzjoni. Aħna impenjati li nipprovdu aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità b'mod ekwu. Dan huwa punt li ma niddejjaqx nenfasizza, għaliex sa mill-bidu li dħalt għal din ir-responsabbiltà, stqarrejt dak li bis-sħiħ nemmen fih, li l-edukazzjoni inklussiva u l-ekwità huma dritt fundamentali ta' kull tifel u tifla.

## NAĦDMU FLIMKIEN

Ma nipprovdux sempliċiment aċċess ekwu għall-istituzzjonijiet iżda nrawmu komunità fejn kulħadd iħossu stmat u aċċettat. Ilkoll kemm aħna msejħa għall-azzjoni lejn kwalità għolja fil-livelli kollha tal-edukazzjoni. Il-ġid u l-progress ta' wliedna fit-tagħlim u l-formazzjoni jibqgħu' dejjem il-pern ta' kulma nippjanaw u nwettqu flimkien.

Għalhekk inqisu l-iskejjel bħala t-tieni dar għal uliedna u għall-edukaturi. Għalhekk ninvestu bil-kbir bil-konvinzjoni li l-miljuni jkunu akkumpanjati mill-impenn ta' kull min huwa nvolut. Dan nagħmluh b'rispett lejn uliedna, lejn il-familji tagħhom u lejn pajjiżna!

# Subscribe.mt



# Protezzjoni tal-informatur – Att tal-Whistleblower



*Aktar protezzjoni għall-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol – Ministru Zammit Lewis*

**It-traspożizzjoni tad-direttiva ser issir b'emendi fil-kapitlu 527**

Dan se jsaħħaħ l-infurzar tal-liġijiet u policies Ewropej f'oqsma speċifiċi billi jistabbilixxi standards għoljin u komuni ta' protezzjoni għall-persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew privat u li jkollhom informazzjoni dwar prattiċi llegali, u abbuż jew ksur ta' liġi Ewropeja.

Dawn l-emendi ser ikomplu jiżguraw illi l-persuna li tirrapporta tibqa' anonima ħlief mal-persuni awtorizzati u għalhekk protetta mir-ritaljazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

**Id-direttiva ser testendi il-protezzjoni li iġġib magħha lil hinn minn dik għall-whistleblower;**

**Faċilitaturi,** persuna li tassisti lill-persuna fil-proċess biex dan jirraporta
**Shareholder,** persuni li jappartjenu għall-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, inklużi membri mhux eżekuttivi
**Ħaddiema,** kull individwu li attwalment huwa ħaddiem, jew li qiegħed fil-proċess li jiġi ngaġġati fl-impjieg jew għadu kemm ittermina l-impjieg tiegħu.

**Din id-direttiva ser iżżid metodu ieħor li wieħed jistà juża biex jirraporta**

**Rapport Intern lill-uffiċjal li jilqa' r-rapporti**
**Rapport Estern li waħda mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-liġi**
**Rapport pubbliku:** din id-direttiva tagħti l-jedd lill-whistle blower jaqbeż l-ewwel żewġ mezzi ta' rapportaġġ u jiżvela l-informazzjoni dwar l-għemil ħażin fil-pubbliku, dejjem jekk ikun hemm possibilta' ta' ritaljazzjoni fir-Rappurtaġġ Estern jew jekk ikun hemm periklu imminenti li jaffetwa l-interess pubbliku.

**Żamma ta' rekords**

L-entitajiet legali fis-settur privat, pubbliku u l-awtoritajiet kompetenti issa huma taħt l-obbligu li jżommu rekords ta' kull rapport, f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u rappurtaġġ.

*Għal mistoqsijiet:*
whistleblower.helpmail@gov.mt

*Għal informazzjoni ġenerali:*
www.whistleblower.gov.mt

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA
U L-GOVERNANZA

# IDENTITY MALTA MIEGĦEK MIT-TWELID SAL-MEWT

Nisimgħuha diversi drabi li l-Aġenzija Identity Malta tkun mal-persuna mit-twelid sal-mewt. Matul il-ħajja tagħha kull persuna, b'xi mod jew ieħor se tiġi bżonn is-servizzi mogħtija mill-aġenzija. Sa minn meta titwieled u tasal biex tieħu l-istat tagħha, dokumenti ta' identità jew biex tivvjaġġa, sakemm tagħlaq għajnejha, kull persuna se tagħmel użu minn servizz jew ieħor offruti mid-dipartimenti varji tal-aġenzija.

Sa mit-twaqqif tagħha l-aġenzija ikkollaborat ma' entitajiet oħra biex permezz tas-servizzi offruti minnha, tiffaċilita kemm jista' jkun ħajjet in-nies filwaqt li tnaqqas il-burokrazija. Permezz ta' kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli, se tkun qed tassisti fit-twettiq ta' proġett ġdid li għandu l-għan li l-kunċett tas-sostenibbiltà jibda jitrawwem sa minn età żgħira.

Aktar kmieni din il-ġimgħa, l-Aġenzija Identity Malta flimkien mad-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli, nediet il-proġett pilota tas-"Sustainable Baby Box" fejn se tkun qed titqassam kaxxa li fiha jkollha prodotti li trawwem stil ta' ħajja sostenibbli mit-twelid.

Mill-15 ta' Novembru 'l quddiem, kull min jirreġistra t-tarbija tiegħu se jirċievi din is-"Sustainable Baby Box" li tinkludi għaxar prodotti li jintużaw għat-trabi, inkluż gverta magħmula mill-bamboo, ħarqa li tista' terġa' tiġi użata u basket magħmul minn flixken tal-plastik riċiklati, vavalor, teether, kalzetti u ingwanti. Il-Baby Box tista' tinġabar mill-uffiċini ta' Identity Malta fl-Isptar Mater Dei jew fil-Marsa u mill-Uffiċċju tar-Reġistru f'Għawdex meta ssir ir-reġistrazzjoni tat-tarbija.

Il-kunċett ta' sostenibbiltà sa minn dejjem kienet assoċjata ma' kwistjonijiet ambjentali. Madankollu s-sostenibbiltà hija wiesgħa ferm iżjed minn hekk. Din l-inizjattiva fil-fatt tolqot primarjament żewġ miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ġnus Magħquda, li huma ekonomija sostenibbli, u produzzjoni u konsum sostenibbli, kunċetti li qed issir enfasi dwarhom minħabba li joffru garanzija ta' kwalità ta' ħajja għaċ-ċittadini tal-pajjiż b'mod ħolistiku.

Twelid ġdid, minkejja l-ferħ li tista' ġġib, joffri wkoll bosta sfidi. Permezz ta' din il-kaxxa qed jiġi assigurat li kull persuna jkollha aċċess għal dawn il-prodotti bażiċi u kruċjali għal tarbija li għadha kemm titwieled.

Identity Malta permezz tar-Reġistru Pubbliku għandha rwol kruċjali f'dan ir-rigward b'mod partikolari fit-tqassim ta' dawn il-kaxxi. Dan huwa eżempju ieħor ta' kif din l-aġenzija taħdem m'entitajiet oħra biex tiffaċilita ħajjet in-nies. Dan ikompli jibni fuq l-inizjattiva mal-ARMS fejn in-numru ta' persuni mniżżla fuq il-kont, allura l-komputazzjoni tal-kont, jiġi awtomatikament aġġornat meta tinnotifika t-twelid ta' tarbija jew mewt ta' persuna u l-formola tinkludi n-numru tal-kont tad-dawl u l-ilma.

Reġistrazzjoni ta' twelid jew mewt tista' ssir fl-uffiċċju li Identity Malta għandha fl-isptar Mater Dei. Il-ħaddiema professjonali li joperaw minn dan l-uffiċċju joffru assistenza lil kull klijent li jitlob servizz. Ġenituri ta' trabi ġodda huma obbligati li fi żmien 15-il ġurnata mit-twelid jirreġistraw it-tarbija. Dan jista' jsir bl-aktar mod faċli fl-uffiċċju ta' Mater Dei, fejn iridu jkunu ppreżentati l-karti tal-identità tal-ġenituri kif ukoll id-dokumentazzjoni mogħtija mill-qabla.




F'każ ta' reġistrazzjoni tal-mewt trid tiġi ppreżentata l-karta tal-identità tal-persuna mejta kif ukoll iċ-ċertifikat tal-mewt iffirmat mit-tabib. Id-dikjarant irid jippreżenta wkoll il-karta tal-identità tiegħu.

Reġistrazzjoni tat-twelid jew mewt tista' ssir ukoll online, permezz ta' https://pubregnotifications.gov.mt/ u ċ-ċertifikat jintbagħat bil-posta fl-indirizz indikat. Fil-każ ta' reġistrazzjoni online jew bil-posta l-baby box se tittwassal fl-indirizz indikat.

Ċertifikati tat-twelid jew mewt jistgħu jinkisbu permezz tas-sit www.ċertifikati.gov jew billi wieħed jirrikorri l-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku fil-Marsa.

Hija din l-effiċjenza li ta' kuljum qed tassigura li fl-aktar mumenti importanti tal-ħajja l-Aġenzija Identity Malta toffri servizz ta' kwalità, filwaqt li tassigura kumdità u effiċjenza fis-servizzi offruti.

# Inawgurat it-tieni ċentru ta' matul il-jum u l-lejl għall-persuni bid-dimensja





Anzjani li jbatu bil-kundizzjoni tad-dimensja se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn servizzi offruti f'ċentru ġdid f'Ħal Safi li se joffri l-funzjonijiet tiegħu kemm matul il-ġurnata u kemm matul il-lejl.

Fil-ftuħ taċ-ċentru, li tbierek mill-Arċisqof ta' Malta l-Monsinjur Charles J. Scicluna, fil-preżenza tas-Sindku ta' Ħal Safi Johan Mula, tħabbar li dan hu t-tieni ċentru ta' din ix-xorta wara li f'Settembru li għadda fetaħ l-ewwel wieħed fl-Imtarfa. Iċ-ċentri tal-Imtarfa u ta' Ħal Safi huma l-uniċi ċentri fl-Ewropa li joffru servizz b'xejn ta' respite lejl u nhar.

Fid-diskors tiegħu, il-Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva Michael Farrugia spjega li s-servizzi li jingħataw fiċ-ċentri se jkunu mingħajr ħlas. Qal li b'investiment ta' madwar nofs miljun ewro, din il-binja antika sarulha modifiki strutturali estensivi u xogħlijiet ta' restawr biex inħoloq ambjent adattat u aċċessibbli għall-persuni bid-dimensja.

"Il-ftuħ ta' ċentri bħal dawn għandhom l-iskop li joffru appoġġ dirett lill-qraba ta' persuni bid-dimensja billi jiġu offruti serħan matul il-ġurnata jew billejl mill-pressjoni li tista' tinħoloq mill-kura kontinwa li jagħtu. Minbarra hekk, ikollhom serħan il-moħħ li l-anzjani jkunu involuti f'attivitajiet li huma ta' benefiċċju għalihom u għall-kundizzjoni tagħhom".

Iċ-ċentru se jkun qed jipprovdi appoġġ lil madwar 60 persuna fil-ġimgħa. L-applikanti jkunu jistgħu jattendu ċ-ċentru tliet darbiet fil-ġimgħa, matul il-ġurnata jew matul il-lejl.

"Permezz tal-ftuħ ta' dan iċ-ċentru, se nkunu qed nilħqu r-rakkomandazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tad-Dimensja 2015-2023 billi nkomplu nżidu n-numru ta' ċentri għall-persuni bid-dimensja kif ukoll is-servizz ta' night shelter," qal il-Ministru Farrugia.

Spjega li qed jiġu applikati standards internazzjonali tal-ogħla livell fil-kura tad-dimensja minn persuni kwalifikati biex jiġi żgurat li tingħata kura ta' kwalità minn staff imħarreġ fin-nursing u fil-caring.

Permezz ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u d-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, il-persuni bid-dimensja se jingħataw ukoll għajnuna taħt superviżjoni biex ikomplu bl-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum, bħax-xiri, is-smigħ tal-quddies, il-mixi, etċ. Il-Ministru Farrugia qal li bil-ftuħ tat-tieni ċentru f'pajjiżna, l-aċċess għal dan is-servizz irdoppja din is-sena.

Dawk interessati jistgħu japplikaw għas-servizz billi jżuru s-sit elettroniku www.activeageing.gov.mt u jissottomettu l-applikazzjoni online. Wieħed jista' wkoll iċempel liċ-Ċentru Servizz Anzjan fuq in-numru 2278 8800 għal aktar informazzjoni.




**SIGURTÀ FIT-TRIQ**

Kompetizzjoni bi Premju

mal-**PERIT AUDREY**





**Ħu ħsieb Ġuż!**

**Is-seatbelt tnaqqas ir-riskju ta' inċidenti fatali b'45% u tnaqqas ir-riskju ta' feriti b'50% għal sewwieqa u passiġġieri fuq quddiem.**

**Is-seatbelt tista' ssalvalek _ _ _ _ _ _ ! Ilbsu dejjem.**

Ibgħat it-tweġiba, ismek, kunjomok, numru tat-telefon u l-indirizz tiegħek hawnhekk:

**Kompetizzjoni SIGURTÀ FIT-TRIQ**

It-TORĊA, Workers' Memorial Building, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-ġimgħa l-oħra hija:

**Ursula Abela minn San Pawl il-Baħar.**

Tista' tiġbor il-premju mir-*reception* tal-General Workers' Union, il-Belt.

# Bidu tad-Disa' Żodjaku ta' SAGITTARIUS

Mit-22 ta' Novembru sal-21 ta' Diċembru



### Aquarius mill-20 ta' Jannar sat-18 ta' Frar



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Aquarius se jkun qiegħed jagħmlek tagħraf iżjed fil-profond ideat minħabba d-diversi proġetti li hemm resqin lejk. Dan jaf ukoll jagħmlek ftit panikuż minħabba li ovvjament trid turi l-abbiltà u l-kapaċità tiegħek. Iżda taqtax qalbek għax ħilietek se jwassluk fejn tixtieq tasal. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa t-Tlieta. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Leo. Aquarius huma magħrufin għall-flessibbiltà tagħhom.***

Namaste

### Leo mit-23 ta' Lulju sat-22 ta' Awwissu



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Leo se jkun mument fejn trid tagħfas aktar fuq il-ħila u l-kapaċità tiegħek. Issa ma tistax tistrieħ aktar fuq dawk ta' madwarek. Issa taf li wasalt f'dik il-pożizzjoni li trid tħares 'il quddiem u dan biss bit-twemmin fik innifsek. Għalhekk bħalissa trid tiffoka ftit iżjed f'dan ir-rigward. Agħraf sew dan. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa l-Erbgħa. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Taurus. Leo huma magħrufin li jservu ta' pont.***

Namaste

### Pisces mid-19 ta' Frar sal-20 ta' Marzu



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Pisces se jagħtik dik il-kunfidenza ġewwa fik li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar tersaq lejn dawk is-sitwazzjonijiet li int trid twettaq. Ovvjament int trid tagħraf aktar tibda tikkumbatti mal-mewġ li minn żmien għal żmien int tista' tiffaċċja. Dan ma għandux iżommok sabiex finalment tasal għal dik l-istabbilità meħtieġa. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa s-Sibt. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Capricorn. Pisces huma magħrufin għall-abbiltà organizzata tagħhom.***

Namaste

### Virgo mit-23 ta' Awwissu sat-22 ta' Settembru



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Virgo se jkun dak il-waqt li int tagħraf aktar lilek innifsek u tagħraf aktar vera xi trid u fejn trid tasal. Huwa mument fejn int trid issib aktar lilek innifsek u jekk dan mhux se tagħmlu jaf ikun hemm xi konsegwenzi. Mhux faċli li tieħu ċertu deċiżjonijiet. Għalhekk, agħraf li ssib spażju fejn int tkun tista tirrifletti. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa t-Tnejn. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Scorpio. Virgo huma magħrufin li huma nies attivi ħafna.***

Namaste

### Aries mill-21 ta' Marzu sad-19 ta' April



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Aries se jagħmlek tagħraf aktar kif minn issa tagħraf tafda. Int persuna li ma tantx tħobb tafda għalhekk bħalissa ara ma min tafda ċertu sitwazzjonijiet b'mod speċjali waqt il-ħidma tiegħek. Din is-sitwazzjoni taf iġib magħha ftit tat-tensjoni fuqek però din se tagħmlek tagħraf aktar il-fiduċja meħtieġa. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa t-Tnejn. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Libra. Aries huma magħrufin għall-ispontanjetà tagħhom.***

Namaste

### Libra mit-23 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Libra se jwasslek għal tħejjija ta' pjan li int tixtieq twettaq. Dan jista' jsir imma trid tagħraf tħejji tajjeb għalih. Taf li int ma tħobbx li xi ħaġa tmurlek ħazin u taf kemm int preċiż f'dak li tkun trid. Dan se jagħtik spinta tajba 'l quddiem basta tonora dmirek b'aktar responsabiltà. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa l-Ġimgħa. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Aquarius. Libra huma magħrufin għal indpendenza tagħhom.***

Namaste

### Taurus mill-20 ta' April sal-20 ta' Mejju



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Taurus se jwasslek lejn dik il-motivazzjoni ta' rankatura sabiex b'hekk tiffoka iżjed fil-madwar kollu tiegħek għalkemm taf li mhux kollox jiddependi minnek. Iżda dak li int tista' tasal għalih int se twettqu u dan ser jagħtik dak is-sodisfazzjon lejn aktar tkattir. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa l-Ġimgħa. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Sagittarius. Taurus huma magħrufin bħala persuni emozzjonali.***

Namaste

### Scorpio mill-23 ta' Ottubru sal-21 ta' Novembru



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Scorpio se jagħmlek tagħraf li sitwazzjoni mill-passat se terġa' tiġi għal attenzjoni tiegħek peress li għadda ċertu żmien u int stabbilixxejt lilek innifsek. Din taf tkun ta' problema jekk finalment int tagħti xi spazju u dan meta int taf kemm batejt biex ħriġt minn dan il-passat. Mhux il-waqt li int tiftaħ il-passat. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa s-Sibt. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Cancer. Scorpio huma magħrufin għall-istabbiltà tagħhom.***

Namaste

### Gemini mill-21 ta' Mejju sal-20 ta' Ġunju



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Gemini se joffrilek opportunità li int trid tieqaf u taħseb sew dwar jekk hux il-mument li bħalissa int tista' tgħaġġel fid-deċiżjoni tiegħek għax għandek sitwazzjonjiet oħra li fil-preżent int għandek bħalissa. Għalhekk wettaq analiżi profonda sabiex din l-opportunità ma tkunx ta' xi żbilanċ fil-futur. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa l-Erbgħa. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Virgo. Gemini huma magħrufin għal abbiltà u t-twemmin fihom infushom.***

Namaste

### Sagittarius mit-22 ta' Novembru sal-21 ta' Diċembru



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik l-istess Sagittarius huwa mument ta' riflezzjoni dwar il-pjanijiet ġodda fil-karriera tiegħek. Dan ikun tajjeb li tagħmel ċertu tibdiliet imma ħu ħsieb li timxi b'għaqal. Hemm bosta ideat u se jkun hemm diversi tibdil madwarek imma trid tagħraf tħejji skeda. Tajjeb li tirrifletti ma' dak li int tkun meħtieġ. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa dak tal-Ħamis. Iż-żodjaku li jipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Gemini. Sagittarius huma magħrufin għall-burdata stabbli tagħhom.***

Namaste

### Cancer mill-21 ta' Ġunju sat-22 ta' Lulju



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Cancer se jagħmlek tagħraf timxi aktar b'ħsibijiet profondi peress li s-sitwazzjoni li żviluppat quddiemek trid ftit tal-ħsieb u dan trid tagħmlu sew għax trid iżomm bilanċ bejn il-karriera u r-relazzjoni tajba li int għandek. Mument delikat imma jidher li dan se tgħaddi minnu jekk tagħraf temmen aktar fik innifsek. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa l-Ħamis. Iż-żodjaku li tipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Pisces. Cancer huma magħrufin għall-attenzjoni li huma jagħtu.***

Namaste

### Capricorn mit-22 ta' Diċembru sad-19 ta' Jannar



F'dan il-bidu tad-disa' żodjaku ta' Sagittarius għalik Capricorn se jkun il-waqt li tirrifletti sabiex ma tkunx daqstant rasek iebsa għax jekk se żżomm iebes żgur se ġġarrab xi telf. Huwa waqt fejn int trid tagħraf terħi mill-issikkar. Tibżax tagħmel dan għax mhux ħa titlef l-ebda kredibbiltà u wara ħa tinduna li xi kultant meta timxi f'dan il-pass int tista' tagħraf aktar. ***L-aktar jum ideali għal din il-ġimgħa huwa dak tat-Tlieta. Iż-żodjaku li tipprovdilek kumpanija ġenwina ġej minn Aries. Capricorn huma magħrufin kemm huma umli.***

Namaste

KOMPETIZZJONI:

L-ewwel premju ntrebaħ minn: **MARIJA CREMONA** mill-**KALKARA** filwaqt li t-tieni premju ntrebaħ minn **ANTIDA VELLA** min-**NAXXAR**.

Il-mistoqsija għal din il-ġimgħa hi: **Iż-Żodjaku ta' Sagittarius huwa s-seba', it-tmienja jew id-disa' żodjaku?**

Ibgħat it-tweġiba postali tiegħek lill: PaulJon, Kompetizzjoni t-Torċa, PO Box 27, Paola.



**L-ewwel Premju:** Voucher ta' skont fuq il-pubblikazzjonijiet kollha ta' PaulJon flimkien ma' tifkira tal-Kalendarju Żodjaku 2020.

**It-tieni Premju:** Voucher bi skont għal-trattament tas-sbuħija, mogħti minn Angels and Crystals Beauty Wellness Salon Marsascala, flimkien



JOSEPH SERRACINO
serracinoj@gmail.com

# EMMA

"Żewġt irġiel qabżu fuqi u talbuni l-flus. Meta għidtilhom li m'għandix, b'kefrija kbira tawni daqqtejn ta' sieq u ħallewni fuq dan it-taraġ."



Is-sala ewlenija tal-Ambaxxata Taljana kienet miżgħuda bil-mistednin. Fost il-mistednin wieħed seta' josserva għadd kbir ta' artisti żgħażagħ li attendew għal din is-serata bit-tama li jsiru jafu min minnhom rebaħ il-konkors tal-pittura u li bħala premju l-Ambaxxata Taljana kienet qed toffri borża ta' studju fl-Accademia di Belle Arti ta' Milan. Il-wasla ta' Roberto Anici, l-Ambaxxatur Taljan, kompliet żiedet it-tensjoni u l-eċċitament fost il-miġemgħa li xi wħud minnhom, ħerqanin aktar mill-oħrajn għax ħasbu li kellhom ċans tajjeb li jirbħu l-konkors, intasbu bilqiegħda fuq is-siġġijiet ta' quddiem u b'eċċitament kbir fuqhom qagħdu jistennew it-tħabbira tar-riżultat.

Roberto Anici, ħabib kbir ta' bosta sinjuri Maltin ta' żmienu, kien kritiku famuż tal-arti f'pajjiżu. Wara li għamel diskors qasir ta' introduzzjoni, kompla jitkellem dwar il-kobor tal-arti u spiċċa d-diskors tiegħu bi studju kritiku u analiżi serja ta' xi wħud mill-kwadri esibiti fis-sala prinċipali tal-Ambaxxata. Wara applaws mistħoqq mill-miġemgħa bħala apprezzament għat-taħdita qasira iżda studjata tal-Ambaxxatur Taljan, kien wasal il-ħin biex jitħabbar l-isem tar-rebbieħ li kellu jqatta' tliet snin studju professjonali fl-aqwa Accademia tal-Arti fl-Italja. Il-kap tal-ġurija ta' esperti li kellha l-inkarigu li tistudja u tagħżel l-artist rebbieħ resaq maġenb l-Ambaxxatur u wara li sellimlu b'inkin profond, ippreżentalu envelop magħluq fuq trej tal-fidda. L-Ambaxxatur Anici fetħu bil-mod, ta ħarsa ħafifa lejn il-kontenut miktub b'kaligrafija pulita u waqt li għolla rasu u ffissa ħarstu lejn il-miġemgħa li kellu quddiemu b'leħen kajman iżda ċar, beda jaqra r-rapport tal-ġurija.

"Sinjuri, il-ġurija komposta minn esperti tal-arti, wara li eżaminat b'reqqa kbira x-xogħlijiet kollha sottomessi lilha, iddeċidiet li l-premju ta' dan il-konkors jingħata lill-artist Malti Giovanni Pace. Skont ir-rapport tal-ġurija, dan iż-żagħżugħ iddistingwa ruħu b'xogħol serju u ta' kalibru għoli ħafna."

It-tħabbira tal-isem tar-rebbieħ qajmet entużjażmu kbir fost il-miġemgħa, l-aktar fost l-artisti żgħażagħ. Il-ħbieb ta' Giovanni daru miegħu u ferħulu waqt li oħrajn faħħrulu xogħlu u t-teknika li uża. Iżda, kif jiġri dejjem, kien hemm oħrajn li kif tħabbar ir-riżultat bdew igergru u mill-ewwel okkażjoni li sabu telqu 'l barra ddiżappuntati, b'ħalfa f'qalbhom li ma jerġgħux jieħdu sehem f'konkorsi oħra.

Għalkemm Giovanni kien jaf li kellu xogħol tajjeb, hu qatt ma basar li se jirbaħ il-premju. Maħsud bil-ferħa, u eċċitat bl-atmosfera ta' madwaru, huwa dawwar ħarstu lejn l-għalliem tiegħu li, ferħan se jtir bis-suċċess tal-alliev tiegħu, beda jċapċap waqt li b'vuċi għolja beda jgħajjat, "Bravu, Giovanni! Bravu, Giovanni!" Kien proprju waqt din l-atmosfera mqanqla li s-segretarju privat tal-Ambaxxatur resaq fuq iż-żagħżugħ u waqt li b'ġentilezza kbira ħadlu b'idejh u feraħlu għas-suċċess li kiseb, qallu li l-Ambaxxatur Anici xtaq jifraħlu personalment.

L-istedina mhux mistennija tal-Ambaxxatur ħasditu. Qam minn postu, ġibed nifs qawwi biex jipprova jikkontrolla l-eċċitament li qabdu u waqt li kompla jieħu b'idejn xi ħbieb li resqu lejh biex jifirħulu, qisu biex jikseb dik il-kunfidenza li tant kien jeħtieġ f'dak il-mument importanti, għaddas rasu lejn l-art u mexa bil-mod lejn il-podju.

Mad-daqqa ta' għajn, l-Ambaxxatur mill-ewwel intebaħ bil-karattru mistħi taż-żagħżugħ u għalhekk, biex jagħmillu kuraġġ, niżel minn fuq il-podju u waqt li ħadlu b'idejh b'kalma kbira qallu,

"Sur Pace, ngħidlek issewwa, ix-xogħlijiet tiegħek laqtuni mill-ewwel. Veru li meta ftaħt l-esebizzjoni u qgħadt nistudja xi wħud mill-kwadri ħassejt li kien hemm oħrajn li ħaqqhom ukoll premju, iżda sfortunatament premju wieħed biss għandna għal din is-sena u dana ġie mogħti lilek. Nittama li sena oħra jkollna tnejn minflok wieħed u b'hekk inkunu nistgħu nferrħu żewġ artisti f'okkażjoni ta' din ix-xorti. Waqt li nifraħlek għas-suċċess li ksibt, nawguralek li tmur tajjeb fl-istudji tiegħek f'Milan."

"Grazzi, Eċċellenza," lissen bil-mod Giovanni.

"Inħeġġek biex tkompli tipperfezzjona f'din l-arti grandjuża. Fix-xogħlijiet tiegħek jidher ċar x'potenzjal kbir tippossiedi. Tinsiex li kull studju fih is-sagrifiċċju tiegħu, iżda l-esperjenza għallmitna li akbar ma jkun is-sagrifiċċju akbar ikun is-suċċess aħħari. Għalhekk, waqt li nerġa' nifraħlek, mill-ġdid nerġa' nawguralek suċċess fl-impenn tiegħek ġewwa Milan."

"Eċċellenza, inwiegħdek li nonora dan l-impenn b'serjetà kbira," wieġbu Giovanni, hekk kif għal darb'oħra reġa' ħadlu b'idejh u inklina ruħu quddiemu b'rispett.

* * *

Wara li eżaminaha b'reqqa kbira, it-Tabib Portelli deher imħasseb. Mill-aħħar viżta li kien għamlilha deher ċar li saħħet il-kantanta kienet ħżienet ħafna u l-unika tama ta' fejqan kienet li tieqaf mill-kant. Issa huwa kien ċert li l-eċċitament li ta' sikwit kien qed jaqbadha kien ikkawżat mill-istess marda li issa kienet daħlet 'il ġewwa u bdiet iddgħajfilha saħħitha u tattakkalha s-sistema nervuża tagħha.

"Sinjorina," beda jgħidilha t-tabib, imħasseb, "inħossni fid-dmir li nerġa' nwissik ... "

Wiċċ Emma bjad, u rogħda ħafifa li ġriet ma' ġisimha kollu ġegħlitha toqgħod bilqiegħda.

"Twissini, tabib?" staqsietu ttemtem. "Iva, Sinjorina," issokta jgħidilha. "Mill-aħħar darba li rajtek il-marda tiegħek iggravat ħafna. Int għandek bżonn mistrieħ fittul. Jidher ċar li int ma bqajtx tieħu l-pilloli li tajtek, u għalhekk saħħtek marret lura. Jekk int se tibqa' twebbes rasek u ma tagħmilx dak li nordnalek, jiddispjaċini ngħidlek li ... "

"Kompli, tabib," talbitu mbeżżgħa l-kantanta.

"Sinjorina, l-għażla tinsab f'idejk: jew tieqaf mill-kant u

tgħix, jew tintemm f'qasir il-għomor." It-twissija kienet ċara. Emma ħarset fiss f'għajnejn it-tabib u nfexxet tibki.

"Nieqaf mill-kant?" staqsietu mbikkija ż-żagħżugħa. "Iżda int taf x'qed titlobni, tabib?"

"Jiddispjaċini, Sinjorina. Naf li din hi deċiżjoni iebsa, iżda hemm bżonn li int ma tkomplix twebbes rasek u tisma' minni," widdibha mill-ġdid l-ispeċjalista.

"Imma kif jista' jkun li nieqaf mill-kant? L-opra saret ħajti! Le, le, tabib, ma jistax ikun li jien nieqaf proprju issa, meta għoddni wasalt biex inkanta fl-aqwa teatri tal-Ewropa! Int għadek ma tistax timmaġina x'sagrifiċċji kbar għamilt f'dawn l-aħħar snin biex irnexxieli nasal sa hawn."

Hi u titkellem, it-Tabib Portelli qagħad iħares lejha u b'għafsa ta' qalb beda jammira s-sbuħija tagħha u l-personalità qawwija li kellha. Emma Rosati kellha madwar 25 sena, imżejna b'figura li ssaħħrek u b'karattru ferrieħi. Wiċċha ċkejken kulur ilħawħa, b'għajnejn kannella, imżejjen b'xagħar twil sewdieni li kien jagħtiha dehra ta' dama nobbli. Emma kienet kantanta ta' klassi kbira, u l-Maltin li kienu jiffrekwentaw it-Teatru Rjal saru jħobbuha u jfaħħruha għall-interpretazzjonijiet kbar li hi biss kienet taf tagħti.

"Iżda jien ma nħoss xejn, tabib," issoktat tgħidlu b'leħen miksur Emma, waqt li reġgħet qamet bilwieqfa. "Inħossni f'saħħti ... "

"Mela għalfejn ġejt tarani?"

Emma baxxiet rasha. Wara pawsa qasira lissnet minn taħt l-ilsien, "dan l-aħħar ħassejtni għajjiena ħafna, għejja mhux tas-soltu." It-tabib qarras wiċċu.

"L-għejja hi waħda missintomi ta' din il-marda," qalilha t-tabib hekk kif waqaf mill-kitba tar-riċetta li kien qed jikteb u dawwar ħarstu lejha. "Iżda taqtax qalbek, Sinjorina! Jekk int tagħmel il-kura li ktiblek, u tagħtini kelma li tibda tfittex l-arja safja tal-baħar u tal-kampanja, nassigurak li fi żmien ħames snin oħra int terġa' tieħu saħħtek mill-ġdid u tkun tista' tkompli bil-karriera tiegħek. Iżda nerġa' nwissik, hemm bżonn li tieqaf mill-kant immedjatament."

"Anke mill-kunċerti?"

"Iva, kif diġà għidtlek, wara li tfiq għalkollox int tkun tista' tkompli fejn se tħalli llum."

"Inħossni se niġġennen!" bdiet tgħid imbikkma Emma.

"Il-marda tiegħek hi komuni ħafna fil-pajjiżi Nordiċi. Illum ix-xjenza medika rnexxielha tiżviluppa diversi tipi ta' pilloli li huma effettivi ħafna. Dawn il-pilloli kapaċi jikkontrollaw din il-marda f'qasir żmien u jfejquha għalkollox."

Għal kliem it-tabib, wiċċ il-kantanta reġa' ħa l-kulur, u fuq fommha dehret tbissima ċkejkna. Issa f'għajnejha reġgħet feġġet it-tama tal-fejqan u moħħha reġa' kiseb issliem. "Tajjeb, nisma' minnek, tabib. Illum stess immur inkellem lill-impreżarju u nikkanċella l-kuntratt li għandi għas-sena d-dieħla. Nittama li l-ġimgħa d-dieħla nerġa' nirritorna lejn l-Italja," qaltlu riżoluta Emma.

"Prosit, Sinjorina! Jien nassigurak li jekk int tapplika l-kura li tajtek, int tfiq għalkollox u f'qasir żmien nerġgħu narawk fit-teatru tagħna," qalilha t-Tabib Portelli, hekk kif ħadilha b'idejha u fetħilha l-bieb tal-klinika tiegħu.

*     *     *

Mindu kien daqsxejn ta' tifel, f'qalb Giovanni nibtet ix-xewqa li meta jikber isir kantant tal-opra. Bl-għajnuna ta' zijuh Bertu, dilettant kbir tal-opra Taljana, meta tfarfar daħal mal-kor tal-Knisja ta' San Pawl tal-Belt Valletta, fejn għal xi żmien beda jitħarreġ fil-kant korali u jitgħallem jaqra l-mużika. Meta kiber, Giovanni kompla l-istudju tiegħu fl-Ischola Cantorum tas-Surmast Wiġi Zammit, fejn kompla jitħarreġ filkant mas-solisti tiegħu f'għadd ġmielu ta' festi titulari f 'diversi bliet u rħula f'Malta u f 'Għawdex.

Is-Surmast Zammit mill-ewwel intebaħ bit-talent kbir li kien imżejjen bih iż-żagħżugħ u għalhekk, meta ħass li kien wasal iż-żmien li jagħtih prova ta' solista, huwa ma qagħadx jaħsibha darbtejn. Kien lejlet il-festa ta' Marija Bambina, magħrufa tradizzjonalment bħala l-festa tal-Vitorja, meta s-Surmast iddeċieda li jipprova lil Giovanni. Qabel ma bdiet il-funzjoni, huwa għarraf liż-żagħżugħ bil-ħsieb tiegħu. Għall-ewwel Giovanni nħasad, iżda ma qallux le. Il-prova kellha tkun l-Antifona tal-Madonna, kompożizzjoni sabiħa ta' wieħed mill-aqwa kompożituri Maltin li kellna fis-seklu l-ieħor.

X'ħin wasal il-ħin biex titkanta l-Antifona, is-Surmast Zammit għamel sinjal lil Giovanni biex jersaq maġenbu. Għal mument, fuq wiċċ iż-żagħżugħ deher sinjal ta' biża', iżda meta s-Surmast taptaplu fuq spalltu u għamillu kuraġġ, huwa ħa l-partitura f'idejh u lesta ruħu għall-akbar prova ta' ħajtu. Kienet prova iebsa li wriet tabilħaqq ir-rieda u l-kapaċità taż-żagħżugħ. Huwa u jkanta l-Antifona, il-vuċi tiegħu kienet ċara, sabiħa fit-tonalità tagħha, u qawwija fin-noti akuti. Mal-aħħar nota, sħabu s-solisti daru miegħu u ferħulu bil-qalb, waqt li s-Surmast, kuntent bl-interpretazzjoni tiegħu, tbissimlu u tah il-prosit. Issa kien wasal il-ħin biex jitkanta t-Tantum Ergo mittenur Bosio, tenur li, għalkemm kien imdaħħal fiż-żmien, kien għadu kapaċi ħafna. Biex ikompli jħeġġeġ liż-żagħżugħ, it-tenur Bosio resaq lejn Giovanni u, waqt li tah il-partitura, talbu biex għal dik l-okkażjoni jkantah hu minfloku.

Is-Surmast Zammit mill-ewwel fehem x'kien il-ħsieb tal-prim solist tiegħu, għalhekk ma oġġezzjonax għax-xewqa tiegħu u ma ddispjaċiehx.

L-interpretazzjoni taż-żagħżugħ tant kienet tajba, u l-vuċi tiegħu tant kienet sabiħa, li għaġġeb lil kull min semgħu. Kien proprju waqt il-kant tat-Tantum Ergo li s-Surmast Zammit ħalef li jkompli jħarreġ lil Giovanni sakemm jirnexxilu jwasslu biex jilħaq l-għan tiegħu – dak li jsir tenur liriku.

*     *     *

Waqt li t-tokki tal-arloġġ tal-Knisja Parrokkjali ta' San Publju nstemgħu jdoqqu nofsillejl, Giovanni deher ħiereġ mid-dar tas-Surmast Zammit u qabad triqtu lejn id-dar. Kien nofs Ottubru u l-lejl kien xitwi. Ix-xita kienet ilha nieżla l-jum kollu u ma qatgħet xejn. Ir-riħ beda jinstema' jvenven, u biex juri qawwietu tefa għadd ġmielu ta' fanali tal-gass li kienu jdawlu Triq Sant'Anna. Il-qamar ukoll deher jindieħes wara sħab xitwi, iżda ta' kultant, biex juri sbuħitu, kien jixref minn wara s-sħab sewdieni u għal ftit sekondi jdawwal it-toroq mudlama.

Moħħ iż-żagħżugħ kien imtaqqal minn ħsieb li kien ilu żmien idejqu. Kien ħsieb ta' għażla bejn il-karriera ta' pittur u dik ta' kantant tal-opra. Issa hu kien wasal f 'sitwazzjoni fejn kellu jieħu deċiżjoni: jew pittur inkella kantant tal-opra. L-għada filgħodu huwa kellu jidher quddiem ġurija internazzjonali maħtura mid-diriġenti tat-Teatru Rjal biex jeżaminaw kantanti ġodda. Il-ħsieb tal-għażla dejqu tant li f'ħin minnhom, kemm biex itaffi ftit mill-kesħa li kienet ixxoqq l-għadam kif ukoll minn biża' li ħakmu minħabba d-dlam ta' madwaru, huwa ħaffef il-pass u f'temp ta' żewġ minuti wasal taħt il-mina ta' Putirjal.

Il-ħsieb li ommu setgħet baqgħet imqajma tistennieh ġiegħlu jisfida x-xita, għadda minn wara t-Teatru Rjal u ġibed għal Triq Merkanti. It-triq kienet mudlama u d-djuq tagħha kompla mlieh bil-biża', iżda hu għamel kuraġġ, għaddas rasu lejn l-art u kompla triqtu 'l isfel. Kien għoddu wasal ħdejn il-Berġa tal-Italja meta għajta għall-ajjut minn mara li dehret qed tiġi aggredita minn xi ħadd u ċ-ċaflis fl-ilma tax-xita, aktarx magħmulin minn passi tqal ta' xi ħadd li deher qed jaħrab biex ma jinqabadx fil-fatt, ħasduh u ġegħluh jieqaf ħesrem. Ħares madwaru u kollu beżgħan stenna li se jisma' xi għajta oħra, iżda meta aċċerta ruħu li madwaru kien hemm skiet perfett iddeċieda li jkompli triqtu lejn id-dar. Qasam Triq Brittanja u hekk kif medd siequ fuq l-ewwel tarġa tal-Knisja ta' San Ġakbu, li fiż-żmien ta' din il-ġrajja kienet toħroġ sa nofs il-bankina, tfixkel f'xi ħaġa li tellfitlu l-bilanċ u waqqgħetu minn tulu fl-art.

Mal-waqgħa huwa sema' karba ta' mara li reġgħditu minn rasu sa saqajh. Kif ipprova jqum, inħasad. Deherlu li kien mess riġel ta' mara. Dak il-ħin id-dawl tal-qamar feġġ minn wara s-sħab sewdieni u mumentanjament dawwal it-triq. Quddiemu huwa lemaħ mara żagħżugħa, b'daharha mserraħ mal-koxxa tal-bieb, u b'rasha mgħaddsa bejn idejha tokrob bl-uġigħ. Għal ftit sekondi Giovanni ħass qalbu tieqaf bil-biża' li qabdu u ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel. Iżda, meta ġie f'tiegħu, għamel kuraġġ, niżel għarkupptejh maġenbha, refgħalha rasha bil-mod u b'leħen kważi jtemtem staqsieha, "xi ġralek? Waqajt?" Kif l-imsejkna semgħet lil xi ħadd ikellimha, għollien rasha u b'idejha fittxet lil min kien qed ikellimha.

"Telqu? Telqu?" staqsietu mwerwra, hekk kif ħatfitu mill-ġlekk u bi tbatija kbira ppruvat tqum bilwieqfa.

"Min? Hawn m'hawn ħadd!"

"Żewġt irġiel qabżu fuqi u talbuni l-flus. Meta għedtilhom li m'għandix, b'kefrija kbira tawni daqqtejn ta' sieq u ħallewni fuq dan it-taraġ," bdiet tgħidlu ż-żagħżugħa b'leħen fgat bil-biki.

Minn kliemha Giovanni mill-ewwel intebaħ li l-imsejkna mara ma kinitx Maltija iżda Taljana.

"Fejn int alloġġata?"

"Fil-lukanda Melita," weġbitu bil-ħatfa.

Dak il-ħin minn moħħu għaddielu ħsieb li jwassalha sal-lukanda. Il-qagħda taż-żagħżugħa kienet imwiegħra ħafna. Kienet qed tbati minn xokk qawwi u l-eċċitament tagħha beżżgħu ħafna.

>> Tkompli f'ħarġa oħra




# Kliem f'kuntrabandu

■ Għaqqad 11-il kelma b'ittri li hemm f'Kuntrabandu. Dawn iridu jidħlu weqfin taħt in-numri fil-kaxxi.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 44 | | | | 158 |
| | 33 | | | 158 |
| | | 31 | | 158 |
| | | | 46 | 158 |
| 158 | 158 | 158 | 158 | |

# Ġibhom 158

19 - 22 - 35 - 37 - 38 - 39
40 - 42 - 48 - 50 - 51 - 57

■ Poġġi n-numri li jidhru hawn fuq fil-kaxxa mal-oħrajn biex kull erbgħa bi dritt xulxin kemm weqfin kif ukoll mimdudin iġibu total ta' 158 meta tgħoddhom ma' xulxin.

| | | |
|---|---|---|
| A | H x W | 18 |
| B | Y ÷ F | |
| C | R + W | |
| D | Q - B | |
| E | Y ÷ H | 12 |
| F | N + P | |
| G | C - B | |
| H | U ÷ M | |
| I | K x K | |
| J | R + T | 21 |
| K | U ÷ T | |
| L | Y - M | 14 |
| M | S + S | |

| | | |
|---|---|---|
| N | J ÷ B | |
| O | M + P | 11 |
| P | Q - A | |
| Q | C - N | |
| R | T + V | |
| S | E ÷ H | 6 |
| T | H x H | |
| U | I - K | |
| V | C ÷ H | 13 |
| W | B + S | |
| X | O x H | |
| Y | C - H | 24 |
| Z | W + S | |

# Ittri u numri

■ L-ittri mill-A saż-Z għandhom numru, mill-1 sas-26. X'uħud min-numri assoċjati mal-ittri jidhru diġà fit-tielet kolonna fuq il-lemin. Ara jirnexxilekx issib liema huma n-numru assoċjati mal-ittri l-oħrajn bl-għajnuna tat-tagħrif li hemm fil-kolonna tan-nofs..

# Bżar fl-għajnejn!!!




■ Fejn taħseb li hu l-aktar skur hawn fuq... fejn hemm l-ittra A fuq ix-xellug jew fejn hemm l-ittra B fuq il-lemin?



# Sib 52 kelma

■ It-52 kelma li jidhru hawn qegħdin x'imkien fil-kaxxa bl-ittri. Ipprova sibhom. Dawn jistgħu jkunu mimdudin, weqfin, djagonali u anke miktubin ta' wara quddiem basta f'sinjal dritt. L-ittri tista' tużahom aktar minn darba u trid tużahom kollha.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | S | A | L | S | S | A | S | I | K | K | A |
| S | T | A | M | P | A | I | U | A | R | I | R |
| A | O | A | T | I | R | E | L | L | E | T | K |
| P | R | U | N | N | I | A | A | L | M | T | N |
| P | B | X | U | J | M | A | R | R | A | R | A |
| A | J | I | M | I | A | I | U | J | Z | A | D |
| R | U | T | T | R | T | T | E | Z | Z | A | R |
| A | P | A | T | R | E | Ħ | A | R | I | R | A |
| T | L | S | A | L | O | T | T | L | T | O | T |
| A | A | T | L | U | M | A | D | L | A | K | S |
| M | T | A | P | P | A | R | F | A | X | X | A |
| A | T | U | Ħ | A | W | T | I | T | R | A | P |

ANKRA
APPARAT
ARTI
DAZJU
FAXX
FAXXA
ĦARIRA
ĦAWT
ĦUTA
INNU
ITTRA
KALAMITA
KREMA
LUPA
MARRARA
MASTRA
MAZZ
MAZZITA
MIJA
MIRA
MULTA
PARAT
PARTIT
PASS
PASTA
PASTARDA
PLATT
RATA
RAZZETT
RIMA
RITRATT
RUTELLA
SALOTT
SARIMA
SASSLA
SIKKA
SILLA
SKALDA
STAMPA
STANJATA
STORBJU
SULA
SULAR
TAMA
TAPP
TELLERITA
TMUN
TUBA
XAFRA
XALATA
XITA
XKORA

# It-TMUN fil-kliem



■ Sib mill-inqas ħames kelmiet li fihom l-ittri ta' TMUN fihom.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | | | 8 | | | 6 | |
| | 3 | | 2 | | 4 | 5 | | |
| 8 | 2 | | | | | | 3 | |
| | | 1 | | 2 | | | | 9 |
| | 7 | | 4 | | 9 | | 2 | |
| 2 | | 9 | 1 | | 8 | 3 | 7 | |
| | 9 | 2 | | 4 | | 1 | | |
| | | 3 | | 9 | | 7 | 4 | 6 |
| 4 | | 7 | | 1 | | | | 5 |

# Sudoku... mill-1 sad-9

■ Poġġi n-numri mill-1 sad-9 fil-kaxxi l-vojta basta kull disa' numri mimdudin u weqfin bi dritt xulxin u anke kull disa' kaxxi kwadri 3 x 3 kif immarkati jkun fihom in-numri kollha mill-1 sad-9.




# Tisliba bin-numri

■ Dawn in-numri jistgħu jidħlu kollha f'din it-tisliba. Sibilhom posthom – hemm żewġ numri diġà f'posthom biex tkun tista' tibda.

Bi 3: 238, 374, 457, 524, 671, 747, 893, 952

B'4: 1267, 4956, 7992, 8529

B'5: 17856, 20313, 66834, 98809

B'6: 338574, 573498, 734288, 836567

B'7: 1745238, 1835726, 1845043, 2756773, 3831766, 4459654, 6526685, 7856342, 7964947, 7978556, 8956223, 9523169

# Soluzzjonijiet ta' ġimgħa ilu

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 3 | 2 | 8 | 5 | 4 | 7 | 9 | 6 |
| 5 | 8 | 9 | 6 | 7 | 3 | 4 | 1 | 2 |
| 4 | 7 | 6 | 9 | 2 | 1 | 8 | 3 | 5 |
| 8 | 9 | 5 | 1 | 4 | 7 | 2 | 6 | 3 |
| 2 | 4 | 3 | 5 | 6 | 8 | 1 | 7 | 9 |
| 7 | 6 | 1 | 2 | 3 | 9 | 5 | 8 | 4 |
| 6 | 2 | 8 | 3 | 1 | 5 | 9 | 4 | 7 |
| 3 | 1 | 4 | 7 | 9 | 2 | 6 | 5 | 8 |
| 9 | 5 | 7 | 4 | 8 | 6 | 3 | 2 | 1 |

Sudoku

Fejn hu dan il-post?

Il-post hu Triq Nofsinhar kantuniera ma' Triq l-Ifran fejn illum hemm il-Workers Memorial Building tal-General Workers Union fil-Belt. Qabel f'dan il-post kien hemm il-Berġa ta' Franza li nqerdet fil-gwerra.



Sib 52 kelma

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | F | I | G | O | L | L | A |
| 2. | K | O | L | O | N | N | A |
| 3. | B | E | R | I | T | T | A |
| 4. | M | A | N | E | T | T | A |
| 5. | R | E | M | I | S | S | A |
| 6. | F | A | R | F | E | T | T |
| 7. | K | A | Z | Z | O | L | A |

Deffes il-kliem

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 22 | 2 | 7 | 22 | 53 |
| 7 | 31 | 7 | 31 | 76 |
| 22 | 2 | 22 | 2 | 48 |
| 7 | 31 | 31 | 2 | 71 |
| 58 | 66 | 67 | 57 | |

Numri flok figuri

110
51 59
29 22 37
16 13 9 28
4 12 1 8 20

Torri bin-numri



Sib in-numri

| | |
|---|---|
| A - 23 | N - 2 |
| B - 1 | O - 13 |
| C - 10 | P - 22 |
| D - 7 | Q - 16 |
| E - 19 | R - 6 |
| F - 15 | S - 18 |
| G - 5 | T - 9 |
| H - 24 | U - 12 |
| I - 3 | V - 25 |
| J - 14 | W - 4 |
| K - 21 | X - 17 |
| L - 8 | Y - 11 |
| M - 26 | Z - 20 |

Ittri u numri



Kliem f'Musketterija




KAP - ANKRA
FARDAL - TANK
SUFA - KAPTAN
RAS - FAR - PARK
ARKA - ALPA
PAR - FARD

# Kliem fiċ-ċirku

■ Poġġi l-kliem kollu li jidher hawnhekk fiċ-ċirku. Għandek kelma diġà f'postha biex tibda minnha u timxi b'aktar kliem eżatt kif idur l-arloġġ sakemm iddeffes kollox!

# Sfida dinjija: l-għoli tal-ħajja

EVARIST BARTOLO
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej



Anki meta fil-gżejjer tagħna kienu jgħixu 25,000 ruħ biss, konna ċkejknin wisq biex inkabbru biżżejjed ikel għall-poplu tagħna. Kien ikollna nixtru mill-pajjiżi ta' madwarna. Illum li l-popolazzjoni tagħna hija 20 darba aktar, kważi nofs miljun ruħ, u d-daqs ta' pajjiżna baqa' l-istess waqt li ċkienet il-parti li nużaw għall-biedja, ikollna nixtru ħafna iżjed ikel minn barra.

Għalhekk bħala pajjiż li rridu nixtru kważi kollox minn pajjiżi oħra, dak li qed jiġri fid-dinja bħalissa żgur jolqotna. Il-prezzijiet tal-ikel qed jogħlew mad-dinja kollha minħabba t-temp ħażin: nixfa fl-Amerika t'Isfel u għargħar fl-Ewropa u l-portijiet jimtlew containers u l-ġarr bil-mod tagħhom minħabba l-Covid-19. Iż-żieda fil-prezz tal-gass u ż-żejt jaffettwa l-prezzijiet kollha u l-agħar li qed imorru huma dawk li jifilħu l-inqas.

F'pajjiżi bħalna fiż-Żona Ewro, il-prezzijiet tal-ikel għolew bi 2% waqt li fit-30 pajjiż l-aktar avvanzati l-għoli hu ta' 4.5%. Il-Bank Dinji qed ibassar li l-prezzijiet tal-enerġija mistennija li din is-sena jkunu 80% aktar mis-sena li għaddiet.

Mistennija jibqgħu livelli għoljin is-sena d-dieħla u mbagħad jibdew jinżlu wara Ġunju hekk kif tiżdied il-provvista tal-gass u ż-żejt għall-bejgħ.

Il-prezz tal-gass għola ħafna għax dawk li jbiegħu mhux ilaħħqu mat-talba ta' dawk li jridu jixtruh. Ħafna pajjiżi nqabdu b'ħażniet żgħar għax is-sena li għaddiet kellhom isaħħnu iżjed id-djar. Għamel inqas riħ u allura naqset l-enerġija minnu. Il-prezz taż-żejt huwa l-aktar għoli fl-aħħar tliet snin għax żdiedet it-talba għalih fl-istess żmien li għolew il-prezzijiet tal-gass u l-faħam.

Il-bejjiegħa taż-żejt mhux ilaħħqu mat-talba tax-xerreja u allura jogħla l-prezz. Aħna ftit nistgħu naffettwaw dak li jiġri f'pajjiżi oħra imma dak li jiġri f'pajjiżi oħra jaffettwana ħafna. L-aktar li nistgħu nagħmlu, u hekk qed nagħmlu bħala gvern hu li nħarsu kemm nistgħu mill-effetti ħżiena taż-żieda fil-prezzijiet biex il-poplu Malti, l-aktar dawk li jifilħu l-inqas, ma jweġġgħux b'dawn iż-żidiet.



Għandna x'nitgħallmu mill-kwalitajiet sbieħ umani ta' Sean Meli li ssogra ħajtu u qabeż il-baħar biex isalva persuna li kienet se tegħreq f'baħar qawwi.

## Is-saħħa tad-dinja tagħna

Fl-aħħar forsi bdejna nifhmu li aktar ma nħassru u mmardu l-arja, l-art u l-baħar tad-dinja ċkejkna tagħna aktar inmarrdu u nħassru lilna nfusna. Jekk irridu nfejqu lilna nfusna rridu nfejqu n-natura u r-rabta tagħna magħha u nieqfu nabbużawha.

Waqt li nsalvaw l-ambjent naturali li fadal hemm bżonn inħaddru fejn għandna mibni. Kif abbużajna min-natura u qridnieha bil-bini bl-addoċċ għandna nsibu modi kif il-mibni issa nfejquh b'aktar natura ġo fih.

## Nitgħallmu minn Sean

Għandna x'nitgħallmu mill-kwalitajiet sbieħ umani ta' Sean Meli li ssogra ħajtu u qabeż il-baħar biex isalva persuna li kienet se tegħreq f'baħar qawwi. Issogra ħajtu għal persuna li lanqas biss kien jaf. Għax ħass għal dik il-persuna. Ma qgħadx jiċċekja l-persuna: hix barranija, jafhiex, x'temmen, x'lewn hi. Raha bħala persuna. X'differenza dawn il-kwalitajiet sbieħ ta' Sean Meli minn ta' dawk li jinfexxu f'mibegħda kontra l-barranin, kontra dawk li l-ġilda tagħhom għandha lewn differenti jew għandhom reliġjon differenti. Fl-aħħar mill-aħħar aħna lkoll bnedmin, ġejjin mnejn ġejjin.

U kull darba li persuna oħra inqisuha inqas minna aħna stess insiru inqas bnedmin, nitilfu l-kwalitajiet sbieħ umani bħal dawk ta' Sean Meli. Jekk m'aħniex kapaċi nkunu kuraġġużi u naqbżu l-baħar biex insalvaw persuna, għallinqas m'għandniex ngħarrqu persuna aħna stess fil-baħar kattiv tal-mibegħda.



Il-prezz taż-żejt huwa l-aktar għoli fl-aħħar tliet snin għax żdiedet it-talba għalih fl-istess żmien li għolew il-prezzijiet tal-gass u l-faħam.

# ŻAGĦŻUGĦ TA’ 21 SENA JITLEF ĦAJTU TRAĠIKAMENT...

## ... passiġġiera ta’ 19-il sena gravi l-isptar







“Minn kellu jgħidli li kellnqum f’nofs ta’ lejl insellimlek tal-aħħar ħabib”, “M’aħna se ninsewk qatt Iz” u “Ma nistax nemmen, kont inħobbok daqs ħija u żgur mhux se nneħħik minn quddiem għajnejja”. Dawn kienu wħud mill-messaġġi li tħallew minn ħbieb tal-vittma tal-inċident f’Ħal Luqa.

Ismael Grima huwa ż-żagħżugħ ta’ 21 sena li tilef ħajtu traġikament f’inċident tat-traffiku li seħħ għall-ħabta tas-1.30 tas-Sibt filgħodu.

Iż-żagħżugħ ġie ċċertifikat mejjet fil-post. Passiġġiera mal-ġuvni kien hemm tfajla ta’ 19-il sena li ddaħħlet l-isptar minħabba l-ġrieħi li ġarrbet.

Kienu diversi dawk il-ħbieb tiegħu li esprimew is-sogħba tagħhom għal dan l-inċident traġiku.

Ismael, kien magħruf sew fil-qasam sportiv u dan għax hu kien jifforma partiminn diversi timijiet tal-Youths fosthom Valletta FC u Qormi.

Fil-fatt Valletta FC Youth Development Sector urew is-sogħba tagħhom għall-mewt traġika tal-eks plejer fl-Akkademja Ismael Grima, magħruf aħjar bħala iż-Zy.

Ismael lagħab għal tliet staġuni fl-Akkademja, 2 staġuni fl-U/17 u staġun ieħor mal-U/19s qabel mar mat-tim Qormi.

## Il-Freephone ilu fis-seħħ diversi ġimgħat

>> ikompli minn paġna 1

Il-Freephone ilu fis-seħħ diversi ġimgħat fejn l-aktar popolari kienu l-pensjonijiet.

Dan mhux b’sorpiża hekk kif il-Budget għal darb’oħra ra żieda fil-pensjonijiet għall-pensjonanti kollha. Iżda, din id-darba reġa’ mar iktar minn hekk b’għadd ta’ inizjattivi maħsuba biex iżidu d-dħul tal-pensjonanti fosthom aġġustament għat-tneħħija mit-taxxa u inizjattivi maħsuba għall-pensjonanti li jibqgħu jaħdmu. Dan wassal biex 37% tal-persuni ċemplu fuq il-freephone biex jistaqsu fuq żidiet lill-pensjonanti. It-telefonati jkunu fil-maġġoranza tagħhom maħsuba biex wieħed jifhem aħjar kemm se jkunu ż-żidiet li jgawdi minnhom hu.

Skema oħra li ġibdet attenzjoni partikolari kienet dik marbuta mal-inċentivi biex il-pajjiż iħares aħjar il-qalba tal-irħula. Dwar din kien hemm madwar 7% tat-telefonati fuq il-freephone. Din il-miżura ħasbet għall-ħelsien tat-taxxa fuq bejgħ u xiri ta’ proprjetà vakanti jew f’UCA jew bi stil tradizzjonali fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-proprjetà. Bi kważi 7% wkoll kienu popolari d-domandi fuq l-assistenza supplimentari filwaqt li 5% staqsew fuq it-tisħiħ fl-in-work benefit. Anke hawn id-domandi normalment ikunu minn persuni li jkunu jridu jiċċekkjaw jekk bit-twessigħ fil-faxex ta’ dawk li se jibbenefikaw, ikunux se jintlaqtu. Intant, 2.5% staqsew fuq l-iskema tal-first-time buyers biex dawn kienu l-iktar ħames skemi li ġibdu interess.

Bit-tema Malta li Rridu għal Uliedna l-baġit għas-sena d-dieħla kien mimli inizjattivi maħuba biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-persuni.

# L-IMPORTANZA TAL-INVESTIMENT FIL-KAPITAL UMAN




Dejjem emmint li pajjiż jikseb żvilupp ekonomiku sostenibbli permezz investiment sostanzjali fl-edukazzjoni tal-kapital uman tiegħu. Dan huwa sentiment li dejjem sħaqt fuqu tul il-karriera imprenditorjali u politika tiegħi. Dan huwa ħsieb li sħaqt fuqu fir-rwol attiv illi kelli fl-iżvilupp tal-100 Idea tal Partit Laburista. Dan huwa wkoll is-sentiment li fuqu ssawret il-Viżjoni Ekonomika tal-Gvern 2021 - 2031. Dan għax l-ebda viżjoni ma tista' tilħaq il-milja tagħha jekk l-edukazzjoni ma tkunx ċentrali fil-proġett. Dan għax kull strateġija ekonomika tiddependi mis-sostenn tat-talent uman u fl-attirar tal-aqwa talent fuq livell globali. Kien għalhekk li aktar kmieni din is-sena il-gvern fetaħ diskussjonijiet mal-industrija, mal-unions u mas-settur edukattiv sabiex it-taħriġ u x-xogħol jimxu f'sinerġija mal-ħtiġijiet tal-ekonomija tal-futur. Kien għalhekk ukoll li l-investiment tal-kapital uman kien fiċ-ċentru tal-Budget 2022.

Il-Budget imħabbar fil-11 ta' Ottubru se jwitti t-triq għad-deċennju li jmiss, fejn pajjiżna se jsir ċentru ta' eċċellenza, denju li huwa l-aqwa fl-Ewropa u fid-dinja. Kif qal tajjeb il-Prim Ministru Robert Abela riċentament; "Jekk qabel ridna nilħqu l-medja, issa rridu nilħqu l-quċċata." Għaldaqstant, il-Budget 2022 jenfasizza fuq il-ħtieġa ta' ekonomija aktar innovattiva, mibnija fuq il-valur miżjud, b'sensiela ta' setturi u ekosistemi ġodda li jistgħu jsarrfu f'mudell ekonomiku li jrendi aktar u joħloq aktar ġid u xogħol ta' kwalità għall-ħaddiema Maltin u Għawdxin. Tassew, il-Budget 2022 huwa ispirat minn ekonomija li tħares lejn soluzzjonijiet innovattivi li jroddu r-riżultati biex b'hekk pajjiżna jkompli javvanza permezz ta' ekonomija sostenibbli. Dan huwa Budget li jinkoraġixxi tkabbir sostenibbli permezz ta' investimenti immirat lejn it-teknoloġija u l-ekonomija l-ħadra. It-teknoloġija u l-ekonomija l-ħadra huma l-futur. Dan filwaqt illi l-gvern se jkompli jinvesti f'setturi tradizzjonalment importanti għal ekonomija lokali fosthom is-settur tat-turiżmu, is-settur tal-films, is-settur finanzjarju u tal-gaming.

Però dan l-iżvilupp u tkabbir ekonomiku ma jkollu l-ebda valur jekk il-gvern ma jfassalx strateġija ċara biex il-pajjiż ikollu biżżejjed riżorsi umani. Mhuwiex sigriet li pajjiżna għandu nuqqas ta' kapital uman. Sfida kbira għal pajjiż li m'għandux żejt, gass jew riżorsi minerali. Sirna dak li sirna bil-ħila u l-għaraq tal-ħaddiem Malti u Għawdxi.

Huwa għalhekk li l-gvern ħabbar fil-Budget 2022 li se jkun qed jinvesti fil-ħiliet tal-ħaddiema tagħna. Kif tenna riċentament il-Ministru tal-Finanzi, Clyde Caruana; "l-opportunitajiet jiżdiedu meta persuna jkollha aċċess għal aktar tagħlim, u dan imbagħad iwassal għal dħul ogħla." Għaldaqstant biex pajjiżna jżomm il-livell li laħqet l-ekonomija ta' pajjiżna u saħansitra ntejbuha jeħtieġ forza ikbar biex nagħmlu l-qabża li jmiss.

L-ewwel pass li ha l-gvern kien li nieda l-Politika Nazzjonali tax-Xogħol il-ġdida li biha se jibda jaffronta din l-isfida. Din il-politika fiha pjan li bih se nkunu qed ngħolli l-valur tas-siegħa xogħol tal-ħaddiem Malti u Għawdxi. Dan se jsir billi jtejjeb li-ħiliet, joffri opportunitajiet ta' taħriġ, jinċentiva lil dak li jħaddem u lill-ħaddiema nfushom biex itejbu l-ħiliet tagħhom.

U biex din l-istrateġija tilħaq il-mira tagħha kmieni s-sena d-dieħla il-gvern ilmiżuri mħabbra mill-gvern huma essenzjali biex ikabbru r-riżorsi umani tagħna, nemmen li l-proċess ta' taħriġ u upskilling huwa responsabiltà tas-settur privat. Bħala imprenditur fis-settur tat-taħriġ, dejjem insistejt fuq il-bżonn li kumpanija tinvesti fin-nies tagħha. It-tagħlim u taħriġ u essenzjali biex kumpanija tkompli tikber. Dan huma sentiment li bqajt ninsisti fuqu fil-vjaġġ politiku tiegħi. Kien għalhekk li tul dawn l-aħħar snin introduċejt proġetti bħal eME u Robotica. Dan is-sentiment huwa rifless fid-direzzjoni li qed jieħu l-gvern fil-Budget 2022 billi nieda ċensiment nazzjonali tal-ħiliet tal-ħaddiema. Dan iċ-ċensiment se jkun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu mhux biss f'pajjiżna iżda anke fl-Ewropa b'investiment totali ta' €2 miljun. Hekk kif jitlesta dan l-eżerċizzju l-gvern se jibda proċess ta' digitalisation audit tal-postijiet tax-xogħol biex inkunu preparati għal din l-isfida l-ġdida.

Il-gvern mar anke pass oltre billi nieda fond ta' taħriġ li, għall-bidu se jkun fih €2 miljun iżda mhux eskluż li jiżdied jekk ikun hemm bżonn, biex l-industrija stess tkun tista' tħarreġ lill-ħaddiema bi programmi magħmula minnha.

Inizjattivi li jirriflettu proposti mressqa mill-General Workers' Union biex il-Jobsplus jibda jagħti servizz ta' gwida fil-postijiet tax-xogħol sabiex ħaddiema jingħataw opportunità li jtejbu l-ħiliet tagħhom kif ukoll jiżiedu l-boroż ta' studju u inċentivi oħra biex aktar ħaddiema jsegwu aktar studji u taħriġ professjonali.

Din hija l-Malta li rrid nara għal uliedi. Din hija l-Malta li rrid nara għall-Maltin. Malta msejsa fuq ekonomija li tħares bi prospettiva. Malta li tagħraf l-importanza tal-investiment fir-riżorsi umani tagħha. Malta, b'gvern li għandu viżjoni ċara. Malta, fejn l-għażla naturali fl-elezzjoni li jmiss huwa l-Partit Laburista.



RAY ABELA
Kandidat Laburista
fuq l-1 u t-3 Distrett

"Il-Budget imħabbar fil-11 ta' Ottubru se jwitti t-triq għad-deċennju li jmiss, fejn pajjiżna se jsir ċentru ta' eċċellenza, denju li huwa l-aqwa fl-Ewropa u fid-dinja."

# BERNARD GRECH U L-LIĠI TAL-KANNABIS



L-Avukat **CHRIS BONETT**
Kandidat Laburista
fuq ir-raba' distrett



Il-Partit Nazzjonalista wara li baqa' qatt ma pparteċipa fil-konsultazzjoni pubblika dwar il-White Paper li ma kienx jaf li ħareġ il-Gvern, indika li se jivvota kontra l-liġi kif proposta mill-Gvern. Dan hekk kif wara laqgħa tal-Grupp Parlamentari Nazzjonalista, ma kienx hemm qbil u għal darb'oħra għaddiet tal-fazzjoni li tikkontrolla 'l-Kap Bernard Grech.

Fil-Parlament bdiet tiġi diskussa r-riforma fil-liġi tal-kannabis fl-istadju tat-tieni qari dwar l-abbozz ta' liġi li ppreżenta l-Gvern. Il-liġi tipprovdi kontrolli fuq bosta dettalji marbuta mal-użu tal-kannabis f'pajjiżna, fosthom l-ippakkeġġjar, it-trasport kif ukoll il-kwalità tal-kannabis li tkun qed tinbiegħ.

Lil hinn minn kull retorika politika, ikun skorrett jekk jingħad li din ir-riforma se twassal għal-legalizzazzjoni tal-kannabis. Dan għaliex f'pajjiżna għad m'hawnx dekriminalizzazzjoni kompleta għal dawk li jagħmlu użu mill-kannabis.

Din ir-riforma li qed nagħmlu hija riforma ambizzjuża, u kuraġġuża, fejn qed nagħtu daharna lit-traffikanti tad-droga, filwaqt li nagħtu d-dinjità lill-persuni li jagħmlu użu responsabbli mill-kannabis. Iktar minn hekk qed inħarsu lit-tfal u lil dawk vulnerabbli fis-soċjetà, b'regoli li jipproteġuhom u li nassiguraw li f'pajjiżna ħadd iktar ma jkollu d-dinjità tiegħu kkalpestata.

Il-Partit Nazzjonalista wara li baqa' qatt ma pparteċipa fil-konsultazzjoni pubblika dwar il-White Paper li ma kienx jaf li ħareġ il-Gvern, indika li se jivvota kontra l-liġi kif proposta mill-Gvern. Dan hekk kif wara laqgħa tal-Grupp Parlamentari Nazzjonalista, ma kienx hemm qbil u għal darb'oħra għaddiet tal-fazzjoni li tikkontrolla 'l-Kap Bernard Grech.

Ħafna huma tal-fehma li din id-deċiżjoni hija farsa għax wara li Bernard Grech ried il-mertu fuq l-abbozz ta' din il-liġi li ppreżenta l-Gvern fil-Parlament, xorta waħda mhux se jaqbel magħha. Skont il-Kap Nazzjonalista, l-abbozz tal-liġi kien ħareġ bih hu u l-Gvern ikkupjah! Iżda wara li ma kienx hemm qbil fil-Grupp Parlamentari, Bernard Grech ħareġ kontra.

Issa nistennew lil Bernard Grech jispjega dak li qaltlu l-għaqda Releaf, li hija favur l-użu tal-kannabis responsabbli: għaliex irid jibqa' jibgħat nies mhux vjolenti il-ħabs, waqt li jiffaċilita s-suq illegali tad-droga? Nistennew u naraw.

## Boroż ta' studju għaż-żgħażagħ

Iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar tidher id-differenza drastika li teżisti bejn iż-żewġ partiti politiċi ewlenin f'pajjiżna. Fuq naħa għandna oppożizzjoni li tikkritika blaħrax lill-Gvern fuq kull ħaġa li jagħmel u xi kultant toħroġ b'xi proposta li normalment tkun għadha nofs sajran.

Tiftakru bħali b'risposta għall-Budget, Bernard Grech qal li se jagħti voucher ta' €500 lil kull żgħażugħ biex imur ġita mbagħad meta deher li żelaq spjega li biex imorru jaraw garaxx tat-tellara. Dakinhar jien kont għidt li ż-żgħażagħ sapport, xogħol u futur f'pajjiżna jridu u mhux €500 darba mingħajr effett. Dan biex ma nsemmix ukoll li meta aħna qassamna l-vawċers, l-iskema kienet intiża biex il-flus jintefqu hawn Malta u nagħtu mbuttatura 'l quddiem lill-ekonomija tagħna. Imma ejja ħa nibqgħu fuq il-kunċett dwar kif lil hinn minn dak li jgħidu l-oppożizzjoni kif il-Gvern qiegħed isostni liż-żgħażagħ tagħna.

Din il-ġimgħa rajna kif tnax-il student akkwistaw boroż ta' studju permezz tal-fond Pathfinder, li huwa mmexxi mill-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali. Dawn l-istudenti qed ikomplu l-istudji tagħhom relatati mal-intelliġenza artifiċjali fuq livelli ta' Masters u Dottorat, kemm f'Malta kif ukoll barra minn pajjiżna. Kull student se jibbenefika sa massimu ta' €10,000 u mhux €500 darba li ma twassal imkien.

Fl-istess waqt, mitejn disgħa u tmenin student lestew b'suċċess il-kors The Guest Experience, proġett li fih jinkludi numru ta' korsijiet fl-ospitalità li qed isir ġewwa l-Istitut għat-Turiżmu, l-ITS. Dan huwa l-mod kif nieħdu ħsieb liż-żgħażagħ bil-fatti, billi ngħinuhom itejbu l-ħiliet tagħhom u noħolqulhom opportunitajiet ġodda.

## Sitwazzjoni Covid-19

Bħalissa l-Gvernijiet Ewropej qed jiddiskutu ż-żieda qawwija ta' infezzjonijiet fil-kontinent f'dik li qed tiġi diskretta bħala r-raba' mewġa "drammatika" tal-Covid-19. Fil-Belġju tħabbru numru ta' miżuri maħsuba biex jevitaw lockdown. L-Awstrija ħabbret lockdown għal madwar żewġ miljun ruħ mhux imlaqqma fil-pajjiż. Fl-Olanda bħalissa hemm lockdown parzjali, filwaqt li l-Ingilterra mhux teskludi l-possibilità ta' lockdown.

Dan kollu qiegħed iġib sfidi ġodda u problem kbar f'dawn il-pajjiżi. Primarjament is-saħħa tan-nies li f'dawn l-aħħar ġranet qed jiġu reġistrati eluf ta' każi attivi kull ġurnata, imma wkoll kollass fl-ekonomiji ta' dawn il-pajjiżi. Ħafna gvernijiet ġew kostretti li jaddottaw politika t'awsterità fejn il-piż qiegħed jingarr miċ-ċittadini li qed isibuha diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja. Problema oħra hija x-xogħol li mhux qed jibqa' sostenibbli b'numri ta' kumpaniji jnaqqsu l-attività jew saħansitra jwaqqfu għalkollox l-operat tagħhom.

Hawn Malta min-naħa l-oħra ward u żahar. Meta mqabbel ma' pajjiżi oħra pajjiżna vera mmexxi b'mod għaqli u b'kawtela kbira. Inħossni kburi li pajjiżi oħra jħarsu lejn il-mod kif sibna l-bilanċ bejn is-saħħa u l-ekonomija. Il-barranin qegħdin jaraw il-mudelli li adottajna għal pajjiżna għax jafu li s-sitwazzjoni, minkejja d-diffikultajiet kollha hija waħda taħt kontroll.

Dan għax il-Gvern ħaseb biex ikollu vaċċin għal kulħadd u llum ninsabu f'pożizzjoni li kważi l-popolazzjoni kollha tlaqqmet biex issa beda l-proċess tatteħid tal-booster ukoll. Dan qiegħed ipoġġina f'pożizzjoni sigura biex nevitaw il-mewġa li hija prevista u esperti qegħdin ipoġġu lil Malta u lill-Portugall bħala ż-żewġ pajjiżi l-iktar siguri minħabba l-ammont għoli li jaqbeż it-tmenin fil-mija tal-popolazzjoni li huma vaċċinati.

Mill-aspett ekonomiku ħdima tajjeb ukoll. Għal darb'oħra ċertifikat ieħor, din id-darba mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea, il-Eurostat, li poġġa lil pajjiżna l-ewwel tal-lista tal-pajjiżi Ewropej, li żiedu n-nefqa soċjali fis-sena tal-pandemija.

Bħala Gvern qed nuru bil-fatti li fiċ-ċentru tal-politika tagħna għandna f'moħħna u f'qalbna lin-nies. Aħna ninvestu fin-nies u nibqgħu leali dejjem mal-valuri soċjalisti tagħna, li ngħinu l-aktar li għandhom bżonn. Aħna rridu li kulħadd ikollu suċċess u jimxi 'l quddiem. Proprju għalhekk f'dan iż-żmien kruċjali ħadna ħsieb lil kulħadd; lil min iħaddem u lill-ħaddiem, lit-tfal u l-anzjani, lill-familji, persuni b'diżabilità. Dan huwa Gvern bil-għaqal li jara li l-ġid ta' pajjiżna jħalli effett pożittiv li kull faxxa tas-soċjetà. Aktar ma jkollna nies b'suċċess, aktar ikollna soċjetà b'saħħitha.

Il-Ħadd it-Tajjeb.

# IRBAĦ €50 VAWĊER



**Soluzzjoni tal-Ħadd li għadda**

**MIMDUDIN:** 1. Tnaffar; 5. Xkaffa; 8. Brijoxx; 14. Tumur; 15. Kemmex; 17. Rażżan; 19. Qilla; 20. Xtut; 21. Dlam; 23. Staħa; 25. u 28. Il-lixxati; 29., 30. Konkos; 31. Nifs; 33. Villeġġatura; 39. Sbul; 41. u 42. Pronom; 43. Sufa; 45. Tapit; 46. Bnadi; 47. Iris; 50. Rimi; 53. RAI; 54. Ajk; 56. Qadim; 58. Xaħħam; 60. Saqajn; 62. Kurja; 64. Lemaħ; 67. Laħħam; 69. Libell; 70. Ankra; 72. u 73. Ballun; 75. Bumm; 77. Ġibs; 79. Aħjar; 80. Brimb; 82. Ziju; 84. u 85. Anġini; 87. Rari; 88. Ġurament; 93. Zarb; 94. u 95. Mudell; 96. Xott; 98. Koran; 100. u 101. Stangetta; 105. Akut; 108. Nannu; 109. Lellux; 110. u 111. Illitterati; 112. Trattat; 113. Grigal; 114. Eluttur.

**WEQFIN:** 2. Namra; 3. u 4. Formajka; 6. u 7. Kaxxaforti; 9. Rand; 10. Jaqq; 11. Xalpa; 12. Student; 13. Kapitali; 16. Mitwi; 18. Żbirr; 22. Soppa; 24. u 26. Ħallat; 27. Qormi; 32. Fessud; 33. Vot; 34. Lupu; 35. Estrem; 36. Abbiss; 37. u 38. Uragani; 40. Bassar; 44. Ferm; 48. Rikk; 49. Bixkilla; 51. Kannella; 52. Sqalli; 55. Pastaż; 57. Itma; 59. Ħawħ; 61. Qalb; 63. Użin; 65. Maġġur; 66. Ħbub; 68. Mibrum; 69. Lembut; 70. Anti; 71. Kuruna; 74. Tjur; 76. Ġifa; 78. u 79. Sabutaġġi; 81. u 82. Bizzilla; 83. Fraxxnu; 86. Abbatin; 89. Ukoll; 90. u 91. Arafat; 92. Lenti; 97. Tenur; 99. Naxar; 100. Stiva; 102. Lenti; 103. u 104. Kustilja; 106. u 107. Stallett.

**MIMDUDIN**

1. Rikeb, tela' abbord (7)
5. Il-mostru mħawwad li jieħu ħsieb jiddieriġi l-qaddiefa? (6)
8. Xogħol magħmul fi stamperija (7)
14. u 15. Mimdudin: Ħaseb li ġejja tajba u ġiet ħazina, waqt logħba billiard (5, 6)
17. u 19. Mimdudin: Din jgħidulha ġewżet il-ħwawar, għal riħa tfuħ fl-ikel (11)
20. Ħuta li tixbaħ liċ-ċerna, sur avukat (4)
21. u 23. Mimdudin: Imħawdin għall-aħħar u mgħaġġlin ukoll! (9)
25. Aktar qasir (5)
28. Xemx u ... Alla jaf meta (4)
29. u 30. Mimdudin: Din dejjem tkun magħmula minn tnejn (6)
31. Rani mixful fil-Persja l-antika (4)
33. Naturalment kontra bijotiku (12)
39. Dan xejn mhu ... sabiħ min-naħa tiegħek (4)
41. u 42. Mimdudin: Ħasil bis-sapun (6)
43. Din il-mara tad-dudu (4)
45. ... karti (5)
46. Jagħmluh l-istudenti u kultant isir fil-kuxjenza (5)
47. Dan hu ħu l-bint (4)
50. Tgerbeb xi waħda għal isfel (4)
53. u 54. Mimdudin: Aktar minn qantar wieħed (6)
56. Waħda mill-bċejjeċ (5)
58. Ċanġun imdaqqas (6)
60. Xejn ma jafulek (6)
62. Malajr tagħmel ħbieb miegħu (5)
64. Ta daqqa xkupa l-art (5)
67. u 69. Mimdudin: Din xi ħaġa ta' prinċipju, li fuqha joqgħod kollox (12)
70. Estimu, valutazzjoni (5)
72. u 73. Mimdudin: ..., x'diskors għamiltilna (6)
75. Aħajr tard milli ... (4)
77. Dawn srieraq b'xafra dejqa (4)
79. Molla, molla u aktar (5)
80. Biċċa laħam kbira (5)
82. ... tal-Appostli (4)
84. u 85. Mimdudin: Jintużaw għas-sajd (6)
87. Xorta ta' karkur (4)
88. Ordnijiet b'mandat mill-Qorti għat-tkeċċija mid-dar (12)
93. Wieħed mill-qrun (4)
94. u 95. Mimdudin: Dik l-omm bajd u ... (6)
96. Ħadd mhuwa għar-..., kien jgħid Alfred Sant (4)
98. Qtajja' ta' nies (5)
100. u 101. Mimdudin: Isiru biex jitwettqu xi atti kriminali (9)
105. Il-ġid imħolli wara l-mewt (4)
108. X'sar minnha l-banda tiegħu? (5)
109. Dardir u inġazzar (5)
110. u 111. Mimdudin: Dan singlu jew personali (11)
112. Merħi u mkittef waħda sew (7)
113. Xi attur li jinterpreta lil maħbub (6)
114. Qam mir-raqda (7)

**WEQFIN**

2. Ħwejjeġ tal-għawm (5)
3. u 4. Weqfin: Xewwiex u jġib it-taħwid u diżordni (8)
6. u 7. Weqfin: Ta' Ġuda l-aqwa wieħed minnhom (10)
9. Nieqes mis-smigħ (4)
10. u 11. Weqfin: Tarahom l-aktar fil-Karnival (9)
12. Għawi jew kliem minn taħt fil-widnejn (7)
13. Ġisem mejjet (7)
16. Aktar fin (5)
18. Kien it-tifel ta' Abram (5)
22. Din għodda li żżomm kollox marsus (5)
24. u 26. Weqfin: Bħalissa ħafna minnhom qed jitranġaw (6)
27. Isebbħu ġnien u kullimkien (5)
32. Kif ġie ġie, sar xogħol bl-... (6)
33. u 34. Weqfin: Nuqqas ta' ħeġġa (7)
35. Għarbi li jgħix fid-deżert (6)
36. Ibħra kbar (6)
37. Pajjiż li għandu rabta ma' Hussein (4)
38. u 40. Weqfin: Iben waħdani (9)
44. Waħda mid-dwejjaq (4)
48. Magħmul minn persuni li jmexxu xi ażjenda (4)
49. Strument mużikali tan-nifs (8)
51. Dan jaħdem u jirsisti għal partit (8)
52. Kontra 1. Mimduda (6)
55. Għamel is-... tas-Salib (6)
57. Dari kien it-teatru tat-tokis (4)
59. It-... ma jmutx kwadru (4)
61. Kunjomu ssibu fir-regatta (4)
63. Bieqja bl-ilma forsi għall-klieb (4)
65. Il-fundatur tal-Eġittu modern (6)
66. Ħbula rqaq (4)
68. Ta' taħt fuq (6)
69. Esaġert fil-fehmiet tiegħu (6)
70. u 71. Weqfin: Ġbir ta' tagħrif bin-numri (10)
74. Jintlibes fir-ras, f'Selmun (4)
76. Il-moħħ minn barra (4)
78. Kontra 45. Mimduda (5)
79. u 81. Weqfin: Dawn allura jilbsu l-fradal? (6)
82. Naturalment mimli bl-arja (5)
83. Dawn fuq ruħhom wisq (7)
86. Dan bla tmiem (7)
89. Id-dinja tonda (5)
90. u 91. Weqfin: Ħuta griża fil-baħar mhux fond (6)
92. Jiġru mlebba fuq il-linji (5)
97. Jiksu l-art bihom (5)
99. u 100. Weqfin: Li jiċċaqlaq jew jaħdem waħdu (10)
102. Barbara, eks President (5)
103. u 104. Weqfin: Biċċa ċanga moqlija tajba (8)
106. u 107. Weqfin: L-għajta tal-Laburista: Iċ-... l-ewwel (8)

Ir-rebbieħ ta' €50 vawċer tat-tisliba ta' nhar il-Ħadd li għadda huwa:
**MANUEL BORG minn Ħal Qormi**

Ibagħtu t-tisliba mimlija flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: "Tisliba tal-Ħadd", It-TORĊA, Workers' Memorial Building, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta. L-ewwel tisliba tajba li tinfetaħ tirbaħ vawċer ta' €50.

ISEM ..............................................................

INDIRIZZ ..............................................................

..............................................................

..............................................................

**>>PROPRJETÀ**

**BUĠIBBA**
Penthouse lesta u bl-għamara moderna, bl-arja tagħha, għal sular ieħor, 2 ikmamar tas-sodda, kamra tal-banju u "en-suite", terrazzin quddiem u ieħor wara. Prezz €280,000 negozzjabli. Ċemplu 79461080.

**>>NIXTRI**

**NIXTRI KAROZZI**
vannijiet, dgħajjes u karavans, kull kundizzjoni bi prezzijiet raġonevoli. Ħlas fil-pront. Ċemplu 99996968.

**>>JINHTIEĠU**

**V & C GROUP**
qed ifittxu ħaddiema fil-qasam tal-kostruzzjoni tat-toroq. Jinħtieġu xufiera ta' trakkijiet Heavy Plant Operators Benneja, Skilled labourers u assistenti. Tingħata prefrenza għal dawk li għandhom esperjenza, Liċenzja kategorija C, u Ċertifikati f'dan il-qasam. Jekk interesat Ibgħat is-CV tiegħek lil hr@vccontractors.com

**>>TISWIJIET**

**TISWIJIET FIL-PRONT FUQ IL-POST TA' WASHING MACHINES, FRIDGES, FREEZERS, TUMBLEDRYERS U DEHUMIDIFIERS 6 XHUR GARANZIJA**
fuq ix-xogħol u l-ispare parts. bl-irħas prezzijiet. Ċemplu 21493285, 21371559, 79884497, 99472570. SERVIZZ FIL-PRONT


Iċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Mosta, Raħal Ġdid, u l-Floriana jiftħu għall-emerġenzi 24 siegħa, sebat ijiem fil-ġimgħa. Fil-Ħdud u fil-festi pubbliċi, iċ-ċentru tas-saħħa tal-Gżira jiftaħ għall-emerġenzi bejn it-8.00 a.m. u l-5.00 p.m., ikun hemm ukoll servizz ta' infermier bejn it-8.00 a.m. u t-8.00 p.m. Il-pubbliku jrid jattendi ċ-ċentru tas-saħħa tad-distrett tiegħu. Persuni mingħajr karta ta' identità ma jkunux moqdija.

**▪ Illum l-Ħadd, 21 ta' Novembru 2021, se jkun hemm il-Mobile Blood Donation Unit quddiem il-Knisja tas-Salib Imqaddes, iż-żona ta' Sant'Andrija Ħaż-Żabbar u il-Berġa tax-Xewkija. Il-ħin għall-għo ti taddemm ikun mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m. Jekk jogħġobkom ħu du magħ kom il-Karta tal-Identità.**

**Skeda għal-lum il-Ħadd 21 ta' Novembru 2021**

Gozo Channel Company Limited

| Tluq Mġarr Għawdex | | | | Tluq Ċirkewwa Malta | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 00:00 | 09:45 | 15:00 | 19:30 | 00:00 | 09:45 | 14:45 | 19:15 |
| 00:45 | 10:00 | 15:15 | 19:45 | 00:45 | 10:30 | 15:15 | 19:45 |
| 01:30 | 10:30 | 15:30 | 20:00 | 01:15 | 10:45 | 15:45 | 20:15 |
| 02:15 | 11:15 | 16:00 | 20:30 | 02:15 | 11:00 | 16:00 | 20:30 |
| 03:30 | 11:30 | 16:30 | 21:00 | 02:45 | 11:15 | 16:15 | 20:45 |
| 05:00 | 12:00 | 16:45 | 21:15 | 04:00 | 12:00 | 16:45 | 21:15 |
| 06:00 | 12:45 | 17:00 | 21:30 | 05:45 | 12:15 | 17:15 | 21:45 |
| 06:45 | 13:00 | 17:30 | 22:00 | 06:45 | 12:45 | 17:30 | 22:00 |
| 07:30 | 13:30 | 18:00 | 22:30 | 07:30 | 13:30 | 17:45 | 22:15 |
| 08:15 | 13:45 | 18:15 | 23:15 | 08:15 | 13:45 | 18:15 | 23:15 |
| 08:30 | 14:00 | 18:30 | | 09:00 | 14:15 | 18:45 | |
| 09:00 | 14:30 | 19:00 | | 09:15 | 14:30 | 19:00 | |

## POSTIJIET TA' AVUKAT
## FL-UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI
(Jobsplus Vacancy No. 369626, Permit No. 273/2021)

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għal grad ta' Avukat biex iwettaq dmirijiet ta' prosekuzzjoni u dmirijiet oħra relatati.

L-applikanti magħżula jkunu fuq kuntratt għal żmien indefinit, soġġett għal perijodu ta' prova, u jkunu mistennija jaħdmu mhux inqas minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa.

L-applikanti irid ikollhom warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' avukat u mill-inqas, sena esperjenza fil-prattika tal-professjoni wara li jkunu ingħataw il-warrant.

## POSTIJIET TA' TRAINEE LAWYER
## FL-UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI
(Jobsplus Vacancy No. 376134, Permit Nos. 689/2021)

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għal grad ta' Avukat biex iwettaq dmirijiet ta' prosekuzzjoni u dmirijiet oħra relatati.

L-applikanti magħżula jkunu fuq kuntratt għal żmien indefinit, soġġett għal perijodu ta' prova, u jkunu mistennija jaħdmu mhux inqas minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa.

L-applikanti irid ikollhom warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' avukat.

## POSTIJIET TA' SENIOR MANAGER
## FL-UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI
(Jobsplus Vacancy No. No. 369628, Permit No. 274/2021)

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għal grad ta' Senior Manager biex jassistu avukati fil-prosekuzzjonijiet u dmirijiet oħra relatati.

L-applikanti magħżula jkunu fuq kuntratt għal żmien indefinit, soġġett għal perijodu ta' prova, u jkunu mistennija jaħdmu mhux inqas minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa.

L-applikanti jrid ikollhom degree fl-Accounts, Banking jew suġġett relatat .

---

*L-Applikazzjonijiet, irrid jkollom in-numru ta' referenza tal-Jobsplus relevanti u għandhom jinkludu Curriculum Vitae dettaljat u għandhom jintbagħtu lil;*

*Amministrazzjoni*
*Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali*
*Nru. 53, Dar l-Ammiraljat, Triq Nofsinhar, Valletta VLT 1101*
*jew ibgħat email lill ag@attorneygeneral.mt*

*Sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru 2021 fis-13:00 hrs.*

# L-iżvilupp kontroversjali tax-Xlendi għandu jiġi investigat

... Għaqdiet Għawdxin

Koalizzjoni ta' diversi għaqdiet nongovernattivi Għawdxin qed jisħqu li l-permessi għal blokka appartamenti u lukanda fix-Xlendi għandhom jiġu revokati, u l-Awtorità tal-Ippjanar għandha ġġorr ir-responsabbiltà għad-danni li jistgħu jirriżultaw.

Il-koalizzjoni, li ġiet iffurmata riċentement minn Din l-Art Ħelwa Għawdex, Għawdix *u* Wirt Għawdex, qed tirrifjuta li taċċetta li kollox hu mitmum u li l-ġlieda fir-rigward tal-art li fihom kienu joperaw ir-ristoranti Stone Crab u Boathouse hija mitlufa.

Il-koalizzjoni enfasizza li ġie injorat totalment l-impatt negattiv immens fuq dik li kienet bajja sabiħa f'post tas-sajjieda, u l-ħsara li qed issir fuq ix-xena tal-irdumijiet u x-xagħri protett.

Iddikjarat li l-Gvern u l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) jirrikonoxxu li s-sitwazzjoni hi gravi u għandha tiġi indirizzata b'urġenza, waqt li x-xogħol preżenti ta' kostruzzjoni fix-Xlendi jitwaqqaf minnufih.

Qed titlob ukoll li ssir investigazzjoni sħiħa u indipendenti dwar il-mod li bih inħarġu l-permessi għat-twaqqiegħ u l-iżvilupp ta' dawn il-boathouses anki, "fejn ġie injorat kull sens ta' estetika, daqs, u kuntest."

L-istqarrija qrat li dan l-iżvilupp ġie approvat minkejja l-fatt li s-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali rrakkomandat b'qawwa li kellu jiġi rifjutat.

Il-Koalizzjoni qed tistieden ukoll lill-PA biex tifli l-filmat tat-twaqqiegħ ta' din il-binja, li ġew imxerrdin sew fuq il-midja soċjali, sabiex tikkonferma jekk sarx skont il-method statement stipulat mill-PA nnifisha.

Bl-iżvilupp deskritt bħala l-aħħar ġennata fl-istorja ta' żvilupp eċċessiv f'Għawdex, ġie rimarkat li din il-kwistjoni sabet ruħha fl-aħbarijiet internazzjonali, b'artiklu prominenti ppubblikat fil-gazzetta Ingliża The Telegraph.






# SLIEM U SAĦĦA – KTIEB ĠDID TA' EVARIST BARTOLO

Dan l-aħħar il-Klabb Kotba Maltin ippubblikaw ktieb ġdid bl-isem ta' *Sliem u Saħħa*, miktub minn Evarist Bartolo, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej.

Bartolo m'għandu bżonn ta' ebda introduzzjoni mal-qarrejja Maltin u huwa wieħed minn dawk li kull filgħodu juża l-media soċjali, speċjalment *facebook* biex iwassal messaġġ dwar diversi temi li jkunu qegħdin jolqtu direttament u indirettament lis-soċjetá Maltija.

Din il-pubblikazzjoni tiġbor fiha l-ħsibijiet ewlenin ta' Bartolo matul ħames snin sħaħ. Dawn jiġu ppreżentati f'paragrafi qosra li jagħmilha aktar faċli għall-qarrejja li jaqraw dawn ir-riflessjonijiet.

Madankollu, Evarist Bartolo ilu mill-inqas ħamsin sena jikteb artikli u kitbiet oħra minn żmien għal żmien.

Dwar din il-pubblikazzjoni tkellimna ma' Bartolo li meta mistoqsi dwar kif ġiet l-idea ta' dan il-ktieb tenna li personalment dejjem ra l-media soċjali speċjalment *facebook* bħala mezz li teduka, li tibni pontijiet, li tikkomunika u żgur mhux għodda tat-tgħajjir.

"Kienu bosta l-qarrejja tal-paġna tiegħi ta' *facebook* li matul l-aħħar snin ħeġġewni niġbor dawn il-ħsibijiet ta' kuljum flimkien fi ktieb wieħed. Dawn għandhom diversi messaġġi u temi fosthom edukattivi, politika internazzjonali, soċjali, kulturali, letterarji, patrijottiċi u tislima lejn personalitajiet Maltin u barranin li ħadmu għall-oħrajn."

Hu rringrazzja wkoll lil Klabb Kotba Maltin li wieġbu għas-sejħa tal-qarrejja u ħadmu biex din il-pubblikazzjoni ssir realtá.

Dwar it-titlu tal-ktieb, Bartolo qal li dan intgħażel minħabba li hu dejjem itemm il-messaġġ tiegħu ta' kuljum b'awgurju li l-qarrejja jkollhom is-saħħa u s-sliem. "X'hemm isbaħ fil-ħajja tagħna li jkollna s-saħħa u li ngħixu fil-paċi mal-oħrajn?" staqsa Bartolo.

Huwa jiddedika l-ktieb tiegħu lill-ġenituri tiegħu. "Iva għax nemmen li matul ħajti qatt ma rringrazzjajthom biżżejjed tal-ħafna li għamlu miegħi u ma' ħuti. Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-President Emeritu, Ugo Mifsud Bonniċi, li minnufih aċċetta l-istedina li bi stil impekkabli jikteb l-introduzzjoni għall-ktieb tiegħi u fuq kollox lil marti Gillian, lil uliedi u numru ta' ħbieb u kollegi li ħadmu miegħi matul is-snin u li żgur ħallew effett fuq il-ħsibijiet tiegħi."





L-Onorevoli Evarist Bartolo ... u (xellug) il-ktieb 'Sliem u Saħħa'

Mistoqsi dwar xi tfisser għalih il-kitba, Bartolo qal li jemmen li meta wieħed jikteb għandu jkun ċar kemm jista jkun għax b'hekk ikun segwit mill-aktar numru possibbli ta' persuni.

Irid jikteb dwar temi interessanti u li min jaqrahom, għalkemm mhux bilfors jaqbel magħhom, għallinqas ikun ħa xi ħaġa u tgħallem minnhom.

"L-agħar li jista jiġrilu min jikteb mhux li jiġi kkritikat jew insulentat, iżda li jiġi njorat. Milli nista' nifhem, spiss kitbieti ma tantx jiġu njorati. Nittama biss li jservu ta' ġid u ma jagħmlux ħsara," tenna Bartolo.

Interessanti huma wkoll l-ismijiet li Bartolo għażel għat-taqsimiet differenti ta' din il-pubblikazzjoni: It-tifel li jixtieq li jsir mobajl, il-krejns jieklu x'fadal mill-kampanja, in-nies żgħar li huma kbar u persuni oħra li jispirawni.

Probabbli *Sliem u Saħħa* hija l-ewwel pubblikazzjoni li tippreżenta l-ħsibijiet ta' awtur li oriġinarjament qasam l-ideat tiegħu mal-qarrejja fuq il-media soċjali u wara ġew miġbura fi ktieb.

Fuq kollox, kif tenna l-President Emeritu Ugo Mifsud Bonniċi, dan il-ktieb jagħtina "il-ħsibijiet miktuba u pubblikati ta' Evarist Bartolo, li jbexxqu l-bieb li soltu jingħalaq fis-satra personali, tal-ħsibijiet ta' kull wieħed minna. L-awtur jagħti xhieda, u mhux biss fuqu nnifsu, iżda wkoll fuq il-pajjiż kollu."

Il-ktieb jinsab għall-bejgħ mingħand il-Klabb Kotba Maltin, online (www.midseabooks.com) u l-librara ewlenin.



FORMULA WIEĦED - GP TAL-QATAR

# LEWIS HAMILTON JIRBAĦ IL-POLE POSTION




Is-sewwieq Britanniku, Lewis Hamilton (Mercedes), illum se jibda mill-pole position fil-Grand Prix tal-Qatar li se jsir fiċ-ċirkwit ta' Doha meta kiseb l-aħjar ħinijiet fil-provi uffiċjali tal-bieraħ.

Huwa rreġistra ħin ta' minuta u 20.827 sekondi hekk kif kienet taqtiegħa bejn l-Olandiż Max Verstappen (Red Bull) u l-Finlandiż Valtteri Bottas (Mercedes) li se jibdew mit-tieni u mit-tielet postijiet rispettivament.

Meta fadal tliet tiġrijiet għat-tmiem tal-kampjonat ta' din is-sena, Verstappen għandu vantaġġ ta' 14-il punt fuq Hamilton hekk kif l-isfida għar-rebħ tat-titlu issa hija bejniethom.

Għaldaqstant illum Hamilton irid joħroġ rebbieħa biex iżomm it-tamiet ħajjin.

SNOOKER – Champion of Champions

## Jupp Trump jerġa' jirreġistra whitewash

Judd Trump għamel *whitewash* fuq Kyren Wilson meta għelbu 6-0 biex għadda għall-finali tal-lum taċ-Champion of Champions u b'hekk rebaħ 16-il frames konsekuttiv fit-tournament li qed isir f'Bolton.

Trump se jiffaċċja lil John Higgins jew Yan Bingtao għat-titlu meta dawn iltaqgħu l-bieraħ fil-għaxija, u rebħa tagħti lin-numru 2 tad-dinja l-ewwel fidda minn mindu rebaħ il-Gibraltar Open f'Marzu.

Il-player minn Bristol rebaħ erba' frames dritti fil-partita tal-ftuħ tiegħu kontra David Lilley nhar it-Tnejn, imbagħad qabad lil Ryan Day 6-0 ukoll qabel ma rrepeta dan ir-riżultat il-Ġimgħa fil-għaxija kontra Wilson. Breaks ta' 88, 82 u 88 għenuh għal din ir-rebħa enfatika.

Trump wasal għat-tielet finali tiegħu tat-tournament u qed ifittex li jgħolli t-trofew għall-ewwel darba wara li tilef kontra Ronnie O'Sullivan fl-2014 u Neil Robertson fl-2019.

**TENNIS: MEDVEDEV FIL-FINALI** – Ir-Russu Daniil Medvedev għadda għall-finali tal-ATP Finals wara li fis-semi-finali għeleb lin-Norveġiż, Casper Ruud, 6-4 6-2, u llum jiltaqa' kontra Novak Djokovic jew Alexander Zverev li s-semi-finali tagħhom intemmet tard fil-għaxija.

**EDDIE HOWE GĦANDU L-VIRUS** – Il-manager il-ġdid ta' Newcastle, Eddie Howe, il-bieraħ ma kienx fuq il-bankina biex imexxi lit-team għall-ewwel darba kontra Brentford minħabba li nhar il-Ġimgħa ttestja pożittiv għall-coronavirus.



### RIŻULTATI KOLLHA

#### PREMIER LEAGUE

Leicester v Chelsea ..................0-3
Aston Villa v Brighton ...........2-0
Burnley v C. Palace .................3-3
Newcastle v Brentford ............3-3
Norwich v Southampton .......2-1
Watford v Man U. ....................4-1
Wolves v West Ham ................1-0
Liverpool v Arsenal ................4-0
Illum
Man City v Everton ............... 3.00
Tottenham v Leeds ................ 5.30
**Kollha diretti fuq Go/Melita*

#### CHAMPIONSHIP

Sheffield U. v Coventry...........0-0
Bristol C. v Blackburn ............1-1
Fulham v Barnsley ..................4-1
Huddersfield v WBA ..............1-0
Hull v Birmingham .................2-0
Middlesbrough v Millwall ....1-1
Preston v Cardiff ......................1-2
Reading v Nottm F. .................1-2
Stoke v Peterborough .............2-0
Swansea v Blackpool ..............1-1
QPR v Luton ............................2-0
Derby v Bourne'mth ........(illum)

#### LEAGUE ONE

Accrington v Sheffield W. .....2-3
Charlton v Plymouth ..............2-0
Cheltenham v Shrewsbury ....2-1
Crewe v Gillingham ...............2-0
Doncaster v Lincoln ................0-0
Fleetwood v Morecambe ........1-2
MK Dons v Burton .................1-0
Portsmouth v Wimbledon .....2-1
Rotherham v Cambridge .......3-1
Sunderland v Ipswich ............2-0
Wigan v Oxford U. ............(posp)
Wycombe v Bolton .................1-0

#### LEAGUE TWO

Barrow v Crawley....................0-1
Bradford v Northampton .......1-1
Bristol R. v Tranmere ..............2-2
Exeter v Carlisle .......................2-1
Harrogate v Salford C..............0-2
Hartlepool v F. Green .............1-3
Leyton O. v Sutton U. .............4-1
Mansfield v Scunthorpe..........3-1
Newport v Swindon ...............1-2
Oldham v Port Vale .................3-2
Stevenage v Colchester ..........1-0
Walsall v Rochdale .................0-0

#### FOOTBALL SKOĊĊIŻ

#### LEAGUE CUP (S/F)

Celtic v St Johnstone ...............1-0
Rangers v Hibernian.........(illum)

#### PREMIERSHIP

Dundee U. v Aberdeen............1-0
Motherwell v Hearts ...............2-0
St Mirren v Livingston ...........1-1

#### CHAMPIONSHIP

Dunfermline v Ayr U. .............3-0
Kilmarnock v Arbroath ..........0-1
Partick v Hamilton ..................1-0
Raith R. v Morton ....................2-1

#### LEAGUE ONE

Airdrie v Cove R. .....................0-2
Alloa A. v Dumbarton ............1-2
Clyde v East Fife ......................3-1
Falkirk v Montrose .................0-1
Peterhead v Queen's P. ...........2-1

#### LEAGUE TWO

Annan A. v Albion R. .............1-1
Forfar v Cowdenbeath ............3-0
Kelty H. v Stenhousemuir .....2-0
Stirling v Edinburgh City ......1-2
Stranraer v Elgin C. .................1-0

## PREMIER LEAGUE INGLIŻ

# CHELSEA JŻOMMU L-EWWEL POST

Chelsea żammew post-hom fil-quċċata tal-Premier League b'rebħa ta' 3-0 għand Leicester City.

**Leicester v Chelsea** – Chelsea kisbu rebħa impressjonanti barra minn darhom meta għelbu lil Leicester bl-iskor ta' 3-0, bil-goals jaslu minn Antonio Rudiger (14), N'Golo Kante (28) u Christian Pulisic (71).

**Aston Villa v Brighton** – Aston Villa għelbu lil Brighton 2-0, b'goals ta' Ollie Watkins (84) u Tyrone Mings (89).

**Burnley v C. Palace** – Burnley u C. Palace temmew fi draw ta' 3-3. Għall-Palace skorjaw Christian Benteke (8, 36) u Marc Guehi (41) filwaqt li Ben Mee (19), Chris Wood (27) u Maxwel Cornet (49) wiegħbu għal Burnley.

**Newcastle v Brentford** – Anke Newcastle u Brentford spiċċaw fi draw ta' 3-3, bl-iskorers ikunu Jamaal Lascelles (10), Joelinton (39) u Allan Saint-Maximin (75) għall-Magpies u Ivan Toney (11), Rico Henry (31) u Frank Onyeka (61) isibu x-xibka għal Brentford.

**Norwich v Southampton** – Norwich għelbu lil Southampton 2-1, b'goals minn Teemu Pukki (7) u Grant Hanley (79) wara li kien Che Adams (4) fetaħ l-iskor għas-Saints.

**Watford v Man Utd** – Watford rebħu lil Manchester United 4-1, bl-iskorers ikunu Joshua King (28) Ismaila Sarr (44), Emanuel Dennis (90) u Joao Pedro (90) filwaqt li għall-United skorja Donny van de Beek (50) u kellhom lil Maguire mkeċċi (69).

**Wolves v West Ham** – Wolves rebħu lil West Ham 1-0 b'goal ta' Raul Jimenez (58).

**Liverpool v Arsenal** – Liverpool għelbu lil Arsenal 4-0, bil-goals jaslu minn Sadio Mane (39), Diogo Jota (52), Mohamed Salah (73) u Takumi Minamino (77).


Christian Pulisic ... skorers tat-tielet goal ta' Chelsea kontra Leicester

KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Chelsea | 12 | 9 | 2 | 1 | 30 | 4 | 29 |
| Liverpool | 12 | 7 | 4 | 1 | 35 | 11 | 25 |
| Man City | 11 | 7 | 2 | 2 | 22 | 6 | 23 |
| West Ham | 12 | 7 | 2 | 3 | 23 | 14 | 23 |
| Arsenal | 12 | 6 | 2 | 4 | 13 | 17 | 20 |
| Wolves | 12 | 6 | 1 | 5 | 12 | 12 | 19 |
| Man Utd | 12 | 5 | 2 | 5 | 20 | 21 | 17 |
| Brighton | 12 | 4 | 5 | 3 | 12 | 14 | 17 |
| C. Palace | 12 | 3 | 7 | 2 | 18 | 17 | 16 |
| Tottenham | 11 | 5 | 1 | 5 | 9 | 16 | 16 |
| Everton | 11 | 4 | 3 | 4 | 16 | 16 | 15 |
| Leicester City | 12 | 4 | 3 | 5 | 16 | 21 | 15 |
| Southampton | 12 | 3 | 5 | 4 | 11 | 14 | 14 |
| Brentford | 12 | 3 | 4 | 5 | 16 | 17 | 13 |
| Aston Villa | 12 | 4 | 1 | 7 | 16 | 20 | 13 |
| Watford | 12 | 4 | 1 | 7 | 16 | 20 | 13 |
| Leeds | 11 | 2 | 5 | 4 | 11 | 18 | 11 |
| Burnley | 12 | 1 | 6 | 5 | 14 | 20 | 9 |
| Norwich | 12 | 2 | 2 | 8 | 7 | 27 | 8 |
| Newcastle | 12 | 0 | 6 | 6 | 15 | 27 | 6 |

## SERIE A

# Juventus jirbħu

Fis-Serie A, Juventus kisbu rebħa tajba meta barra minn darhom għelbu lil Lazio 2-0 bil-goals jaslu minn żewġ penalties ta' Leonardo Bonucci (23, 83).

Atalanta għelbu lil Spezia 5-2 b'goals minn Mario Pasalic (18, 41), Duvan Zapata (38 pen), Luis Muriel (83) u Ruslan Malinovskiy (89). Għal Spezia skorja Mbala Nzola (11, 92).

#### RIŻULTATI U PROGRAMM

Atalanta v Spezia......................5-2
Lazio v Juventus .......................0-2
Fiorentina v Milan ............. (tard)
Illum
Sassuolo v Cagliari ....... 12.30 pm
Bologna v Venezia........... 3.00 pm
Salernitana v Sampdoria 3.00 pm
Inter v Napoli................... 6.00 pm
Genoa v Roma.................. 8.45 pm
Għada
Verona v Empoli ............. 6.30 pm
Torino v Udinese ............ 8.45 pm





Il-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann qed tfittex biex timpjega

**KAP EŻEKUTTIV**

Il-Kap Eżekuttiv huwa/hija responsabbli biex j/timplimenta l-istrateġija stabbilita mill-Kunsill tal-Fondazzjoni. L-applikant/a għandu/għandha jkun/tkun responsabbli li jamministra/tamministra s-sit bħala post ta' qima kif ukoll bħala sit kulturali.

L-applikanti għandu jkollhom grad rikonoxxut fil-Baċellerat f'waħda minn dawn: Il-Ġestjoni tal-Proġetti jew l-Istudju Maniġerjali jew Amministrazzjoni Kummerċjali jew *Accountancy*; jew fil-pussess ta' kwalifika komparabbli professjonali, u mill-inqas 5 snin esperjenza; jew fil-pussess ta' mill-inqas 15-il sena esperjenza fil-maniġment.

L-applikanti għadhom jissottomettu l-applikazzjoni flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljata, f'invilopp issiġillat u mmarkat 'Application – Chief Executive Officer' sa mhux iktar tard mit-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021, f'12:00hrs. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lil-:

President
Il-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann
Triq San Ġwann, Il-Belt Valletta VLT 1156

L-applikazzjoni għandha tintbagħat permezz tal-posta reġistrata jew bl-idejn.

Id-deskrizzjoni dwar l-impjieg hija disponibbli jekk mitluba b'imejl: info@stjohnscocathedral.com jew mill-Uffiċċji tal-Fondazzjoni, il-Konkatidral ta' San Ġwann.

St John's Co-Cathedral
• Valletta Malta •

## FIL-QOSOR

**MANCHESTER CITY** – Iċ-champions tal-Premier League, Manchester City, issospendew is-sħubija tagħhom ma' kumpanija kripto-munita wara li tqajmu mistoqsijiet fuq l-identitajiet ta' diversi eżekuttivi li qalu li jirrappreżentaw id-ditta.

**JESSE LINGARD** – Il-midfielder ta' Manchester United u l-Ingilterra, Jesse Lingard, 28 sena, jista' jkun fi triqtu lejn West Ham f'Jannar bi ftehim ta' £10 miljun. Riċentement twaqqfu t-taħdidiet kuntrattwali bejn iż-żewġ partijiet, bil-manager tal-Hammers, David Moyes, ħerqan li jiffirma lil Lingard fuq bażi permanenti. Anke Antonio Conte ta' Tottenham huwa interessat f'Lingard meta jsir disponibbli bi trasferiment ħieles fis-sajf.

**KIERAN TRIPPIER** – Manchester United huma interessati li jiffirmaw lil Kieran Trippier ta' Atletico Madrid u huma lesti li jbiegħu lid-difensur Portugiż, Diogo Dalot, 22 sena, lil Roma, jekk Trippier jingħaqad magħhom.

**PAUL POGBA** – Il-club ta' Old Trafford qed jippjana wkoll li jħalli lill-midfielder ta' Franza, Paul Pogba, 28 sena, jitlaq, b'Real Madrid huma d-destinazzjoni l-aktar probabbli.

**MARCELO BROZOVIC** – Il-midfielder ta' Inter, Marcelo Brozovic, 29 sena, kien qed jissemma' ma' Newcastle United u Tottenham meta l-kuntratt tiegħu jintemmlu fis-sajf, iżda l-internazzjonali Kroat qal li jrid jibqa' maċ-champions Taljani.

**MOHAMED SALAH** – Liverpool jistgħu jkunu lesti li jbiegħu lill-attakkant Eġizzjan, Mohamed Salah, jekk tiġi ppreżentata "offerta tal-ġenn" fit-12-il xahar li ġejjin, skond l-ex difensur tar-Reds, Glenn Johnson.

**PREMIER LEAGUE u EFL** – L-English Football League (EFL) aċċettaw il-ħtieġa għal regolamenti indipendenti tal-football għall-ewwel darba qabel il-pubblikazzjoni tar-reviżjoni tal-gvern immexxija mill-partitarji l-ġimgħa d-dieħla f'mossa drammatika li se żżid it-tensjoni mal-Premier League.

**FEDERICO VALVERDE** – Skond rapporti, Manchester United huma 'lesti' li jagħmlu offerta ta' £60 miljun għall-istilla ta' Real Madrid, Federico, 23 sena.

**GARETH BALE** – L-attakkant Gareth Bale, kien abbużat minn grupp ta' partitarji ta' Real Madrid meta nhar il-Ġimgħa rritorna fil-faċilitajiet tat-taħriġ tal-club wara l-waqfa internazzjonali. Huwa għen lil Wales jikkwalifikaw għall-play-offs tat-Tazza tad-Dinja.

**CESAR AZPOILICUETA u ANDREAS CHRISTENSEN** – Id-difensuri ta' Chelsea, Cesar Azpilicueta u Andreas Christensen, huma fil-mira tal-coach il-ġdid ta' Barcelona, Xavi, li qed ifittex li jiffirma lill-koppja bi trasferimenti ħielsa meta t-tnejn se jkunu bla kuntratt fis-sajf li ġej. Madankollu, il-manager ta' Chelsea, Thomas Tuchel, jittama b'xi "aħbar tajba fil-jiem li ġejjin" dwar il-kuntratt ta' Christensen.


Caures
For Your Hearing Solutions
Head Office:
85, Luqa Road, Tarxien
27893007 / 77893007

TISWIJA FUQ KULL TIP TA' HEARING AID
SMS / CALL 79893007

Fl-Ispiżeriji li jattendi: Gozo 21556170
Balzan 21444035 | Gudja 21676294
info@caureshearing.com | www.caureshearing.com


# MOSTA JIRKUPRAW MINN ŻVANTAĠĠ MINKEJJA BI PLAYER IMKEĊĊI



Steve Pisani (Gzira U.) jaqbeż lil William Donkin (Mosta) - (ritratt: Christine Borg)

BOV Premier League 2021-22

**Tony Bezzina Stadium**

**Mosta ..................... 2**
**Gzira Utd.............. 2**

**MOSTA:** 61-Marko Jovicic, 6-Roderick Briffa, 7-William Donkin (14-Johsnon Nsumoh 62) (16-Gianluca Sciberras 91), 13-Clayton Failla, 19-Johann Bezzina (24-Ivan Doric 46), 27-Mehdi Hetemaj, 30-Luis Riascos, 34-Rafael Morisco, 77-Zachary Brincat (11-Duane Bonnici 72), 88-Sunday Akinbule (9-Michael Mifsud 82), 98-Rodriguez Ekani - *Coach*: Joseph Grech

**GZIRA U.:** 30-Darijan Radelic Zarkov, 3-Gabriel Bohrer Mentz, 6-Nikolai Muscat, 7-Steve Pisani, 8-Zachary Scerri, 11-Yuri De Jesus Meassias, 17-Clive Gauci (21-Kurt Desira 90), 20-Nevin Portelli (19-Martin Davis 76), 91-Maxuell Maia, 94-Jefferson De Assis (9-Emmanuel Mbong 69), 98-Jackson Mendoza - *Coach*: Darren Abdilla

**REFEREE:** Matthew Degabriele

**ASS. REFEREES:** Jurgen Spiteri, Mitchell Scerri

**RABA' UFF:** Andrea Sciriha

**SKORERS:** M. Maia 23, G. Bohrer Mentz 38 pen (GU), S. Akinbule 45, R. Morisco 69 (M)

**AMMONITI:** C. Failla, R. Ekani, M. Hetemaj (M)

**PLAYER TAL-LOGĦBA**
Sunday Akinbule (Mosta)

Minkejja li lagħbu bi player inqas għal aktar minn taqsima, Mosta rnexxielhom jirkupraw żvantaġġ ta' żewġ goals biex temmew fi draw ta' 2-2 kontra Gzira United biex kompla l-istaġun diżappuntanti għal dawn tal-aħħar.

Kienu Gzira li ħarġu fuq l-offensiva u sas-sitt minuta kien il-goalkeeper Marko Jovicic li ċaħħad darbtejn lil Jefferson De Assis b'xuttijiet mill-viċin.

Mosta wieġbu fil-11-il minuta meta Luis Riascos xeħet cross fil-baxx iżda ħadd mill-players sħabu ma rnexxielu jagħmel kuntatt mal-ballun.

Ħames minuti wara Sunday Akinbule kellu x-xutt tiegħu salvat mill-goalkeeper debuttant, Darijan Radelic Zarkov, biex mir-rebound l-istess player Niġerjan falla l-mira.

Iżda fit-23 minuta, kienu l-Gżirjani li fetħu l-iskor meta Yuri De Jesus Messias xeħet cross sabiħ għan-nofs li sab lil MAXUELL MAIA u b'daqqa ta' ras preċiża tefa' fix-xibka.

Man-nofs siegħa logħob, il-Maroons kellhom f'saqajhom it-tieni goal meta Zachary Scerri kellu xutt bid-dawra jgħaddi jħakkek mal-wieqfa.

Fit-38 minuta, huma rebħu penalty meta Steve Pisani għadda tajjeb lejn Maia li twaqqa' fil-kaxxa minn Rodriguez Ekani li ntwera l-karta ħamra wara li ġie ammonit għat-tieni darba.

Mill-11-il metru, id-difensur Brażiljan GABRIEL BOHRER MENTZ irdoppja b'xutt fil-baxx għar-rokna tax-xibka.

Iżda Mosta għamlu reazzjoni u fil-45 minuta naqqsu l-marġni tal-iskor meta SUNDAY AKINBULE qabeż tajjeb lil Mentz, avvanza fil-kaxxa qabel ma fajjar xutt angolat biex għeleb lil Zarkov.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, għalkemm b'inferjoritá numerika, Mosta ħarġu ferm aggressivi fit-tentattiv li jġibu l-iskor indaqs u ma damux ma għamlu dan meta fid-69 minuta is-sostitut Ivan Doric xeħet cross għan-nofs li sab lil RAFAEL MORISCO li permezz ta' daqqa ta' ras stupenda xeħet fix-xibka.

Huma komplew jippressaw u fis-87 minuta Michael Mifsud avvanza tajjeb qabel xeħet cross lejn Duane Bonnici li x-xutt minn barra l-kaxxa ntemm ftit barra.

U minuta biss wara l-istess Mifsud reġa' serva lil Bonnici iżda ra lil Zarkov isalva tajjeb ħafna biex evita goal ċert.

- Cristian Muscat

# SLIEMA WANDERERS JIRREĠISTRAW L-EWWEL REBĦA WARA LI DAWRU R-RIŻULTAT FAVUR TAGĦHOM

Wara erba' draws u erba' telfiet, Sliema Wanderers fl-aħħar irnexxielhom jiksbu l-ewwel rebħa tagħhom meta għelbu lil Valletta bl-iskor ta' 2-1 meta rnexxielhom idawru r-riżultat favur tagħhom wara li sabu ruħhom goal minn taħt.

Din ir-rebħa tara lis-Slimiżi jinqalgħu mill-qiegħ tal-klassifika hekk kif issa qabżu lil Santa Lucia li, iżda lagħbu partita anqas.

Il-Beltin irnexxielhom imorru minn fuq fit-12-il minuta meta minn corner ta' Ivan Curjuric, b'daqqa ta' ras mill-isbaħ ESLIT SALA għeleb lil Cassar bil-ballun jaħbat mal-wieqfa qabel intemm fix-xibka.

Fl-40 minuta Sliema resqu viċin b'daqqa ta' ras ta' Yuki Uchida minn free-kick ta' Edmond Agius iżda l-goalkeeper Alessandro Guarnone salva tajjeb. Minuta wara, cross ta' Tulimieri ġie kklerjat qasir mid-difiża ta' Sliema u Triston Caruana ttanta xortih b'xutt minn barra l-kaxxa li ġie salvat minn David Cassar.

Is-Slimiżi ħarġu tajjeb fit-tieni taqsima u għamlu l-iskor indaqs wara biss tliet minuti hekk kif minn cross ta' Beerman il-ballun wasal għand DEJAN VUKOVIC fuq il-lemin li ma falliex b'xutt sabiħ.

Fit-52 minuta, Valletta resqu viċin meta xutt ta' Tulimieri ġie mxellef minn Kurt Shaw bil-ballun jaħbat mal-mimduda u wara wasal għand Fontanella li tefa' barra.

Fl-64 minuta Shaw impenja lil Guarnone b'daqqa ta' ras li ġiet imdawra f'corner waqt li fuq in-naħa l-oħra, cross ta' Fontanella ġie kklerjat qasir b'Curjuric jixxuttja fil-baxx minn barra l-kaxxa iżda David Cassar salva tajjeb.

Żewġ minuti wara, kien l-istess Curjuric li reġa' ttanta xortih b' xutt sabiħ minn barra l-kaxxa iżda l-goalkeeper ta' Sliema salva tajjeb b'saqajh.

Ħames minuti mit-tmiem, Sliema skorjaw il-goal tar-rebħa bi free-kick mill-isbaħ tas-sostitut DANNY HOLLA li ma ta l-ebda ċans lil Guarnone jsalva biex ta l-ewwel rebħa lill-Wanderers.


Kurt Shaw (Sliema W.) segwit minn Haris Dilaver (Valletta) - (ritratt: Domnic Borg)

**BOV Premier League 2021-22**

**Tony Bezzina Stadium**

**Gudja Utd ............ 0**
**Floriana ................. 1**

GUDJA U.: 1-Glenn Zammit, 5-Louis Beland, 7-Aidan Jake Friggieri, 8-Rodolfo Soares, 9-Tensior Gusman (81-Neil Micallef 28), 11-Filip Pankarican, 15-Yasukaze Ito (19-Ruslan Kisil 71), 17-Gabriel Mesha, 25-Farid Zuniga Romero, 27-Justin Grioli (20-Leighton Grech 19) (23-Neil Tabone 71), 28-Igor Dudarev - *Coach*: Thane Micallef

FLORIANA: 33-Georgi Kitanov, 3-Christian Rutjens, 4-Oualid El Hasni, 5-Zachary Cassar, 11-Andrei Ciolacu, 20-Nicolas Garcia, 22-Brandon Paiber (10-Jose Ulises Arias 59), 29-Eugeniu Rebenja, 30-Jan Busuttil (96-Daniel Agius 45), 77-Aleandro Garzia (17-Owen Spiteri 85), 94-Ryan Camenzuli - *Coach*: Gianluca Atzori

REFEREE: Trustin Farugia Cann

ASS. REFEREES: Luke Portelli, Duncan Sultana

RABA' UFF: Daniel Portelli

SKORER: L. Grech 52 og (F)

AMMONITI: A. Garzia, K. Keqi (F), I. Dudarev (G)

PLAYER TAL-LOGĦBA

Ryan Camenzuli

## Floriana jitilgħu fit-tieni pożizzjoni

Floriana telgħu waħedhom fit-tieni post tal-klassifika b'rebħa minima ta' 1-0 fuq Gudja United bl-uniku goal tal-partita jasal minn auto-goal sfortunat.

Minkejja li huma kienu l-aħjar team matul il-logħba kollha, Gudja kienu sfida denja fejn kellhom ukoll il-mumenti tagħhom ... iżda sfortunatament ħarġu b'idejhom vojta

Kienu Floriana li ħolqu l-ewwel periklu fis-seba' minuta meta Ryan Camenzuli qabeż żewġ avversarji qabel għadda tajjeb lejn Andrei Cialacu li kellu x-xutt fil-baxx salvat mill-goalkeeper Glenn Zammit.

Huma komplew jamministraw u fit-22 minuta, xutt ta' Eugeniu Rebneja mid-distanza għadda għoli.

Gudja wieġbu fit-33 minuta meta Farid Romero Zuniga kellu xutt insidjuż minn ġol-kaxxa salvat minn fuq il-linja fatali minn difensur avversarju.

Żewġ minuti wara reġa' kien il-goalkeeper ta' Gudja li salva fuq xutt mill-viċin ta' Nicolas Garcia.

Fit-43 minuta Zammit reġa' kien providenzjali meta evita goal ċert fuq tentattiv ta' Oualid El Hasni minn pożizzjoni ferm ideali.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, Floriana ħarġu jfittxu l-goal u proprju fit-52 minuta huma għamlu dan meta Ryan Camenzuli xeħet cross għannofs bis-sostitut ta' Gudja, Leighton Grech, fit-tentattiv li jinterċetta l-ballun minn kull periklu xeħet fil-lasti tiegħu stess.

Fid-79 minuta, l-attakkant Furjaniż, Daniel Agius, ikkontrolla tajjeb iżda kellu x-xutt tiegħu minn tarf il-kaxxa jintemm ferm għoli.

Floriana komplew jamministraw il-vantaġġ minimu li kellhom sa tmiem il-partita, bil-Gudjani jippruvaw jinfdu d-difiża avversarja li iżda annullat għal kollox l-attakki tagħhom hekk kif kienet ferm kumpatta u organizzata.

**- Cristian Muscat**

RIŻULTATI OĦRA

**Challenge League**

Lija A. v Rabat A. ..............(posp)
St George's v Marsaxlokk.......1-3
Tarxien R. v Mgarr U. ..............3-1
Pietá H. v Marsa........................2-0

**Amateur League**

Xgħajra T. v Attard ...................1-4
Għargħur v Għaxaq .................2-0
Mtarfa v Zabbar SP.................3-2
Marsaskala v Mellieħa ...........1-0

**GFA Cup - Kwarti-finali**

Oratory Y. v SK Victoria W. ....1-0
*(wara l-ħin barrani)*
Nadur Y. v Victoria H. .............3-1

**ISA**

Methode v Playmobil..............2-1
Lufthansa T. v Forestals ..........7-0

**BOV Premier League 2021-22**

**National Stadium**

**Sliema W............... 2**
**Valletta................... 1**

SLIEMA W.: 24-David Cassar, 5-Kurt Shaw, 6-Gabriel Aquilina (17-Warsama Hassan 90), 10-Gui Inters, 18-Edmond Agius (21-Danny Holla 60), 19-Jake Engerer (30-Jean Paul Farrugia 82), 25-Yuki Uchida (3-Juan Pablo Morales 82), 61-Myles Beerman, 71-Julius Bliek, 88-Dejan Vukovic, 99-Valmir Berisha (9-Omar Elouni 90) - *Coach*: Andrea Pisanu

VALLETTA: 26-Alessandro Guarnone, 4-Jean Borg, 5-Ryan Camilleri, 6-Triston Caruana, 8-James Arthur (11-Michele Sansone 82), 9-Haris Dilaver, 10-Shaun Dimech (24-Rowen Muscat 62), 20-Ivan Curjuric, 66-Eslit Sala (77-Caio Prado 68), 89-Mario Fontanella, 92-Kevin Tulimieri (97-Lucas Campos 82) - *Coach*: Antonio Jose Cardoso Mendes

REFEREE: Alex Johnson

ASS. REFEREES: Duncan Spencer, Paul Apap

RABA' UFF: Philip Farrugia

SKORERS: E. Sala 12 (V); D. Vukovic 48, D. Holla 85 (SW)

AMMONITI: J. Arthur, J. Borg, K. Tulimieri, R. Camilleri (V); E. Agius, G. Aquilina, V. Berisha, J. Bliek (S)

PLAYER TAL-LOGĦBA

Dejan Vukovic (Sliema W.)

KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 8 | 5 | 3 | 0 | 17 | 8 | 18 |
| Floriana | 9 | 4 | 4 | 1 | 13 | 8 | 16 |
| Birkirkara | 8 | 4 | 3 | 1 | 14 | 8 | 15 |
| Valletta | 9 | 4 | 1 | 4 | 13 | 15 | 13 |
| Hamrun S. | 8 | 4 | 0 | 4 | 10 | 9 | 12 |
| Balzan | 8 | 4 | 0 | 4 | 8 | 8 | 12 |
| Sirens | 8 | 3 | 2 | 3 | 12 | 13 | 11 |
| Gzira U. | 9 | 2 | 4 | 3 | 11 | 12 | 10 |
| Mosta | 9 | 2 | 4 | 3 | 14 | 17 | 10 |
| Gudja U. | 9 | 2 | 1 | 6 | 9 | 14 | 7 |
| Sliema W. | 9 | 1 | 4 | 4 | 9 | 14 | 7 |
| Sta Lucia | 8 | 0 | 6 | 2 | 12 | 16 | 6 |

LOGĦOB GĦAL-LUM

**Tony Bezzina Stadium**

11.30 am: Sta Lucia v Birkirkara

**National Stadium**

2.00 pm: Sirens v Balzan

6.00 pm: Hibernians v Hamrun S.

# 27 PERSUNA KIENU MALTIN

>> ikompli minn paġna 1

f'Għawdex minn barranin li jispiċċaw bla saqaf fuq rashom. Fil-fatt, fl-għaxar xhur ta' din is-sena kien hemm 111-il każ ta' talbiet minn persuni li talbu biex ikollhom saqaf fuq rashom. Dan ifisser każ ta' persuna bla saqaf kull tlett ijiem. Minn dawn kien hemm 27 persuna li kienu Maltin u 84 persuna kienu barranin li l-maġġoranza tagħhom huma Ingliżi, Libjani, Sudaniżi u Taljani.

IT-TORĊA tkellmet dwar din ir-realtà mad-Direttur tal-Fergħa t'Għawdex tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS), Mons Dr Joe Vella Gauci.

Mons Vella Gauci jidikjara li, "fil-kumdità ta' djarna wieħed forsi ma jimmaġinax li l-faqar f'Malta huwa reali, però ċirkustanzi diversi jistgħu jwasslu sabiex persuna ssib ruħha f'sitwazzjoni ta' diffikultà finanzjarja. Id-Direttorat tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) f'Għawdex ta' kuljum jaħdem ma' persuni li jkollhom diffikultà biex jipprovdu l-ikel fuq il-mejda, il-ibbsu lil uliedhom u anke ta' nies li ma għandhomx saqaf fuq rashom."

Itenni li "din is-sena, f'Għawdex sa issa tqassmu total ta' 3,534 kaxxa tal-ikel lil persuni fil-bżonn - 452 kaxxa mill-programm tal-FEAD, 2,695 kaxxa mill-programm tal-SFFD, 213-il kaxxa b'donazzjoni lil persuni li ma jkollhomx x'jieklu u 120 kaxxa b'donazzjoni lil residenzi għall-persuni vulnerabbli f'Għawdex. Apparti minn hekk, id-Direttorat tal-FSWS ħa ħsieb li jagħmel fond finanzjarju għall-każijiet ta' emerġenza peress li ġieli jkun hemm bżonn li jinxtraw affarijiet bħal ħalib għat-trabi u ħrieqi. Jitqassmu wkoll ħwejjeġ u oġġetti oħra skont d-disponibilità tad-Direttorat."

Jenfasizza li "minn Jannar tal-2021 sal-ġurnata tal-lum, id-Direttorat tal-FSWS f'Għawdex kellu 111-il talba għal xelter minn persuni mingħajr saqaf fuq rashom. Ta' min isemmi li minn dawn it-talbiet 26 kienu nisa u 85 kienu rġiel, u 27 persuna kienu Maltin u 84 persuna kienu barranin li l-maġġoranza tagħhom huma Ingliżi, Libjani, Sudaniżi u Taljani. Ma kienx hemm Għawdxin li talbu din l-għajnuna. Biex ikunu nistgħu nakkomodaw lil dawn il-persuni, id-Direttorat jaħdem ma' Dar Emmaus, post li jilqa' persuni li ma għandhomx saqaf fuq rashom u li din is-sena laqa' 33 individwu. Peress li l-maġġoranza ta' dawn il-persuni huma barranin, ħafna drabi jkunu waħedhom u mingħajr sistema ta' support madwarhom. Ħafna minn dawn il-każijiet ikunu waslu f'sitwazzjoni daqs tant kritika wkoll minħabba n-nuqqas ta' xogħol għal raġunijiet varji li jistgħu jinkludu nuqqas ta' għarfien fil-lingwa Maltija jew Ingliża, nuqqas ta' ħiliet u mard. Il-ħaddiema soċjali jagħmlu l-assessjar tal-każ, ifasslu pjan mal-klijent sabiex jgħinuh isib xogħol u post alternattiv biex ikollu aktar stabbiltà, u jibqgħu jsegwu lill-persuna anke wara li jkun ħareġ mix-xelter."

Jisħaq li, "id-Direttorat tal-FSWS f'Għawdex ħaseb ukoll sabiex ikollu 4 appartamenti ddedikati għal residenza aktar fit-tul sabiex dawn il-persuni jkunu megħjuna jqumu fuq saqajhom u jgħixu b'mod aktar indipendenti. Sakemm dawn l-appartamenti qed jiġu mħejjija, id-Direttorat addatta Dar Trionfi, fir-Rabat Għawdex, proprjetà tad-Djoċesi t'Għawdex sabiex tintuża għal dan l-iskop."

# Arsema nstabet u issa tinsab f'post sigur






VICTOR VELLA
vvella@unionprint.com.mt

Il-każ ta' Arsema li nħatfet mill-omm bijoloġika tagħha u nħarġet minn pajjiżna u dan meta din kienet taħt ordni ta' ħarsien, kellu żvolta pożittiva għax hi nstabet u issa tinsab f'post sigur. Hi kienet inħatfet fid-9 ta' Ottubru tas-sena li għaddiet u minn dakinhar il-ġenituri li kienu jiffosterjawha ma rawhiex aktar.

Dwar dan il-każ kienet għaddejja ħidma fil-kwiet ħafna. Fil-fatt kien stabbilit f'liema pajjiż qiegħda Arsema u wara finalment ġiet lokalizzata. Fil-fatt fl-aħħar sigħat, it-tifla nstabet fir-Renju Unit u hi għaddiet għand l-awtoritajiet tal-post. It-tifla fil-fatt tinsab f'post sigur.

IT-TORĊA hi infurmata li fis-sigħat li ġejjin għandha tiltaqa' b'urġenza l-Qorti fir-Renju Unit biex it-tifla tintbagħat lejn pajjiżna. Mhux magħruf jekk l-omm bijoloġika hux se tkun qed tinġieb ukoll lejn pajjiżna.

Il-Qorti kienet iddikjarat li minkejja li t-tifla ta' seba' snin inħatfet minn ommha bijoloġika, dan xorta waħda hu reat.

Irid jingħad li dan il-każ kien issemma fil-Parlament ftit jiem ilu, bil-Ministru Michael Falzon jiddikjara li "dwar il-każ ta' Arsema ngħid li kieku ma kienx hawn min ipprova jdaħħak b'dan il-każ, jien nemmen li konna nimxu aktar. Ftit ilu ffirmajt estensjoni ta' ordni u għalhekk tawwalna ż-żmien mal-awtoritajiet Ingliżi biex din tibqa' fis-seħħ u jkun hemm aktar ċans biex din tinġab f'pajjiżna. Jien li nista' ngħid li kull darba li kellhom imqar biċċa informazzjoni dejjem għaddewha l-Pulizija."

# 59 każ ġdid ta' Covid-19... imut raġel ta' 71 sena



Minn l-aħħar aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-Covid-19 f'pajjiżna tħabbar li miet raġel ta' 71 sena biex b'hekk il-vittmi issa telgħu għal 463 persuna.

Sar magħruf ukoll li nstabu 59 każ ġdid ta' COVID-19 fl-aħħar 24 siegħa. Fieqa 45 persuna oħra, u b'hekk, in-numru ta' każijiet attivi fil-komunità tela' għal 766 persuna.

# U*BET

MATCH PROGRAMME 1727 | SUNDAY 21/11/21

| LIVE BETTING | LEAGUE | KICK OFF | EVENT CODE | TEAM | FINAL RESULT | | | TEAM | GOALS | HANDICAP | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | HOME | 1 | X | 2 | AWAY | | 1 | X | 2 |
| | | | | **SUNDAY 21ST NOVEMBER** | | | | | | | | |
| LB | AUS | 08:15 | 907 | MACARTHUR FC | 2.10 | 3.00 | 2.70 | WELL. PHOENIX | -1 | 4.00 | 3.60 | 1.38 |
| LB | KOR | 08:30 | 908 | DAEGU | 2.00 | 3.00 | 2.90 | SUWON SB | -1 | 3.75 | 3.30 | 1.48 |
| LB | KOR | 08:30 | 909 | ULSAN | 1.68 | 3.20 | 3.75 | JEJU UTD | -1 | 2.80 | 3.15 | 1.75 |
| LB | TUR | 11:30 | 917 | KASIMPASA | 2.20 | 3.05 | 2.55 | KARAGUMRUK | -1 | 4.00 | 3.60 | 1.38 |
| | POC | 12:00 | 921 | FC SERPA | 10.50 | 5.00 | 1.12 | ESTORIL | 1 | 3.45 | 4.00 | 1.40 |
| LB | RUS | 12:00 | 924 | CSKA MOSCOW | 1.35 | 3.75 | 5.50 | KHIMKI FK | -1 | 2.15 | 3.10 | 2.15 |
| LB | RUS | 12:00 | 925 | ROSTOV | 1.62 | 3.15 | 4.00 | UFA | -1 | 2.85 | 3.05 | 1.75 |
| | SPA3 | 12:00 | 927 | A. BILBAO B | 1.90 | 2.95 | 3.15 | T.D.LA REINA | -1 | 3.60 | 3.30 | 1.50 |
| | SPA3 | 12:00 | 928 | ATL BALEARES | 1.68 | 3.00 | 3.90 | UCAM MURCIA | -1 | 2.95 | 3.15 | 1.68 |
| | SPA3 | 12:00 | 929 | CORNELLA | 1.78 | 2.90 | 3.60 | SEVILLA B | -1 | 3.25 | 3.15 | 1.60 |
| | SPA3 | 12:00 | 930 | RAYO MAJAD. | 2.55 | 2.90 | 2.25 | LA CORUNA | 1 | 1.35 | 3.50 | 4.50 |
| | SPA3 | 12:00 | 931 | TUDELANO | 3.15 | 2.95 | 1.90 | UD LOGRONES | 1 | 1.50 | 3.25 | 3.60 |
| LB | HOL | 12:15 | 934 | GO A. EAGLES | 2.15 | 3.15 | 2.75 | GRONINGEN | -1 | 3.75 | 3.75 | 1.55 |
| LB | IT1 | 12:30 | 278 | SASSUOLO | 1.52 | 4.10 | 4.60 | CAGLIARI | -1 | 2.35 | 3.60 | 2.15 |
| LB | POL | 12:30 | 937 | NIECIECZA | 1.65 | 3.15 | 3.90 | GORNIK LECZNA | -1 | 2.70 | 3.20 | 1.75 |
| LB | FRA | 13:00 | 279 | BREST | 2.90 | 3.25 | 2.00 | LENS | 1 | 1.52 | 3.90 | 3.75 |
| LB | ENC | 13:00 | 836 | DERBY COUNTY | 4.30 | 3.35 | 1.60 | BOURNEMOUTH | 1 | 2.00 | 3.30 | 2.75 |
| LB | GER3 | 13:00 | 945 | V. BERLIN | 2.00 | 3.10 | 2.75 | W. KICKERS | -1 | 3.90 | 3.60 | 1.40 |
| | SVN | 13:00 | 961 | N.T.SEZANA | 2.40 | 2.85 | 2.30 | ASK BRAVO | -1 | 4.50 | 3.35 | 1.32 |
| | UKR | 13:00 | 963 | FC MINAJ | 2.60 | 2.90 | 2.25 | INGULETS | -1 | 4.75 | 3.60 | 1.32 |
| LB | BEL | 13:30 | 965 | ANDERLECHT | 1.35 | 4.20 | 5.75 | KORTRIJK | -1 | 2.15 | 3.60 | 2.30 |
| LB | GER2 | 13:30 | 968 | DYN. DRESDEN | 2.60 | 3.05 | 2.25 | F. DUSSELDORF | 1 | 1.40 | 4.10 | 4.50 |
| LB | GER2 | 13:30 | 969 | HEIDENHEIM | 1.98 | 3.15 | 3.05 | HOLSTEIN KIEL | -1 | 3.75 | 3.90 | 1.52 |
| LB | GER2 | 13:30 | 970 | INGOLSTADT | 2.80 | 3.10 | 2.12 | KARLSRUHER | 1 | 1.50 | 3.90 | 3.90 |
| LB | URU | 13:45 | 1238 | RENTISTAS | 2.20 | 3.05 | 2.55 | PROGRESO | -1 | 3.75 | 3.30 | 1.40 |
| LB | SP1 | 14:00 | 280 | GETAFE | 1.75 | 3.00 | 4.10 | CADIZ | -1 | 3.75 | 3.25 | 1.72 |
| LB | DEN | 14:00 | 974 | NORDSJAELLAND | 2.65 | 3.15 | 2.05 | SILKEBORG | 1 | 1.40 | 3.75 | 3.75 |
| LB | DEN | 14:00 | 975 | RANDERS | 1.42 | 3.75 | 4.75 | VEJLE | -1 | 2.15 | 3.20 | 2.10 |
| LB | GER3 | 14:00 | 985 | WAL.MANNHEIM | 2.25 | 3.00 | 2.45 | OSNABRUCK | -1 | 4.00 | 3.60 | 1.38 |
| LB | IT2 | 14:00 | 986 | PARMA | 1.40 | 3.75 | 5.00 | COSENZA | -1 | 2.35 | 3.20 | 1.95 |
| LB | IT2 | 14:00 | 987 | REGGINA | 2.20 | 2.75 | 2.75 | CREMONESE | -1 | 4.50 | 3.50 | 1.35 |
| LB | SP2 | 14:00 | 991 | CARTAGENA | 1.80 | 2.85 | 3.60 | BURGOS | -1 | 3.30 | 3.20 | 1.58 |
| LB | TUR | 14:00 | 996 | ALTAY | 2.05 | 3.05 | 2.80 | A. DEMIRSPOR | -1 | 4.00 | 3.60 | 1.38 |
| LB | TUR | 14:00 | 997 | KONYASPOR | 1.60 | 3.20 | 4.10 | RIZESPOR | -1 | 2.35 | 3.25 | 1.95 |
| LB | SWI | 14:15 | 1000 | ST GALLEN | 1.70 | 3.25 | 3.50 | LAUSANNE | -1 | 2.70 | 3.50 | 1.68 |
| LB | AUT | 14:30 | 1001 | A. KLAGENFURT | 2.65 | 3.20 | 2.00 | AUSTRIA WIEN | 1 | 1.45 | 3.60 | 3.60 |
| LB | AUT | 14:30 | 1002 | WATTENS | 3.10 | 3.40 | 1.78 | WOLFSBERGER | 1 | 1.55 | 3.50 | 3.10 |
| | BUL | 14:30 | 1003 | CSKA 1948 | 4.50 | 3.75 | 1.42 | LUDOGORETS | 1 | 2.00 | 3.20 | 2.15 |
| LB | HOL | 14:30 | 1005 | FEYENOORD | 1.15 | 5.60 | 9.75 | ZWOLLE | -1 | 1.52 | 3.90 | 3.75 |
| LB | HOL | 14:30 | 1006 | HEERENVEEN | 1.88 | 3.35 | 3.20 | WILLEM | -1 | 3.45 | 3.75 | 1.60 |
| LB | RUS | 14:30 | 1018 | DINAMO MOS- | 1.28 | 4.10 | 6.25 | ARSENAL TULA | -1 | 1.95 | 3.15 | 2.40 |
| | SAF | 14:30 | 1019 | TS GALAXY | 2.65 | 2.60 | 2.45 | MOROKA SWA. | 1 | 1.30 | 3.30 | 4.90 |
| LB | EPL | 15:00 | 281 | MAN.CITY | 1.09 | 7.25 | 15.50 | EVERTON | -1 | 1.38 | 4.25 | 4.90 |
| LB | FRA | 15:00 | 282 | ANGERS | 1.65 | 3.30 | 4.10 | LORIENT | -1 | 2.85 | 3.35 | 1.90 |
| LB | FRA | 15:00 | 283 | METZ | 2.10 | 3.10 | 2.80 | BORDEAUX | -1 | 4.10 | 3.75 | 1.50 |
| LB | FRA | 15:00 | 287 | STRASBOURG | 1.78 | 3.10 | 3.75 | REIMS | -1 | 3.15 | 3.30 | 1.78 |
| LB | FRA | 15:00 | 288 | TROYES | 2.08 | 3.20 | 2.80 | ST ETIENNE | -1 | 4.10 | 3.90 | 1.48 |
| LB | IT1 | 15:00 | 289 | BOLOGNA | 1.55 | 3.80 | 4.70 | VENEZIA | -1 | 2.50 | 3.50 | 2.10 |
| LB | IT1 | 15:00 | 290 | SALERNITANA | 2.85 | 3.10 | 2.25 | SAMPDORIA | 1 | 1.48 | 3.90 | 4.25 |
| LB | CRO | 15:00 | 1022 | HNK GORICA | 2.10 | 3.05 | 2.65 | LOKOMOTIVA | -1 | 3.50 | 3.45 | 1.48 |
| LB | CZE | 15:00 | 1023 | KARVINA | 2.90 | 2.95 | 2.00 | S. LIBEREC | 1 | 1.48 | 3.35 | 3.60 |
| LB | CZE | 15:00 | 1024 | SLOVACKO | 2.65 | 3.15 | 2.05 | SPARTA PRAGUE | 1 | 1.45 | 3.60 | 3.60 |
| LB | CZE | 15:00 | 1025 | TEPLICE | 2.20 | 3.00 | 2.55 | PARDUBICE | -1 | 4.25 | 3.50 | 1.38 |
| | INDS | 15:00 | 1026 | E.BENG. CLUB | 2.05 | 3.00 | 2.65 | JAMSHEDPUR | -1 | 3.60 | 3.40 | 1.42 |
| | POC | 15:00 | 1028 | CALDAS SC | 5.25 | 3.90 | 1.38 | BELENENSES | 1 | 2.25 | 3.15 | 2.05 |
| | POC | 15:00 | 1029 | UNIAO SC P. | 3.15 | 3.15 | 1.85 | S.TORREENSE | 1 | 1.55 | 3.35 | 3.25 |
| | POC | 15:00 | 1030 | VILAFRANQU. | 2.70 | 2.95 | 2.10 | CD MAFRA | 1 | 1.42 | 3.40 | 4.00 |
| LB | POL | 15:00 | 1031 | P. SZCZECIN | 1.68 | 3.05 | 3.90 | SLASK WROCLAW | -1 | 2.90 | 3.20 | 1.68 |
| LB | SE1 | 15:00 | 1032 | DEGERFORS | 2.95 | 3.25 | 1.85 | HAMMARBY | 1 | 1.50 | 3.60 | 3.30 |
| LB | SE1 | 15:00 | 1033 | HALMSTAD | 2.50 | 2.90 | 2.30 | ELFSBORG | 1 | 1.38 | 3.50 | 4.10 |
| LB | GER | 15:30 | 291 | FREIBURG | 1.85 | 3.35 | 3.20 | E. FRANKFURT | -1 | 3.45 | 3.90 | 1.62 |
| LB | BEL | 16:00 | 1042 | SINT TRUIDEN | 2.50 | 3.15 | 2.30 | ANTWERP | 1 | 1.58 | 3.75 | 3.60 |
| | CYP | 16:00 | 1044 | OMONIA | 1.68 | 3.10 | 3.50 | ARIS LIMASSOL | -1 | 2.80 | 3.15 | 1.65 |
| LB | DEN | 16:00 | 1045 | FC COPENHAGEN | 1.65 | 3.25 | 3.75 | AARHUS GF | -1 | 2.65 | 3.25 | 1.78 |
| LB | SP2 | 16:00 | 1060 | LUGO | 3.20 | 2.75 | 1.95 | EIBAR | 1 | 1.45 | 3.25 | 3.90 |
| | UKR | 16:00 | 1061 | V. POLTAVA | 1.35 | 4.00 | 5.25 | MARIUPOL | -1 | 2.10 | 3.20 | 2.15 |
| LB | SP1 | 16:15 | 292 | GRANADA | 5.75 | 4.30 | 1.33 | REAL MADRID | 1 | 2.45 | 3.60 | 2.10 |
| LB | GRE | 16:15 | 1064 | PANETOLIKOS | 2.10 | 2.65 | 3.05 | A. SMIRNIS | -1 | 3.50 | 3.25 | 1.52 |
| LB | IT2 | 16:15 | 1065 | MONZA | 1.75 | 3.05 | 3.60 | COMO | -1 | 3.15 | 3.20 | 1.62 |
| | SAF | 16:30 | 1067 | MARITZB. UTD | 2.80 | 2.80 | 2.15 | KAIZER CHIEFS | 1 | 1.38 | 3.20 | 4.10 |
| LB | SWI | 16:30 | 1068 | LUGANO | 1.85 | 3.10 | 3.15 | LUZERN | -1 | 3.10 | 3.20 | 1.58 |
| LB | SWI | 16:30 | 1069 | SERVETTE | 1.80 | 3.25 | 3.10 | GRASSHOPPERS | -1 | 2.95 | 3.50 | 1.60 |
| LB | HOL | 16:45 | 1070 | WAALWIJK | 11.50 | 6.50 | 1.10 | AJAX | -1 | 4.25 | 4.40 | 1.40 |
| LB | FRA | 17:00 | 293 | CLERMONT | 3.30 | 3.30 | 1.85 | NICE | 1 | 1.62 | 3.60 | 3.40 |
| LB | AUT | 17:00 | 1071 | STURM GRAZ | 1.75 | 3.35 | 3.20 | LASK LINZ | -1 | 3.05 | 3.40 | 1.60 |
| | BUL | 17:00 | 1072 | LOKO. PLOVDIV | 1.38 | 3.40 | 5.25 | LOKO.SOFIA | -1 | 2.15 | 2.95 | 2.10 |
| LB | NO1 | 17:00 | 1078 | BODO GLIMT | 1.30 | 4.25 | 5.75 | LILLESTROM | -1 | 1.85 | 3.40 | 2.40 |
| LB | NO1 | 17:00 | 1079 | SANDEFJORD | 2.60 | 3.05 | 2.15 | BRANN | 1 | 1.35 | 3.75 | 4.10 |
| LB | NO1 | 17:00 | 1080 | SARPSBORG | 1.80 | 3.25 | 3.15 | ODDS BK | -1 | 3.35 | 3.50 | 1.50 |
| LB | NO1 | 17:00 | 1081 | STABAEK | 2.60 | 3.10 | 2.10 | KRISTIANSUND | 1 | 1.40 | 3.75 | 3.75 |
| LB | NO1 | 17:00 | 1082 | VALERENGA | 1.70 | 3.25 | 3.50 | TROMSO | -1 | 2.75 | 3.45 | 1.68 |
| LB | ROM | 17:00 | 1083 | A. PITESTI | 4.00 | 2.90 | 1.70 | CSU CRAIOVA | 1 | 1.68 | 2.95 | 2.90 |
| | SLC | 17:00 | 1086 | RANGERS | 1.40 | 3.75 | 5.00 | HIBERNIAN | -1 | 2.25 | 3.20 | 2.05 |
| | SPA3 | 17:00 | 1087 | ALBACETE | 2.00 | 2.85 | 3.10 | BARCELONA B | -1 | 3.75 | 3.25 | 1.48 |
| | SPA3 | 17:00 | 1088 | ALGECIRAS CF | 2.30 | 2.85 | 2.50 | TARRAGONA | -1 | 4.75 | 3.50 | 1.32 |

| LIVE BETTING | LEAGUE | KICK OFF | EVENT CODE | TEAM | FINAL RESULT | | | TEAM | GOALS | HANDICAP | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | HOME | 1 | X | 2 | AWAY | | 1 | X | 2 |
| | | | | **SUNDAY 21ST NOVEMBER (CONTINUED)** | | | | | | | | |
| | SPA3 | 17:00 | 1089 | SD LOGRONES | 2.10 | 2.90 | 2.80 | UNION IRUN | -1 | 4.00 | 3.35 | 1.42 |
| | SPA3 | 17:00 | 1090 | ZAMORA | 3.50 | 2.95 | 1.78 | SANTANDER | 1 | 1.60 | 3.15 | 3.25 |
| | SVK | 17:00 | 1092 | ZEMPLIN | 5.25 | 4.00 | 1.35 | S. BRATISLAVA | 1 | 2.25 | 3.30 | 2.00 |
| | SVN | 17:00 | 1093 | MARIBOR | 1.32 | 3.75 | 5.50 | ALUMINIJ | -1 | 1.95 | 3.10 | 2.25 |
| LB | TUR | 17:00 | 1094 | GALATASARAY | 2.00 | 3.05 | 2.90 | FENERBAHCE | -1 | 3.50 | 3.45 | 1.48 |
| LB | EPL | 17:30 | 294 | TOTTENHAM | 1.60 | 3.80 | 4.25 | LEEDS | -1 | 2.60 | 3.50 | 2.00 |
| LB | GER | 17:30 | 295 | MAINZ 05 | 1.88 | 3.40 | 3.05 | COLOGNE | -1 | 3.60 | 3.90 | 1.60 |
| LB | CRO | 17:30 | 1098 | RIJEKA | 2.65 | 3.10 | 2.10 | HAJDUK SPLIT | 1 | 1.38 | 3.60 | 4.00 |
| LB | HUN | 17:30 | 1099 | FERENCVAROS | 1.58 | 3.35 | 3.75 | MOL VIDI | -1 | 2.50 | 3.25 | 1.75 |
| LB | POL | 17:30 | 1110 | GORNIK ZABRZE | 2.65 | 3.00 | 2.15 | LEGIA WARSAW | 1 | 1.40 | 3.50 | 3.90 |
| LB | RUS | 17:30 | 1111 | PFC SOCHI | 1.50 | 3.40 | 4.40 | RUBIN KAZAN | -1 | 2.65 | 3.15 | 1.80 |
| LB | SE1 | 17:30 | 1112 | SIRIUS | 2.55 | 3.00 | 2.20 | GOTHENBURG | 1 | 1.35 | 3.75 | 4.10 |
| LB | SE1 | 17:30 | 1113 | VARBERGS | 2.75 | 2.80 | 2.15 | AIK STOCKHOLM | 1 | 1.40 | 3.45 | 4.10 |
| | POC | 17:45 | 1114 | MOREIRENSE | 2.75 | 3.00 | 2.10 | GUIMARAES | 1 | 1.40 | 3.45 | 4.10 |
| LB | IT1 | 18:00 | 296 | INTER | 2.12 | 3.45 | 3.10 | NAPOLI | -1 | 3.50 | 3.75 | 1.62 |
| | CYP | 18:00 | 1116 | D.KATOKOPIAS | 3.75 | 3.10 | 1.65 | AE LIMASSOL | 1 | 1.78 | 3.10 | 2.50 |
| LB | CZE | 18:00 | 1117 | SLAVIA PRAGUE | 1.17 | 4.90 | 8.25 | JABLONEC | -1 | 1.62 | 3.45 | 2.90 |
| LB | DEN | 18:00 | 1118 | MIDTJYLLAND | 1.60 | 3.40 | 3.75 | BRONDBY | -1 | 2.45 | 3.25 | 1.85 |
| LB | SP2 | 18:15 | 1127 | HUESCA | 1.78 | 2.95 | 3.50 | UD IBIZA E. | -1 | 3.25 | 3.15 | 1.60 |
| LB | SP2 | 18:15 | 1128 | TENERIFE | 1.38 | 3.50 | 5.75 | ALCORCON | -1 | 2.15 | 3.00 | 2.20 |
| LB | SP1 | 18:30 | 297 | ELCHE | 3.35 | 3.10 | 1.88 | BETIS | 1 | 1.62 | 3.75 | 3.75 |
| LB | BEL | 18:30 | 1129 | OOSTANDE | 4.70 | 3.90 | 1.47 | U.S.GILLOISE | 1 | 2.00 | 3.60 | 2.45 |
| LB | GRE | 18:30 | 1130 | AEK ATHENS | 2.70 | 2.80 | 2.20 | OLYMPIACOS | 1 | 1.38 | 3.60 | 4.10 |
| LB | GRE | 18:30 | 1131 | ATROMITOS | 5.75 | 3.20 | 1.45 | PAOK | 1 | 2.00 | 3.10 | 2.35 |
| | UKR | 18:30 | 1132 | D. CHERNIGOV | 1.90 | 3.10 | 2.95 | K. KOVALIVKA | -1 | 3.35 | 3.40 | 1.52 |
| LB | NO1 | 19:00 | 1135 | MOLDE | 1.52 | 3.60 | 4.10 | ROSENBORG | -1 | 2.35 | 3.40 | 1.90 |
| LB | ROM | 19:30 | 1136 | FCSB | 1.65 | 3.20 | 3.90 | BOTOSANI | -1 | 2.55 | 3.05 | 1.78 |
| LB | HUN | 19:45 | 1137 | B. HONVED | 1.75 | 3.15 | 3.25 | MTK | -1 | 2.95 | 3.25 | 1.58 |
| LB | BRA | 20:00 | 1139 | CORINTHIANS | 1.60 | 3.25 | 4.60 | SANTOS | -1 | 2.80 | 3.20 | 1.95 |
| LB | HOL | 20:00 | 1141 | CAMBUUR | 3.45 | 3.60 | 1.72 | UTRECHT | 1 | 1.65 | 3.75 | 3.20 |
| | SVN | 20:15 | 1142 | KOPER | 1.50 | 3.50 | 4.00 | RADOMLJE | -1 | 2.30 | 3.10 | 1.90 |
| LB | IT2 | 20:30 | 1143 | PISA | 2.25 | 3.00 | 2.45 | BENEVENTO | -1 | 3.90 | 3.60 | 1.40 |
| LB | SP2 | 20:30 | 1145 | PONFERRADINA | 2.70 | 2.70 | 2.30 | SPOR. GIJON | -1 | 4.90 | 3.30 | 1.35 |
| LB | FRA | 20:45 | 298 | LYON | 1.72 | 3.70 | 3.35 | MARSEILLE | -1 | 2.85 | 3.75 | 1.78 |
| LB | IT1 | 20:45 | 299 | GENOA | 4.10 | 3.80 | 1.63 | ROMA | 1 | 1.95 | 3.60 | 2.60 |
| LB | SP1 | 21:00 | 300 | SOCIEDAD | 1.57 | 3.50 | 4.30 | VALENCIA | -1 | 2.80 | 3.40 | 1.95 |
| LB | BRA | 21:00 | 1140 | FLUMINENSE | 2.08 | 2.90 | 3.10 | AMERICA MG | -1 | 4.40 | 3.50 | 1.50 |
| LB | ARG | 21:00 | 1146 | ARS. SARANDI | 2.60 | 2.85 | 2.40 | N. OLD BOYS | 1 | 1.35 | 4.00 | 5.25 |
| LB | BEL | 21:00 | 1150 | B. WILRIJK | 3.90 | 3.60 | 1.63 | GENK | 1 | 2.00 | 3.60 | 2.45 |
| LB | MLS | 21:00 | 1152 | NEW YORK CITY | 1.60 | 3.50 | 4.20 | ATLANTA UTD | -1 | 2.70 | 3.50 | 1.90 |
| LB | PER | 21:00 | 1243 | ALIANZA LIMA | 2.75 | 3.05 | 2.05 | SPOR. CRISTAL | 1 | 1.48 | 3.30 | 3.30 |
| | COL | 21:30 | 1154 | ATL NACIONAL | 1.85 | 2.90 | 3.40 | MILLIONARIOS | -1 | 3.30 | 3.10 | 1.52 |
| | COL | 21:30 | 1155 | DEP PASTO | 2.50 | 2.75 | 2.40 | INDEP MEDELLIN | 1 | 1.28 | 3.40 | 4.90 |
| | COL | 21:30 | 1156 | DEP. PEREIRA | 3.25 | 2.85 | 1.90 | A. DE CALI | 1 | 1.45 | 3.10 | 3.75 |
| | COL | 21:30 | 1157 | DEP. TOLIMA | 1.32 | 3.60 | 6.50 | DEP QUINDIO | -1 | 1.95 | 2.90 | 2.35 |
| | COL | 21:30 | 1158 | DEP. CALI | 1.38 | 3.60 | 5.75 | ONCE CALDAS | -1 | 1.90 | 2.95 | 2.40 |
| | COL | 21:30 | 1159 | ENVIGADO | 1.30 | 3.75 | 7.00 | ATL. HUILA | -1 | 1.90 | 2.90 | 2.45 |
| | COL | 21:30 | 1161 | PATRIOTAS | 2.90 | 2.80 | 2.10 | JAGUARES | 1 | 1.42 | 3.15 | 3.90 |
| | COL | 21:30 | 1162 | SANTA FE | 1.32 | 3.60 | 6.75 | RIONEG. AGUIL. | -1 | 1.95 | 2.90 | 2.40 |
| | ECU | 21:30 | 1163 | MUSHUC RUNA | 1.55 | 3.30 | 3.90 | GUAYA. CITY | -1 | 2.50 | 3.05 | 1.80 |
| | ECU | 21:30 | 1164 | ORENSE SC | 2.55 | 3.10 | 2.05 | LDU QUITO | 1 | 1.50 | 3.30 | 3.20 |
| | PAR | 22:00 | 1165 | S. DE AMERICA | 2.70 | 3.05 | 2.10 | OLI. ASUNCION | 1 | 1.48 | 3.40 | 3.20 |
| | BRA | 23:00 | 1169 | BAHIA | 1.75 | 3.15 | 3.80 | CUIABA MT | -1 | 3.40 | 3.35 | 1.70 |
| | ARG | 23:15 | 1172 | RACING CLUB | 2.55 | 2.75 | 2.55 | C. SANTA FE | 1 | 1.35 | 3.90 | 5.50 |
| | MLS | 23:30 | 1173 | PORTLAND | 1.88 | 3.35 | 3.15 | MINNESO. UTD | -1 | 3.30 | 3.90 | 1.62 |
| | | | | **MONDAY 22ND NOVEMBER** | | | | | | | | |
| | MEX | 00:00 | 1175 | TOLUCA | 1.95 | 3.10 | 3.20 | PUMAS UNAM | -1 | 3.40 | 3.60 | 1.65 |
| | PAR | 00:15 | 1176 | N. ASUNCION | 3.05 | 2.90 | 1.95 | CERRO PORTENO | 1 | 1.50 | 3.25 | 3.25 |
| | ARG | 01:30 | 1177 | PLATENSE | 5.00 | 3.60 | 1.48 | RIVER PLATE | 1 | 2.20 | 3.40 | 2.30 |
| | MEX | 02:15 | 1179 | CRUZ AZUL | 2.18 | 2.85 | 2.90 | MONTERREY | -1 | 4.50 | 3.60 | 1.48 |
| | BUL | 16:30 | 1195 | LEVSKI SOFIA | 1.23 | 4.00 | 7.00 | BOTEV VRATSA | -1 | 1.78 | 3.05 | 2.55 |

## FORMULA 1 | QATAR GRAND PRIX | TODAY AT 15:00

### F1 DRIVERS' BETTING | EC 150

| DRIVER | TEAM | RACE | | 1ST DRIVER TO RETIRE | | FASTEST LAP | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ALONSO | ALPINE | 211 | 250.00 | 311 | 15.00 | 411 | 250.00 |
| BOTTAS | MERCEDES | 212 | 13.00 | 312 | 22.00 | 412 | 5.25 |
| GASLY | ALPHATAURI | 213 | 90.00 | 313 | 12.00 | 413 | 40.00 |
| GIOVINAZZI | ALFA ROMEO RACING | 214 | 500.00 | 314 | 17.00 | 414 | 250.00 |
| HAMILTON | MERCEDES | 215 | 1.55 | 315 | 20.00 | 415 | 2.75 |
| LATIFI | WILLIAMS | 216 | 500.00 | 316 | 13.00 | 416 | 250.00 |
| LECLERC | FERRARI | 217 | 45.00 | 317 | 25.00 | 417 | 16.00 |
| MAZEPIN | HAAS | 218 | 500.00 | 318 | 10.00 | 418 | 250.00 |
| NORRIS | MCLAREN | 219 | 60.00 | 319 | 25.00 | 419 | 32.00 |
| OCON | ALPINE | 220 | 250.00 | 320 | 13.00 | 420 | 250.00 |
| PEREZ | RED BULL | 221 | 15.00 | 321 | 25.00 | 421 | 4.75 |
| RAIKKONEN | ALFA ROMEO RACING | 222 | 500.00 | 322 | 22.00 | 422 | 250.00 |
| RICCIARDO | MCLAREN | 223 | 90.00 | 323 | 22.00 | 423 | 40.00 |
| RUSSELL | WILLIAMS | 224 | 500.00 | 324 | 17.00 | 424 | 100.00 |
| SAINZ | FERRARI | 225 | 60.00 | 325 | 22.00 | 425 | 25.00 |
| SCHUMACHER | HAAS | 226 | 500.00 | 326 | 12.00 | 426 | 250.00 |
| STROLL | ASTON MARTIN | 227 | 500.00 | 327 | 13.00 | 427 | 250.00 |
| TSUNODA | ALPHATAURI | 228 | 500.00 | 328 | 11.00 | 428 | 250.00 |
| VERSTAPPEN | RED BULL | 229 | 2.40 | 329 | 13.00 | 429 | 2.75 |
| VETTEL | ASTON MARTIN | 230 | 250.00 | 330 | 22.00 | 430 | 250.00 |

Maltco Lotteries | mga licensed, operating under licence no. LGA/NL/02 | PLAY RESPONSIBLY 18+ www.rgf.org.mt

Note: All odds are subject to fluctuation. Football long list bets are at 90 minutes play including injury time. Pre-game betting is allowed up till the final moments before the scheduled start of the match. Except in case of live betting, cancellation is allowed up to 5 minutes after the ticket was issued, or until the scheduled start of the first event in chronological order included on the coupon, whichever is earlier. Matches which are marked available for LIVE BETTING are indicative and the number of matches offered can both increase or decrease. For Rules and Regulations please refer to the U*BET players booklet at any Maltco Lotteries POS.